B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1411 tat-18 ta' Ottubru, 2024, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f'Ħal Tarxien', għandha ssir din il-kjarifika kif indikata b'tipi **grassi**.

8th November, 2024

No. 1555

NUMBERING OF DOORS AT ĦAL TARXIEN

Clarification

WITH reference to Government Notice No. 1411 dated 18th October, 2024, under the title 'Numbering of doors at Ħal Tarxien', the following clarification in **bold** should be made.

ĦAL TARXIEN

38. TRIQ LANZON

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Santa Marija
Left side entering from Triq Santa Marija

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Santa Marija
Right side entering from Triq Santa Marija

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Dawret il-Ġilju	64

għandha tinqara
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Dwejret il-Ġilju	64

It-8 ta' Novembru, 2024

Nru. 1556

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi, fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu

8th November, 2024

No. 1556

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT (CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that, on the date shown hereunder, the price of gold and silver on

huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:

which valuations made by the Consul for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
8.11.2024	€80.659	€0.945

It-8 ta' Novembru, 2024

8th November, 2024

Nru. 1557

No. 1557

AĠENZIJA GĦAL INFRASTRUTTURA MALTA

AGENCY FOR INFRASTRUCTURE MALTA

Tlestija tal-Formazzjoni tat-Triq u Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

Completion of Road Formation and Traffic and Parking Suspension

BIS-SAĦĦA tal-Artikolu tmintax [18] tal-Avviż Legali 291 tal-2018, l-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tavża bl-intenzjoni tagħha illi tlesti l-formazzjoni ta':

Triq Wied il-Għajn, iż-Żejtun (indikat fuq il-pjanta fuq paġna 27,812).

Misraħ Mikiel Anton Vassalli, iż-Żejtun (indikat fuq il-pjanta fuq paġna 27,813).

Triq San Alfonsu, iż-Żejtun (indikat fuq il-pjanta fuq paġna 27,814).

Triq il-Qadi, iż-Żejtun (indikat fuq il-pjanta fuq paġna 27,815).

Triq Dun Mikiel Cassar, iż-Żejtun (indikat fuq il-pjanta fuq paġna 27,816).

Triq San Duminku, iż-Żejtun (indikat fuq il-pjanta fuq paġna 27,817).

Kull persuna illi skont il-liġi għandha l-obbligu li tifforma din it-triq [inkluż billi takkwista l-art neċessarja għall-istess formazzjoni] għandha sa ħmistax [15]- il jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż sabiex twettaq l-obbligi tagħha skont il-liġi. Fin-nuqqas, l-Aġenzija għall-Infrastruttura Malta tgħaddi sabiex tagħmel l-istess xogħol ta' formazzjoni hi stess skont is-saħħa lilha mogħtija mill-liġi u a spejjeż tal-persuni li huma legalment obbligati jifformaw it-triq.

L-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħarraf li bejn it-18 ta' Novembru, 2024 u l-31 ta' Mejju, 2025, se tkun qed tibda xogħlijiet fi Triq Wied il-Għajn, iż-Żejtun. L-aċċess għall-vetturi u l-parkeġġ f'din it-triq jistgħu jkunu ristretti waqt ċerti xogħlijiet. Tabelli awtorizzati minn Transport Malta biex jinfurmaw lill-pubbliku li ma jistax isir parkeġġ jitwaħħlu fil-post konċernat qabel ma jidħlu fis-seħħ tali restrizzjonijiet tal-parkeġġ.

IN virtue of Article eighteen [18] of Legal Notice 291 of 2018, the Agency for Infrastructure Malta hereby gives official notice of its intention to complete the formation of:

Triq Wied il-Għajn, Żejtun (indicated on site plan on page 27,812).

Misraħ Mikiel Anton Vassalli, Żejtun (indicated on site plan on page 27,813).

Triq San Alfonsu, Żejtun (indicated on site plan on page 27,814).

Triq il-Qadi, Żejtun (indicated on site plan on page 27,815).

Triq Dun Mikiel Cassar, Żejtun (indicated on site plan on page 27,816).

Triq San Duminku, Żejtun (indicated on site plan on page 27,817).

Any person who is obliged by law to form said road [including by acquiring land necessary for the same formation] has fifteen [15] days from the date of the publication of this notice within which to comply with his obligations at law. In default, the Agency for Infrastructure Malta shall itself proceed with the formation of this road in accordance with its powers at law and at the expense of those persons whose obligation it is to form the road.

The Agency for Infrastructure Malta notifies that between 18th November, 2024 and 31st May, 2025, it will be starting road works in Triq Wied il-Għajn, Żejtun Vehicular access and on-street parking in this road may be restricted during certain works. "No Parking" signs authorised by Transport Malta will be affixed on site before such parking restrictions come in force.

L-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħarraf li bejn it-18 ta' Novembru, 2024 u l-31 ta' Mejju, 2025,se tkun qed tibda xogħlijiet f'Misraħ Mikiel Anton Vassalli, iż-Żejtun. L-aċċess għall-vetturi u l-parkeġġ f'din it-triq jistgħu jkunu ristretti waqt ċerti xogħlijiet. Tabelli awtorizzati minn Transport Malta biex jinfurmaw lill-pubbliku li ma jistax isir parkeġġ jitwaħħlu fil-post konċernat qabel ma jidħlu fis-seħħ tali restrizzjonijiet tal-parkeġġ.

The Agency for Infrastructure Malta notifies that between 18th November, 2024 and 31st May, 2025, it will be starting road works in Misraħ Mikiel Anton Vassalli, Żejtun. Vehicular access and on-street parking in this road may be restricted during certain works. "No Parking" signs authorised by Transport Malta will be affixed on site before such parking restrictions come in force.

L-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħarraf li bejn it-18 ta' Novembru, 2024 u l-31 ta' Mejju, 2025, se tkun qed tibda xogħlijiet fi Triq San Alfonsu, iż-Żejtun. L-aċċess għall-vetturi u l-parkeġġ f'din it-triq jistgħu jkunu ristretti waqt ċerti xogħlijiet. Tabelli awtorizzati minn Transport Malta biex jinfurmaw lill-pubbliku li ma jistax isir parkeġġ jitwaħħlu fil-post konċernat qabel ma jidħlu fis-seħħ tali restrizzjonijiet tal-parkeġġ.

The Agency for Infrastructure Malta notifies that between 18th November, 2024 and 31st May, 2025, it will be starting road works in Triq San Alfonsu, Żejtun. Vehicular access and on-street parking in this road may be restricted during certain works. "No Parking" signs authorised by Transport Malta will be affixed on site before such parking restrictions come in force.

L-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħarraf li bejn it-18 ta' Novembru, 2024 u l-31 ta' Mejju, 2025, se tkun qed tibda xogħlijiet fi Triq il-Qadi, iż-Żejtun. L-aċċess għall-vetturi u l-parkeġġ f'din it-triq jistgħu jkunu ristretti waqt ċerti xogħlijiet. Tabelli awtorizzati minn Transport Malta biex jinfurmaw lill-pubbliku li ma jistax isir parkeġġ jitwaħħlu fil-post konċernat qabel ma jidħlu fis-seħħ tali restrizzjonijiet tal-parkeġġ.

The Agency for Infrastructure Malta notifies that between 18th November, 2024 and 31st May, 2025, it will be starting road works in Triq il-Qadi, Żejtun. Vehicular access and on-street parking in this road may be restricted during certain works. "No Parking" signs authorised by Transport Malta will be affixed on site before such parking restrictions come in force.

L-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħarraf li bejn it-18 ta' Novembru, 2024 u l-31 ta' Mejju, 2025, se tkun qed tibda xogħlijiet fi Triq Dun Mikiel Cassar, iż-Żejtun. L-aċċess għall-vetturi u l-parkeġġ f'din it-triq jistgħu jkunu ristretti waqt ċerti xogħlijiet. Tabelli awtorizzati minn Transport Malta biex jinfurmaw lill-pubbliku li ma jistax isir parkeġġ jitwaħħlu fil-post konċernat qabel ma jidħlu fis-seħħ tali restrizzjonijiet tal-parkeġġ.

The Agency for Infrastructure Malta notifies that between 18th November, 2024 and 31st May, 2025, it will be starting road works in Triq Dun Mikiel Cassar, Żejtun. Vehicular access and on-street parking in this road may be restricted during certain works. "No Parking" signs authorised by Transport Malta will be affixed on site before such parking restrictions come in force.

L-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħarraf li bejn it-18 ta' Novembru, 2024 u l-31 ta' Mejju, 2025, se tkun qed tibda xogħlijiet fi Triq San Duminku, iż-Żejtun. L-aċċess għall-vetturi u l-parkeġġ f'din it-triq jistgħu jkunu ristretti waqt ċerti xogħlijiet. Tabelli awtorizzati minn Transport Malta biex jinfurmaw lill-pubbliku li ma jistax isir parkeġġ jitwaħħlu fil-post konċernat qabel ma jidħlu fis-seħħ tali restrizzjonijiet tal-parkeġġ.

The Agency for Infrastructure Malta notifies that between 18th November, 2024 and 31st May, 2025, it will be starting road works in Triq San Duminku, Żejtun. Vehicular access and on-street parking in this road may be restricted during certain works. "No Parking" signs authorised by Transport Malta will be affixed on site before such parking restrictions come in force.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż u t-tabelli relatati fuq il-post biex ma jsirx parkeġġ, ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.


Vehicles found in contravention to the order of this notice and to the related "no parking" signs on site are liable to be towed.

Aktar informazzjoni jew għajnuna tista' tinkiseb permezz ta' ittra elettronika lil (info.im@infrastructuremalta.com).

Further assistance or more information may be obtained by email to (info.im@infrastructuremalta.com).

It-8 ta' Novembru, 2024

8th November, 2024



INFRASTRUCTURE MALTA

Revision	Alterations	Drawn	Checked	Approved	Date

CHIEF EXECUTIVE OFFICER: Ivan Falzon

S:\Traffic Management\2023\Zejtun\2023 Zejtun.dwg

UNIT NAME: IMPLEMENTATION

HEAD OF UNIT: N.V.

PROJECT LEADER: -

DRAWN BY: -

DRAWING TITLE: IŻ-ŻEJTUN

po Triq Wied il-Ghajn - SITE PLAN

(Extents of works AREN't binding but indicative)

DATE:	FILE NO:	DRAWING NO:
April 2023	-	IMD160/23

SHEET SIZE:	SCALE:	REVISION:	PAGE NO:
A4	1 : 2500	A	3




INFRASTRUCTURE MALTA

CHIEF EXECUTIVE OFFICER: Ivan Falzon

S:\Traffic Management\2023\Zejtun\2023 Zejtun.dwg

UNIT NAME: IMPLEMENTATION	DRAWING TITLE: IŻ-ŻEJTUN Misrah Mikiel Anton Vassalli - SITE PLAN (Extents of works AREN't binding but indicative)			
HEAD OF UNIT: N.V.				
PROJECT LEADER: -	DATE: JUNE 2023	FILE NO: -	DRAWING NO: IMD217/23	
DRAWN BY: -	SHEET SIZE: A4	SCALE: 1 : 2500	REVISION: A	PAGE NO: 6



INFRASTRUCTURE MALTA

Issues	Alterations	Drawn	Checked	Approved	Date

CHIEF EXECUTIVE OFFICER: Ivan Falzon

S:\Traffic Management\2023\Zejtun\2023 Zejtun.dwg

UNIT NAME: IMPLEMENTATION

HEAD OF UNIT: N.V.


PROJECT LEADER: -

DRAWN BY: -

DRAWING TITLE: IŻ-ŻEJTUN
Triq San Alfonsu - SITE PLAN
(Extents of works AREN't binding but indicative)

DATE:	FILE NO:	DRAWING NO:
JUNE 2023	-	IMD218/23

SHEET SIZE:	SCALE:	REVISION:	PAGE NO:
A4	1 : 2500	A	6




INFRASTRUCTURE MALTA

UNIT NAME:	IMPLEMENTATION
HEAD OF UNIT:	N.V.
PROJECT LEADER:	-
DRAWN BY:	-
CHIEF EXECUTIVE OFFICER:	Ivan Falzon
DRAWING TITLE:	IŻ-ŻEJTUN Triq il-Qadi - SITE PLAN (Extents of works AREN't binding but indicative)
DATE:	JUNE 2023
FILE NO:	-
DRAWING NO:	IMD219/23
SHEET SIZE:	A4
SCALE:	1 : 2500
REVISION:	A
PAGE NO:	8

Revision | Alterations | Drawn | Checked | Approved | Date

S:\Traffic Management\2023\Zejtun\2023 Zejtun.dwg




INFRASTRUCTURE MALTA

Issue	Alterations	Drawn	Checked	Approved	Date

CHIEF EXECUTIVE OFFICER: Ivan Falzon

S:\Traffic Management\2023\Zejtun\2023 Zejtun.dwg

UNIT NAME: IMPLEMENTATION	DRAWING TITLE: IŻ-ŻEJTUN Triq Dun Mikiel Cassar - SITE PLAN (Extents of works AREN't binding but indicative)			
HEAD OF UNIT: N.V.				
PROJECT LEADER: -	DATE: JUNE 2023	FILE NO: -	DRAWING NO: IMD220/23	
DRAWN BY: -	SHEET SIZE: A4	SCALE: 1 : 2500	REVISION: A	PAGE NO: 9



INFRASTRUCTURE MALTA

Revision	Alterations	Drawn	Checked	Approved	Date

CHIEF EXECUTIVE OFFICER: Ivan Falzon

S:\Traffic Management\2023\Zejtun\2023 Zejtun.dwg

UNIT NAME: IMPLEMENTATION

HEAD OF UNIT: N.V.

PROJECT LEADER: -

DRAWN BY: -

DRAWING TITLE: IŻ-ŻEJTUN
Triq San Duminku - SITE PLAN
(Extents of works AREN't binding but indicative)

DATE:	FILE NO:	DRAWING NO:
JUNE 2023	-	IMD221/23

SHEET SIZE:	SCALE:	REVISION:	PAGE NO:
A4	1 : 2500	A	10

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 250

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 101/97 it-toroq li jidhru hawn taħt se jiġu kklassifikati bħala tow zones, hekk kif indikat.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li l-passaġġ u t-twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Santa Luċija

Kull moviment tat-traffiku (passaġġ u parkeġġ) huwa pprojbit f'dawn id-dati u ħinijiet hawn taħt:

Nhar is-Sibt, 9 ta' Novembru, 2024, mid-9.30 a.m. san-12.30 p.m., minn Triq il-Pepprin.

It-trasport pubbliku se jiġi affettwat.

Is-Siġġiewi

Nhar il-Ħadd, 10 ta' Novembru, 2024, mit-8.00 a.m. sa nofsillejl minn Misraħ San Nikola (ħdejn iż-żewġ parkeġġi ta' ħdejn l-għassa tal-pulizija), u mill-10.00 a.m. sa nofsillejl minn Triq Santa Margerita, Triq Tan-Nofs, Triq Ħal Niklusi, Triq San Nikola, Triq l-Imdina u Triq Mons. Mikiel Azzopardi.

It-trasport pubbliku se jkun affettwat.

Ħaż-Żebbuġ

Nhar il-Ħadd, 10 ta' Novembru, 2024, mit-8.00 a.m. sa nofsinhar, minn Triq Sciortino.

It-trasport pubbliku se jkun affettwat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-8 ta' Novembru, 2024

POLICE NOTICE

No. 250

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97 the streets listed hereunder are to be classified as tow zones on the dates and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Santa Luċija

All traffic movement (transit and parking) is prohibited on the date and time hereunder:

On Saturday, 9th November, 2024, from 9.30 a.m. till 12.30 p.m., through Triq il-Pepprin.

Public transport will be affected.

Siġġiewi

On Sunday, 10th November, 2024, from 8.00 a.m. till midnight through Misraħ San Nikola (next to the police station's two parking spaces), and from 10.00 a.m. till midnight through Triq Santa Margerita, Triq Tan-Nofs, Triq Ħal Niklusi, Triq San Nikola, Triq l-Imdina and Triq Mons. Mikiel Azzopardi.

Public transport will be affected.

Ħaż-Żebbuġ

On Sunday, 10th November, 2024, from 8.00 a.m. till noon, through Triq Sciortino.

Public transport will be affected.

Vehicles found in contravention to the order of this notice will be liable to be towed

8th November, 2024

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 251

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.05 u l-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.13, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklasifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-

POLICE NOTICE

No. 251

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Subsidiary Legislation 65.05 and Subsidiary Legislation 65.13, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones.

In virtue of Section 52 (1) of the Traffic Regulations (Chapter 65). The Commissioner of Police hereby notifies

Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan jista' jagħti l-każ li ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Iż-Żurrieq

Mill-Ġimgħa, 22 ta' Novembru, 2024, mis-7.00 a.m. sat-Tlieta, 26 ta' Novembru, 2024, fit-8.00 a.m. minn Misraħ ir-Repubblika, Triq Pietru Pawl Saydon u t-triq prinċipali;

Nhar is-Sibt, 23 ta' Novembru, 2024, mill-5.00 p.m. sa nofsillejl, minn Triq il-Kbira, Misraħ ir-Repubblika, Triq Pietru Pawl Saydon, Triq il-Ħaddiema u Triq Santa Katarina;

Nhar il-Ħadd, 24 ta' Novembru, 2024, mit-8.00 a.m. sas-2.00 p.m. minn Triq Pietru Pawl Saydon, Misraħ ir-Repubblika, Triq il-Karmnu, Triq Alessandru, Triq San Bartilmew u Triq Santa Katarina;

Nhar it-Tnejn, 25 ta' Novembru, 2024, mis-6.00 p.m. sas-1.00 a.m. minn Triq il-Kbira u Misraħ ir-Repubblika.

It-trasport pubbliku se jkun affettwat.

Il-Ħamrun

Nhar il-Ġimgħa, 6 ta' Diċembru, 2024, mit-8.30 a.m. sal-10.30 a.m., mhux se jkun hemm clearance fi Triq l-Iskola, Triq Maithland, Triq id-Duluri, Triq Pawlu Burlò, Triq il-Kunċizzjoni u Triq Manuel Magri sal-knisja parrokkjali.

L-għeluq tat-toroq u t-trasport pubbliku mhux se jkunu affettwati.

Nhar il-Ħadd, 8 ta' Diċembru, 2024, mit-8.30 a.m. san-12.30 p.m. Fl-10.00 a.m., se jkun hemm purċissjoni u parata minn Triq il-Ferrovija, Triq Indrì Cilia, Triq il-Kunċizzjoni u Triq Manuel Magri sal-knisja parrokkjali tal-Immakulata Kunċizzjoni. F'nofsinhar, l-iscouts se jimxu minn Triq il-Kappillan Muscat, Triq Manuel Magri u Triq id-Duluri sal-kwartieri tagħhom. Fil-11.00 a.m., se jkun hemm ċerimonja fi Pjazza Kappillan Muscat. Mill-10.00 a.m. sal-12.15 p.m., it-trasport pubbliku se jkun iddevjat, u Triq Manuel Magri u Triq il-Kappillan Mifsud se jkunu magħluqa. Mit-8.30 a.m. sa nofsinhar, se jkun hemm clearance ta' żewġ spazji ta' parkeġġ fi Triq Manuel Magri u tliet spazji ta' parkeġġ fi Triq il-Kappillan Mifsud.

L-għeluq tat-toroq u t-trasport pubbliku se jkunu affettwati.

Nhar it-Tlieta, 24 ta' Diċembru, 2024, mill-5.30 p.m. sas-7.30 p.m., mhux se jkun hemm clearance fi Triq Barth, Triq Ġużè Pace, Triq Gafà, Triq Brighella, Triq Eldarado, Triq Fra Diegu, Triq Villambrosa, Triq id-Duluri, Triq Indrì Cilia, Triq il-Kunċizzjoni, Triq il-Fatati, Pjazza Kappillan Muscat u Triq il-Kappillan Mifsud sal-knisja tal-Immakkulata Kunċizzjoni.

that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder may be prohibited on the dates and times indicated.

Żurrieq

From Friday, 22nd November, 2024, from 7.00 a.m., till Tuesday, 26th November, 2024, at 8.00 a.m., through Misraħ ir-Repubblika, Triq Pietru Pawl Saydon and the main street;

On Saturday, 23rd November, 2024, from 5.00 p.m. till midnight, through Triq il-Kbira, Misraħ ir-Repubblika, Triq Pietru Pawl Saydon, Triq il-Ħaddiema and Triq Santa Katarina;

On Sunday, 24th November, 2024, from 8.00 a.m. till 2.00 p.m., through Triq Pietru Pawl Saydon, Misraħ ir-Repubblika, Triq il-Karmnu, Triq Alessandru, Triq San Bartilmew and Triq Santa Katarina;

On Monday, 25th November, 2024, from 6.00 p.m. till 1.00 a.m., through Triq il-Kbira and Misraħ ir-Repubblika.

Public transport will be affected.

Ħamrun

On Friday, 6th December, 2024, from 8.30 a.m. till 10.30 a.m., there will be no clearance in Triq l-Iskola, Triq Maithland, Triq id-Duluri, Triq Pawlu Burlò, Triq il-Kunċizzjoni and Triq Manuel Magri till the parish church.

Closure of streets and public transport will not be affected.

On Sunday, 8th December, 2024, from 8.30 a.m. till 12.30 p.m. At 10.00 a.m., there will be a procession and a parade through Triq il-Ferrovija, Triq Indrì Cilia, Triq il-Kunċizzjoni and Triq Manuel Magri till the parish church of the Immaculate Conception. At noon, scouts will walk through Triq il-Kappillan Muscat, Triq Manuel Magri and Triq id-Duluri till their headquarters. At 11.00 a.m., there will be a ceremony at Pjazza Kappillan Muscat. From 10.00 a.m. till 12.15 p.m., public transport will be deviated, and Triq Manuel Magri and Triq il-Kappillan Mifsud will be closed. From 8.30 a.m. till noon, there will be clearance of two parking spaces in Triq Manuel Magri and three parking spaces in Triq il-Kappillan Mifsud.

Closure of streets and public transport will be affected.

On Tuesday, 24th December, 2024, from 5.30 p.m. till 7.30 p.m., there will be no clearance in Triq Barth, Triq Ġużè Pace, Triq Gafà, Triq Brighella, Triq Eldarado, Triq Fra Diegu, Triq Villambrosa, Triq id-Duluri, Triq Indrì Cilia, Triq il-Kunċizzjoni, Triq il-Fatati, Pjazza Kappillan Muscat and Triq il-Kappillan Mifsud till the church of the Immaculate Conception.

L-għeluq tat-toroq se jkun skont il-bżonn u mhux se jkun hemm devjazzjoni tat-trasport pubbliku.

L-Għarb/ir-Rabat, Għawdex/ix-Xewkija/ Għajnsielem/Il-Qala

Nhar is-Sibt, 7 ta' Diċembru, 2024, mit-7.45 a.m. san-12.30 p.m. minn Triq il-Kunċizzjoni u Pjazza San Karrew, u mill-4.00 p.m. sas-7.15 p.m. minn Pjazza San Karrew.

Nhar il-Ħadd, 8 ta' Diċembru, 2024, min-12.30 p.m. sal-4.00 p.m., minn Pjazza Ta' Pinu, Triq l-Għarb, Triq il-Papa Ġwanni Pawlu II, Triq Sant'Ursula, Pjazza Sabina, Triq Sir Adrian Dingli, Pjazza Indipendenza, Triq ir-Repubblika, Triq Fortunato Mizzi, Triq l-Imġarr, Triq il-Madonna tal-Ħniena, Triq il-Qala, Triq Borġ Għarib, Pjazza Isqof M. Buttigieg, Triq it-28 ta' April, 1688, Pjazza San Ġorġ, Triq il-Kunċizzjoni u Pjazza San Karrew, u mis-2.00 p.m. sat-8.00 p.m. minn Triq il-Kunċizzjoni, Pjazza San Karrew, Triq Santa Marija u Triq is-Salib.

It-trasport pubbliku jista' jkun affettwat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-8 ta' Novembru, 2024

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 252

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Iż-Żejtun

Nhar il-Ħadd, 24 ta' Novembru, 2024, mill-9.45 a.m. san-12.30 p.m., se jkun hemm parata mill-knisja parrokkjali taż-Żejtun, Triq San Girgor, Triq Santu Wistin, Triq id-Duluri, Triq Mikiel Cachia, Triq Bugħarbiel, Triq il-Qadi, Triq il-Marrubja, Triq il-Ġiebja Rumana, Triq l-Isqof Emmanuel Galea u Triq San Girgor sad-Domus.

It-trasport pubbliku se jkun affettwat sakemm tgħaddi l-parata.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-8 ta' Novembru, 2024

Closure of streets will be as required and no diversion is needed for public transport.

Għarb/Victoria/Xewkija/ Għajnsielem/Qala

On Saturday, 7th December, 2024, from 7.45 a.m till 12.30 p.m. through Triq il-Kunċizzjoni and Pjazza San Karrew, and from 4.00 p.m. till 7.15 p.m. through Pjazza San Karrew;

On Sunday, 8th December, 2024, from 12.30 p.m. till 4.00 p.m., through Pjazza Ta' Pinu, Triq l-Għarb, Triq il-Papa Ġwanni Pawlu II, Triq Sant'Ursula, Pjazza Sabina, Triq Sir Adrian Dingli, Pjazza Indipendenza, Triq ir-Repubblika, Triq Fortunato Mizzi, Triq l-Imġarr, Triq il-Madonna tal-Ħniena, Triq il-Qala, Triq Borġ Għarib, Pjazza Isqof M. Buttigieg, Triq it-28 ta' April,1688, Pjazza San Ġorġ, Triq il-Kunċizzjoni and Pjazza San Karrew, and from 2.00 p.m. till 8.00 p.m. through Triq il-Kunċizzjoni, Pjazza San Karrew, Triq Santa Marija and Triq is-Salib.

Public transport may be affected.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

8th November, 2024

POLICE NOTICE

No. 252

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles from the streets mentioned hereunder will be suspended on the dates and times indicated.

Żejtun

On Sunday, 24th November, 2024, from 9.45 a.m. till 12.30 p.m., there will be a parade starting from the Żejtun parish church, Triq San Girgor, Triq Santu Wistin, Triq id-Duluri, Triq Mikiel Cachia, Triq Bugħarbiel, Triq il-Qadi, Triq il-Marrubja, Triq il-Ġiebja Rumana, Triq l-Isqof Emmanuel Galea and Triq San Girgor ending at Domus.

Public transport will be affected till the passing of the parade.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

8th November, 2024

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 154 tal-2024

Stħarriġ bl-għadis fil-Port tal-Imġarr – Għawdex

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, javża lill-baħħara u lis-sidien tal-bastimenti li se jsir stħarriġ bl-għadis fil-Port tal-Imġarr, Għawdex.

L-istħarriġ bl-għadis se jsir jew nhar it-Tlieta, 12 ta' Novembru, 2024, jew l-Erbgħa, 20 ta' Novembru, 2024, fiż-żona kif muri bl-aħmar fuq iċ-chart fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

L-istħarriġ bl-għadis jista' jsir biss wara t-tluq tal-fast ferry mill-Port tal-Imġarr u qabel il-wasla tal-fast ferry li jmiss fil-port tal-Imġarr. Konsegwentement, jista' jkun hemm aktar minn dive waħda minħabba restrizzjoni ta' ħin ta' kull dive.

Waqt l-istħarriġ l-għaddasa se jkunu assistiti minn persuna fuq pontun fil-qrib u tittajjar il-Bandiera tal-Kodiċi Internazzjonali tas-Sinjali 'A'.

Matul l-istħarriġ għandha tinżamm żona ta' sikurezza ta' 10m madwar iż-żona tal-istħarriġ.

Il-kaptana u l-operaturi tal-bastimenti huma avżati biex joqogħdu attenti, u jipproċedu b'kawtela u b'veloċità baxxa (mingħajr rima) meta jinnavigaw fil-viċinanza taż-żona indikata hawn fuq.

Huma għandhom jikkoperaw mal-kuntrattur u l-uffiċjal tal-infurzar fuq il-post matul l-għadis. Għandhom ukoll iħarsu l-istruzzjonijiet kollha mogħtija fuq VHF Channel 10 Mġarr Port Control.

Chart affettwata: BA 211

It-8 ta' Novembru, 2024

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 155 tal-2024

Wirja tan-nar minn fuq ix-xatt f'Manoel Island – 14 ta' Novembru, 2024

Id-Direttorat tal-Portijiet u tal-Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara li se ssir wirja tan-nar mix-xatt f'Manoel Island fid-Daħla ta' Tas-Sliema nhar il-Ħamis, 14 ta' Novembru, 2024, mill-10.30 p.m. sal-11.00 p.m. Il-ħruq tan-nar se jsir minn żewġ postijiet iċċentrati fuq Punt A u Punt B (kif muri bl-aħmar fiċ-ċart fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt)) fil-pożizzjoni approssimattiva li ġejja:

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 154 of 2024

Diving survey in Mġarr Harbour – Gozo

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners and owners of vessels that a diving survey will be held in Mġarr Harbour, Gozo.

The diving survey will be held on either Tuesday, 12th November, 2024, or Wednesday, 20th November, 2024, within the area as shown in red on the chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

The diving survey can only be carried out after the departure of the fast ferry from Mġarr harbour and before the arrival of the next fast ferry at Mġarr harbour. Consequently, there might be more than 1 dive due to time restriction of each dive.

During the diving survey the scuba divers will be assisted by a person on the nearby pontoon and there will be exhibited the International Code of Signals Flag 'A'.

A safety zone of 10m round the survey area is to be kept during the survey.

Masters and operators of vessels are advised to keep a sharp lookout, and proceed with caution and at slow speed (no wake) when navigating in the vicinity of the above indicated area.

They are to cooperate with the contractor and the enforcement officer on site during the dive. They are also to comply with all the instructions given on VHF Channel 10 Mġarr Port Control.

Chart affected: BA 211

8th November, 2024

Local Notice to Mariners No. 155 of 2024

Fireworks display from the foreshore in Manoel Island – 14th November, 2024

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that a firework display will be held from the foreshore in Manoel Island in Id-Daħla ta' Tas-Sliema on Thursday, 14th November, 2024, from 10.30 p.m. till 11.00 p.m. The displays will be let off from two locations centred at Point A and Point B (as shown in red on the chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt)) in the approximate following position:

	Latitudni (T)	*Longitudni (L)*
A	35° 54'.092	014° 30'.329
B	35° 54'.203	014° 30'.425

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-baħħara huma avżati biex iżommu 100m bogħod mill-punti A u B, fid-data u l-ħin imsemmija hawn fuq.

Kwalunkwe dgħajsa rmiġġata fiż-żona murija fiċ-chart fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt) għandha titneħħa matul id-data u l-ħin imsemmija hawn fuq.

Transport Malta ma taċċetta l-ebda responsabbiltà għal kwalunkwe ħsara kkawżata mil-logħob tan-nar lil xi bastiment u t-tagħmir anċillari tiegħu, kemm jekk tali bastiment u t-tagħmir anċillari tiegħu jitħallew fiż-żona ta' sigurtà ta' 100m, jew barra dik iż-żona ta' sigurtà, mill-punt minn fejn jinħaraq il-logħob tan-nar.

Il-baħħara kollha għandhom josservaw kwalunkwe struzzjonijiet mogħtija fuq VHF Channel 12 u/jew 16, minn Valletta VTS u minn kwalunkwe uffiċjal tal-infurzar fuq il-post.

Chart affettwata: BA 177

It-8 ta' Novembru, 2024

LOCAL ENFORCEMENT SYSTEM AGENCY (LESA)

Sejħa għall-applikazzjoni:
Uffiċjal tal-komunità reġjun Għawdex fuq bażi full u part-time

Referenza tal-permess tal-Jobsplus numru 860/2019

L-applikanti għandhom:

Ikunu ċittadini ta' Malta, jew

Ikunu ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li huma intitolati għal trattament ugwali bħal ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa tal-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati li jittrattaw il-moviment ħieles tal-ħaddiema;

Ikunu taħt l-età ta' ħamsa u sittin (65) sena;

Ikunu jafu jaqraw u jiktbu bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża;

Jippreżentaw ċertifikat tat-tluq mill-iskola;

	Latitude (N)	*Longitude (E)*
A	35° 54'.092	014° 30'.329
B	35° 54'.203	014° 30'.425

In view of the above, mariners are advised to keep 100m away from points A and B, on the above-mentioned date and time.

Any boats berthed within the areas shown on the chart found on the Transport Malta website (www.transport.gov.mt) are to be removed during the above-mentioned date and time.

Transport Malta will accept no liability whatsoever for any damage caused by the firework displays to any vessel and her ancillary equipment, whether such vessel and her ancillary equipment are left within the 100m safety zone, or outside such safety zone, from the point from which the fireworks are let off.

All mariners are to comply with any instructions given on VHF Channel 12 and/or 16, by Valletta VTS and by any enforcement personnel on site.

Chart affected: BA 177

8th November, 2024

LOCAL ENFORCEMENT SYSTEM AGENCY (LESA)

Call for application:
Community Officer for Gozo region on full and part time basis

Ref. Jobsplus permit number 860/2019

Applicants must:

Be citizens of Malta, or

Be citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers;

Be under the sixty-five (65) years of age;

Have the ability to read and write in the Maltese and English language;

Produce a school leaving certificate;

Jippreżentaw kondotta nadifa riċenti tal-Pulizija;

Ikunu fil-pussess ta' liċenzja tas-sewqan valida u nadifa;

Ikunu medikament b'saħħithom fl-aspett fiżiku kif ukoll mediku, skont l-istandards mediċi stabbiliti mill-aġenzija LESA sabiex ikunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet ta' uffiċjal tal-komunità,

Kandidati li jkollhom it-tatwaġġi u/jew body piercing se jiġu kkunsidrati fuq bażi ta' każ b'każ.

Jistgħu jkunu meħtieġa jibqgħu on call matul is-sigħat siekta magħżula wara x-xift regolari tagħhom. Dan jinkludi li jkunu disponibbli biex jirrispondu għal mistoqsijiet jew emerġenzi relatati max-xogħol kif ikun meħtieġ. Il-kumpens għas-sigħat ta' għassa jiġi pprovdut skont il-politika ta' ħlas strutturata tal-aġenzija.

Esperjenza relatata mal-Infurzar Lokali tkun ikkunsidrata bħala ta' vantaġġ għall-impieg.

Il-kandidati interessati għandhom jibagħtu Curriculum Vitae flimkien mal-kredenzjali mitluba permezz ta' ittra elettronika lil (hr.lesa@gov.mt), jew ippreżentati bl-idejn fil-bini tal-Amministrazzjoni LESA, Uffiċċju tar-Riżorsi Umani, 246,Triq Mater Boni Consilii, Il-Fgura, sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa, 22 ta' Novembru, 2024, fl-4.00 p.m.

L-applikazzjonijiet kollha jiġu rikonoxxuti u trattati b'kunfidenza stretta.

It-8 ta' Novembru, 2024

TEATRU MANOEL

Sejħa għall-applikazzjonijiet għal Assistent tal-Produzzjoni fit-Teatru Manoel

(Ref: HR/TM/13/2024)

Teatru Manoel qed joħroġ sejħa għal applikazzjonijiet minn kandidati adattati għal Assistent ta' Produzzjoni dinamiku u ta' esperjenza biex jingħaqad mat-tim fuq bażi ta' 'contract for service'. L-Assistent tal-Produzzjoni se jaġixxi sabiex tissaħħaħ il-komunikazzjoni bejn diversi individwi involuti fi produzzjoni teatrali inklużi d-diretturi, l-atturi, id-disinjaturi tal-kostumi u d-dipartiment tekniku, u jiżgura li l-elementi kollha ta' kull produzzjoni jimxu bla xkiel.

L-Assistent tal-Produzzjoni se jkun responsabbli sabiex jiffaċilita l-komunikazzjoni fid-dipartimenti kreattivi u tekniċi kollha. Għalkemm id-dettalji tar-rwol ivarjaw skont il-prestazzjoni artistika inkwistjoni, l-Assistent tal-Produzzjoni huwa ġeneralment responsabbli biex jiżgura li kull produzzjoni li ssir fit-Teatru Manoel timxi bla xkiel.

Produce a recent clean Police conduct;

Be in possession of a valid and clean driving licence;

Be medically fit in all aspects, physically and mentally, in accordance with the medical standards of fitness established by LESA Agency, to be able to perform all Community Officer duties.

Applications by candidates having tattoos and/or heavy body piercing will be considered on a case-by-case basis.

May be required to remain on call during designated silent hours after their regular shift. This includes being available to respond to work-related inquiries or emergencies as needed. Compensation for on-call hours will be provided according to the Agency's structured payment policy.

Experience related to Local Enforcement will be considered an asset.

Interested candidates has to submit a Curriculum Vitae together with the requested credentials through (hr.lesa@gov.mt), or presented by hand at the LESA Administration Building, Human Resources Office, 246, Triq Mater Boni Consilii, Fgura, by not later than Friday, 22nd of November, 2024, at 4.00 p.m.

All applications are acknowledged and treated in the strictest confidence.

8th November, 2024

MANOEL THEATRE

Call for Applications for Production Assistant at Teatru Manoel

(Ref: HR/TM/13/2024)

Teatru Manoel is seeking applications from suitable candidates for a dynamic and experienced Production Assistant to join its team on a contract for service. The Production Assistant will act as a liaison amongst the various individuals involved in a theatre production, including the director, actors, costume designer, and technical department, and ensures that all elements of a production performance runs smoothly.

The Production Assistant will be responsible to facilitate communication across all creative and technical departments. Although the details of the role vary depending on the artistic performance in question, the Production Assistant is broadly responsible for ensuring that the production runs smoothly from the first rehearsal to the final curtain call for all productions happening at Teatru Manoel.

L-Assistent tal-Produzzjoni se jkun qed jappoġġja lid-Dipariment tal-Produzzjoni tat-Teatru Manoel u jkun meħtieġ jaħdem filgħaxija, fi tmiem il-ġimgħa, kif ukoll festi pubbliċi.

Applikanti interessati għandhom iżuru s-sit elettroniku (www.teatrumanoel.mt) għad-deskrizzjonijiet tal-pożizzjonijiet, il-kwalifiki mitluba u l-istruzzjonijiet fuq kif japplikaw.

L-applikazzjonijiet tas-sejħiet kollha jagħlqu t-Tlieta, 19 ta' Novembru, 2024, f'nofsinhar.

It-8 ta' Novembru, 2024

The Production Assistant will be supporting Teatru Manoel's Production Department and will be required to work during the evenings, weekends, and public holidays.

Interested applicants are to visit the website (www.teatrumanoel.com.mt) for the full job description, required qualifications and instructions on how to apply.

Application deadline for all calls is Tuesday, 19th November, 2024, at noon.

8th November, 2024

UFFIĊĊJU NAZZJONALI TAL-ISTATISTIKA

Post ta' Uffiċjal tal-Istatistika

Permess tal-Jobsplus 1067/2024 | Jobsplus Vacancy (412588)

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1.0 Iċ-Chairman tal-Awtorità tal-Istatistika ta' Malta (MSA) jilqa' applikazzjonijiet għal xogħol ta' Uffiċjal tal-Istatistika bi speċjalizzazzjoni fil-Finanzi Pubbliċi mal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika.

1.1 Din is-sejħa hija opportunità eċċezzjonali għall-kandidati bi sfond akademiku Bankarju u Finanzjarju, Ekonomija jew/u Kontabbiltà.

1.2 Minbarra livell eċċellenti fil-ħila tal-komunikazzjoni interpersonali, il-kandidati magħżula għandu jkollhom ħila u sengħa fl-analiżi numerika.

Pakkett tax-Xogħol

2.0 Skont it-termini tal-Ftehim Kollettiv li jorbot lill-impjegati kollha tal-MSA, il-grad ta' Uffiċjal tal-Istatistika jaqa' fl-iskala tas-salarju tlieta (3) li jibda minn €28,950 għas-sena 2024, b'żidiet ta' kull sena li huma suġġetti għal prestazzjoni tajba ta' xogħol.

2.1 L-Uffiċċju joffri ambjent tax-xogħol attraenti, assigurazzjoni tas-saħħa, inċentivi għal studju kontinwu kif ukoll miżuri għall-bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja, fosthom teleworking u arranġamenti flessibbli tax-xogħol.

Termini u Kundizzjonijiet

3.0 Din il-ħatra hija bbażata fuq kuntratt indefinit li huwa suġġett għal perjodu ta' prova ta' tnax-il xahar (12).

3.1 Diment li ma ssirx talba mill-maniġment minħabba l-esiġenzi tal-Uffiċċju, mhux possibbli li jintalab

NATIONAL STATISTICS OFFICE

Post of Statistical Officer

Jobsplus permit 1067/2024 | Jobsplus Vacancy (412588)

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1.0 The Chairman of the Malta Statistics Authority (MSA) invites applications for the post of Statistical Officer with specialisation in Public Finance within the National Statistics Office (NSO).

1.1 The post is an exceptional career opportunity for prospective candidates with an academic background in Banking and Finance, Economics and/or Accountancy.

1.2 Besides an excellent level of interpersonal and communication skill, successful candidates must have sound numerical and analytical skills.

Work Package

2.0 In terms of the Collective Agreement binding all MSA employees, the post of Statistical Officer falls within Salary Scale 3 with a salary commencing at €28,950 for the year 2024, rising by annual increments subject to a positive employee performance review.

2.1 The Office also offers a friendly working environment, a health insurance policy, policies to support further study and family-friendly measures such as teleworking and flexible working arrangements.

Terms and Conditions

3.0 This appointment is on an indefinite contractual basis. The first twelve (12) months are subject to a probationary period.

3.1 It will not be possible to request an internal transfer before a two (2) year period from date of appointment as

trasferiment intern qabel ma jgħaddu sentejn (2) mill-bidu tax-xogħol.

3.2 Il-kandidati magħżula huma meħtieġa li jiffirmaw kuntratt li jiddikjaraw lilhom infushom responsabbli għall-impenji li huma ġew magħżula għalihom.

3.3 Ir-riżultat jibqa' validu għal sena (1) mid-data ta' pubblikazzjoni.

Dmirijiet

4.1 Id-dmirijiet ta' Uffiċjal tal-Istatistika jinkludu:

a. Jiddisinja pjan ta' metodi u proċeduri, sabiex tinġabar l-informazzjoni minn stħarriġ u sorsi amministrattivi;

b. Jikkontribwixxi fl-iżvilupp ta' proċessi innovattivi għall-fini ta' ġbir tal-informazzjoni, u għodod analitiċi;

c. Jivverifika l-informazzjoni sabiex isib l-ineżatezzi, u japplika metodi statistiċi sabiex jindirizza dawn il-limitazzjonijiet;

d. Janalizza informazzjoni ekonomika, ta' negozji u dik soċjali, kemm f'totali kollettivi, kif ukoll dik mhux analizzata jew korretta;

e. Jikkontribwixxi fil-preparazzjoni u kitba ta' rapporti ta' natura statistika, sabiex jiġu ppubblikati;

f. Jgħin jibni u jżid il-fiduċja fl-istatistika, billi juża l-linji gwida tal-Uffiċju Nazzjonali tal-Istatistika, u l-prinċipji tal-Kodiċi ta' Prattika tal-Istatistika Ewropea;

g. Jidentifika l-ħtiġiet tal-klijenti, u jippreżenta riżultati mill-informazzjoni miġbura;

h. Jinterpreta l-analiżi tal-informazzjoni għall-fini ta'żvilupp ta' Politika Pubblika;

i. Jipparteċipa u jikkontribwixxi fir-riċerka;

j. Isegwi u jieħu sehem f'laqgħat ta' taħdit ta' natura statistika, kemm dawk nazzjonali, kif ukoll dawk internazzjonali;

k. Jesegwixxi xi dmirijiet u xogħlijiet anċillari li jistgħu jiġu assenjati mis-superjuri.

4.2 Deskrizzjoni dettaljata tax-xogħol tista' tinkiseb mingħand il-Kap tar-Riżorsi Umani u l-Iżvilupp tal-Istaff fi ħdan l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika.

Rekwiżiti ta' Eliġibbiltà

5.0 Applikanti għal dan ir-rwol għandu jkollhom:

long as such request does not come from senior management due to work exigencies of the Office.

3.2 The selected candidates will be required to sign an undertaking signifying their commitment to the assignment for which they are selected.

3.3 The interview result will be valid for a period of one (1) year from the date of publication.

Duties

4.1 The duties of a Statistical Officer include:

a. Designing methods and procedures for obtaining data, such as surveys and administrative sources;

b. Contributing to the development of innovative data collection and analytical tools;

c. Verifying data for inaccuracies and applying statistical methods to address such limitations;

d. Analysing data in economic, business and social fields, in both aggregate and raw form;

e. Contributing to the writing of reports and the preparation of data for publication;

f. Helping to build confidence in statistics using the guidelines of the National Statistics Office and the principles of the European Statistics Code of Practice;

g. Identifying client needs and presenting findings;

h. Interpreting statistical analysis for policy development;

i. Participating in and contributing to research;

j. Following and taking part in national and international statistical fora;

k. Carrying out ancillary duties as may be assigned by superiors.

4.2 A detailed job description can be obtained from the Head of Unit - Human Resources and Staff Development, at the NSO.

Eligibility Requirements

5.0 Applicants for this post must:

a. Ċertifikat fil-Livell 6 tal-MQF f'suġġett akkademiku Bankarju u Finanzjarju, Ekonomija jew/u Kontabbiltà;

b. Użu tajjeb tal-lingwi tal-Malti u l-Ingliż;

c. Kondotta tal-Pulizija nadifa (maħruġa fl-aħħar 6 xhur).

5.1 Applikanti prospettivi huma mitluba jippreżentaw dikjarazzjonijiet tal-MQRIC fejn jidħlu kwalifiki tal-MQRIC jew awtoritajiet oħra skont il-kundizzjonijiet stipulati minn din is-sejħa.

5.2 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

a. ċittadini ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt irregolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar 'Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)', jew li jkunu ngħataw permess ta› residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; jew

f. fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika'.

Għandu jintalab parir mit-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u tat-Taqsima tal-

a. Be in possession of a recognised certificate equivalent to MQF Level 6 or above in Economics, Accountancy and/or Banking and Finance;

b. Demonstrate a good command of the Maltese and English languages;

c. Be in possession of a clean Police Conduct (issued within the last 6 months).

5.1 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications.

5.2 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

a. citizens of Malta; or

b. citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the 'Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006' or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the Family Reunification Regulations, 2007; or

f. in possession of a residence document issued in terms of the 'Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations'.

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identità

Espatrijati fi ħdan Identità skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

Sottomissjoni ta' Dokumenti Mitluba

6.0 Applikanti għandhom jibagħtu ittra ta'applikazzjoni, curriculum vitae aġġornata (CV), kopji taċ-ċertifikati u traskrizzjoni tar-riżultati u l-formola tal-kunsens għall-protezzjoni tad-data personali lill-Kap tar-Riżorsi Umani u l-Iżvilupp tal-Istaff, permezz ta' ittra elettronika, sa nofsinhar (12.00 p.m.) (Ħin Ċentrali Ewropew), tat-Tlieta, 26 ta' Novembru, 2024.

6.1 Applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu permezz ta' ittra elettronika lil (careers.nso@gov.mt) bit-titlu 'Post vakanti ta' Uffiċjal tal-Istatistika bi speċjalizzazzjoni fil-Finanzi Pubbliċi'.

6.2 Il-formola għall-kunsens tal-protezzjoni tad-data tista' titniżżel mis-sit tal-NSO (https://nso.gov.mt/wp-content/uploads/Consent-Form-1.pdf) u tiġi sottomessa mad-dokumentazzjoni mitluba f'artiklu 6.0.

6.3 Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

6.4 Ċertifikati oriġinali u/jew referenzi għandhom jiġu ppreżentati waqt l-intervista.

6.5 L-applikazzjonijiet riċevuti jiġu rikonoxxuti.

6.6 Hija r-responsabbiltà tal-applikant li jivverifika li l-applikazzjoni tiegħu tkun waslet fil-ħin sabiex tkun iproċessata mill-bord tal-għażla.

Proċedura tal-Għażla

7.0 Dawk eliġibbli jiġu evalwati mill-bord tal-għażla sabiex jiddeterminaw humiex xierqa għal dan ix-xogħol.

7.1 L-ogħla marka fil-proċess tal-għażla hi 100% u sabiex wieħed jgħaddi jrid jaqbeż 50%.

7.2 Kunsiderazzjoni xierqa tingħata lil dawk l-applikanti li, minbarra li jkollhom ir-rekwiżiti skont artiklu 5.0, juru li għandhom esperjenza relatata tax-xogħol.

Noti Ohra

8.0 L-MSA toffri opportunitajiet ta' xogħol indaqs, li jfisser li l-Awtorità hi impenjata li toffri kundizzjonijiet ugwali fil-qasam tax-xogħol.

It-8 ta' Novembru, 2024

should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

Submission of Supporting Documentation

6.0 Applicants are to send a letter of application, an updated curriculum vitae (CV), copies of qualification certificates and transcript of results, and a data protection consent form to the Head of Human Resources and Staff Development by noon (12.00 p.m.) (Central European Time), of Tuesday, 26th November, 2024.

6.1 Applications are to be sent by email to (careers.nso@gov.mt) with the subject caption 'Vacancy for the post of Statistical Officer with specialisation in Public Finance'.

6.2 A data protection consent can be downloaded from the NSO website (https://nso.gov.mt/wp-content/uploads/Consent-Form-1.pdf) and submitted with other supporting documentation as outlined in article 6.0.

6.3 Late applications will not be considered.

6.4 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

6.5 All applications received will be acknowledged.

6.6 It is the responsibility of the applicant to verify that his application was received on time for processing by the selection board.

Selection Procedure

7.0 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the post.

7.1 The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

7.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in article 5.0, have proven relevant work experience.

Other

8.0 The MSA is an equal opportunities employer, which means that it is committed to providing equality of opportunity in employment.

8th November, 2024

SERVIZZI EWROPEJ F'MALTA

Pożizzjoni ta' Uffiċjal Eżekuttiv, EU Funding – Project Support, ma' Servizzi Ewropej f'Malta

Permess tal-Jobsplus numru 1061/2024

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Servizzi Ewropej f'Malta (SEM) tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' Uffiċjal Eżekuttiv fi ħdan it-Taqsima Project Support.

1. Termini u Kundizzjonijiet

Dan il-post jimtela fuq bażi full-time. Il-persuna magħżula għandha, għall-perjodu li matulu tkun qed taqdi dawn id-dmirijiet, taqa' taħt il-Kap ta' Diviżjoni (Project Support).

Il-pożizzjoni ta' Uffiċjal Eżekuttiv hija fuq bażi indefinita u suġġetta għal perjodu ta' prova ta' tnax-il (12) xahar.

Is-salarju (inkluż il-COLA) għal din il-pożizzjoni huwa ekwivalenti għal Grad 6 tal-Grading and Salary Structure 2024-2027 ta' SEM. Is-salarju (inkluż il-COLA) huwa:

Sena	Salarju (€)
2024	25,716
2025	26,956
2026	28,214
2027	29,492

Flimkien mas-salarju, l-Uffiċjal Eżekuttiv huwa intitolat għal:

Bonus għall-prestazzjoni sa 10% tas-salarju (indikat fit-tabella hawn fuq), u

Disturbance allowance sa 15% tas-salarju (indikat fit-tabella hawn fuq).

2. Dmirijiet

Id-dmirijiet ewlenin ta' Uffiċjal Eżekuttiv, EU Funding – Project Support**,** jinkludu li:

Jinkoraġġixxi l-parteċipazzjoni attiva tal-entitajiet pubbliċi/privati fi programmi u inizjattivi ta' fondi Ewropej;

Jipprovdi informazzjoni dwar programmi ta' fondi Ewropej u opportunitajiet lil individwi, intrapriżi privati u entitajiet governattivi;

SERVIZZI EWROPEJ F'MALTA

Position of Executive, EU Funding – Project Support, at Servizzi Ewropej f'Malta

Jobsplus permit number: 1061/2024

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

Servizzi Ewropej f'Malta invites applications for the position of Executive, EU Funding-Project Support within Servizzi Ewropej f'Malta.

1. Terms and Conditions

This post will be filled on a full-time basis. The selected candidate shall, for the period during which one is performing such duties, be accountable to the Head of Unit (Project Support).

The position of Executive is on an indefinite basis and is subject to a probationary period of twelve (12) months.

The salary (including COLA) attached to this position, shall be equivalent to Grade 6 of the SEM Grading and Salary Structure 2024-2027, which will follow the below structure:

Year	Salary (€)
2024	25,716
2025	26,956
2026	28,214
2027	29,492

In addition to the salary, the executive shall be entitled to:

A performance Bonus of up to 10% of the salary (above), and

A disturbance Bonus of up to 15 % of the salary (above).

2. Duties

The main duties of Executive, EU Funding – Project Support, shall include:

Encourage the active participation of public and private entities in EU funding programmes and initiatives;

Provide information on all EU funding programmes and opportunities to individuals, as well as public and private entities;

Jassisti intrapriżi privati u entitajiet governattivi fit-tfassil ta' proposti ta' proġetti, inkluż il-preparazzjoni tal-pakkett tal-applikazzjoni meħtieġa għas-sottomissjoni tal-applikazzjoni tal-fondi Ewropej;

Assist public and private entities to develop competitive project proposals and write the relevant application form for EU funding;

Jassisti benefiċjarji tal-fondi tal-UE biex jimplimentaw il-proġetti tagħhom, inkluż, iżda mhux limitat għal, l-appoġġ biex jifhmu l-prinċipji relatati mal-prinċipji finanzjarji tajba u l-implimentazzjoni teknika tal-proġetti tagħhom;

Assist beneficiaries of EU funding to implement their projects by answering queries they may have on issues that they encounter whilst implementing their project/s;

Jagħti sessjonijiet ta' taħriġ fuq suġġetti varji relatati mal-fondi Ewropej u l-implimentazzjoni tal-proġetti ta' target groups ta' SEM;

Deliver training sessions on various topics related to EU funding and project implementation to SEM's target groups;

Iżomm lilu nnifsu aġġornat u infurmat dwar l-iżviluppi relatati mal-programmi Ewropej, opportunitajiet ta' fondi u l-implimentazzjoni tal-proġetti;

Remain updated with ongoing developments related to EU funding programmes and project implementation;

Jikkollabora u jaħdem ma' ministri u dipartimenti governattivi, ir-Rappreżentanza Permanenti ta' Malta għall-Unjoni Ewropea, kif ukoll mal-awtoritajiet nazzjonali tal-immaniġġjar, fir-rigward tas-sorsi ta' opportunitajiet u prinċipji ta' finanzjament tal-UE applikabbli għall-implimentazzjoni ta' proġetti kofinanzjati mill-programmi ta' finanzjament li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tagħhom;

Collaborate and network with relevant stakeholders, including Government Ministries and departments, the Permanent Representation of Malta to the EU, and national Managing Authorities, regarding topics related to EU funding programmes and project implementation;

Jipparteċipa u jikkontribwixxi b'mod attiv fl-inizjattivi ta' informazzjoni ta' SEM, li jinkludu l-organizzazzjoni ta' avvenimenti speċjali u attivitajiet pubbliċi;

Participate in and contribute actively to SEM's information initiatives, such as events and other public activities;

Jikkollabora kif meħtieġ ma' taqsimiet oħra ta' SEM;

Collaborate as necessary with other teams within SEM;

Jiżgura li s-servizzi u r-responsabbiltajiet ġenerali marbuta ma' din il-pożizzjoni jingħataw skont il-baġits approvati u fiż-żminijiet stipulati;

Ensure the delivery of the services and overall responsibilities of this position within the approved budgets and agreed timeframes;

Iwettaq dmirijiet oħra li jiġu determinati minn żmien għal ieħor mill-Kap Eżekuttiv jew mid-delegati tiegħu.

Carry out other duties as may be determined from time to time by the CEO or his delegates.

3. Kriterji ta' Eliġibbilità

3. Eligible Criteria

3.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

3.1 By the closing date of submission of the application, applicants must fulfil ALL the following conditions:

i) a. ċittadini ta' Malta; jew

i) a. citizens of Malta; or

ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa tal-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

b. citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar 'Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolament 18(3) tal-istess Regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; jew

e. Third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the 'Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006' or who have been granted a residence permit under regulation 18 (3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'; or

fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il- Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill- Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika'.

f. in possession of a residence document issued in terms of the 'Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community'.

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan Identità skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identità should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment license in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

ii) ikollhom kwalifika akkademika rikonoxxuta f'Livell 7 tal-MQF (post-graduate, Master's) (suġġetta għal minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET jew ekwivalenti fir-rigward ta' programmi li bdew minn Ottubru 2008, relatata mal-Affarijiet Ewropej minn università rikonoxxuta jew kwalifika komparabbli rikonoxxuta. Dawn jinkludu Studji Diplomatiċi, Relazzjonijiet Internazzjonali, Xjenzi Politiċi, Politika Pubblika, Politika Soċjali, f'oqsma bħall-Istudju tal-Unjoni Ewropea, Politika Pubblika, Project Management, Studji Legali, u oqsma oħra meqjusa rilevanti;

ii) Be in possession of a recognised post-graduate degree (Master's qualification) at MQF Level 7 (subject to a minimum of 60 ECTS/ECVET credits, or equivalent, with regards to programmes commencing as from October 2008) related to European affairs from a recognised university or a recognised comparable qualification. These include Diplomatic Studies, International Relations, Political Science, Public Policy, Social Policy in areas such as European Union Studies, Public Policy, Project Management, Legal Studies, and any other areas as deemed relevant;

JEW

OR

iii) ikollhom kwalifika akkademika rikonoxxuta f'Livell 6 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 180 krettu ECTS/ECVET jew l-ekwivalenti ta' programmi li bdew minn Ottubru 2023, kif ċertifikati miċ-Ċentru ta' Malta għall-Informazzjoni tar-Rikonoxximent tal-Kwalifiki (MQRIC) relatata mal-Affarijiet Ewropej. Dawn jinkludu Studji Diplomatiċi, Relazzjonijiet Internazzjonali, Xjenzi Politiċi, Politika Pubblika, Politika Soċjali, f'oqsma bħall-Istudju tal-Unjoni Ewropea, Politika Pubblika, Project

iii) Be in possession of a recognised academic qualification at MQF Level 6 (subject to a minimum of 180 ECTS/ECVET credits or equivalent or with the regards to programmes commencing as from October 2023, duly certified by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) related to European affairs. These include Diplomatic Studies, International Relations, Political Science, Public Policy, Social Policy in areas such as European Union Studies, Public Policy, Project

Management, Studji Legali, u oqsma oħra meqjusa rilevanti;

JEW

iv) ikollhom kwalifika akkademika rikonoxxuta f'Livell 5 tal-MQF, ċertifikata miċ-Ċentru ta' Malta għall-Informazzjoni tar-Rikonoxximent tal-Kwalifiki (MQRIC) relatata mal-Affarijiet Ewropej. Dawn jinkludu Studji Diplomatiċi, Relazzjonijiet Internazzjonali, Xjenzi Politiċi, Politika Pubblika, Politika Soċjali, f'oqsma bħall-Istudju tal-Unjoni Ewropea, Politika Pubblika, Project Management, Studji Legali, u oqsma oħra meqjusa rilevanti, U mill-inqas tliet (3) snin esperjenza ta' xogħol b'rabta mal-politiki tal-UE u/jew il-fondi tal-UE f'organizzazzjoni pubblika jew privata jew istituzzjoni marbuta mal-UE;

U

(v) ikollhom għarfien għoli fl-Ingliż u l-Malti (livell C1 fid-dimensjonijiet kollha skont il-Qafas Komuni Ewropew ta' referenza għal-lingwi jew CEFRL).

3.2 (i) Kwalifiki f'livell ogħla minn dak imsemmi hawn fuq jiġu aċċettati għall-finijiet ta' eliġibbiltà, sakemm jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-suġġett speċifikat.

Barra minn hekk, kandidati li għadhom ma kisbux formalment xi waħda mill-kwalifiki msemmija hawn fuq xorta jiġu kkunsidrati. Dawn il-kandidati għandhom jippreżentaw evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifika inkwistjoni sad-data tal-għeluq tas-sejħa.

Aktar minn hekk, kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'livell tal-MQF ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa, jew ekwivalenti, u laħqu l-livell tal-MQF meħtieġ, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

(iii) L-applikanti prospettivi għandhom jinnutaw ir-rekwiżit li jipproduċu dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent tal-MQRIC fir-rigward tal-kwalifiki tagħhom mill-MQRIC, jew awtoritajiet maħtura oħra, kif applikabbli, skont id-dispożizzjonijiet applikabbli għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet elenkati taħt it-Taqsima 7.

4. Proċeduri tal-Għażla

Il-kandidati eliġibbli jiġu mistiedna għal intervista mill-bord tal-għażla biex jiġi determinat jekk humiex adatti biex iwettqu d-dmirijiet relatati ma' din il-pożizzjoni. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija ta' 100% u l-marka minima hija ta' 50%.

Management, Legal Studies, and any other areas as deemed relevant;

OR

iv) Be in possession of a recognised academic qualification at MQF Level 5 duly certified by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) related to European affairs. These include Diplomatic Studies, International Relations, Political Science, Public Policy, Social Policy in areas such as European Union Studies, Management, Public Policy, Project Management, Legal Studies, and any other areas as deemed relevant, AND a minimum of (3) years' work experience in relation to EU policy and/or EU funding at a public or private organisation or an EU related institution;

AND

v) Possess thorough knowledge in both English and Maltese (level C1 in all dimensions as per the Common European Framework of Reference for Languages or CEFRL).

3.2 (i) Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

(ii) Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still be considered. Such candidates are to submit evidence that they have been approved for the award of the qualification in question by the date of the closure of the call.

(iii) Furthermore, candidates who are currently following a recognised programme of study at a higher MQF level than that requested above will also be considered. Such candidates are to submit evidence that they have successfully completed the necessary credits, or equivalent, and attained the required MQF level, by the closing time and date of the call for applications.

(iv) Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications listed under Section 7.

4. Selection Procedures

4.1. Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the position. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

5. Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

5.1 Curriculum vitae dettaljat li jinkludi lista ta' kwalifiki li għandu l-applikant li juri b'mod ċar il-post li qed japplika għalih; U

5.2 l-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom ikunu sostnuti b'ċertifikati/traskrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopji tagħhom għandhom jiġu skennjati u mibgħuta mal-Curriculum Vitae fl-istadju tal-applikazzjoni.

5.3 Jipproduċi ċertifikat ta' kondotta maħruġ mill-Uffiċċju tar-Rekords Kriminali jew awtorità kompetenti oħra mhux qabel xahar (1) mid-data tal-applikazzjoni.

5.4 Iċ-ċertifikati oriġinali u/jew it-testimonjanzi għandhom dejjem jintwerew għall-verifika waqt l-intervista.

L-applikazzjonijiet għandhom jiġu indirizzati lill- Kap Eżekuttiv u jistgħu jintbagħtu permezz ta' ittra elettronika lil (recruitment.sem@gov.mt); jew bil-posta, jew jitwasslu fl-uffiċċju ta' SEM f'280, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta VLT 1112, f'envelop magħluq sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar it-Tlieta, 26 ta' Novembru, 2024.

Tintbagħat irċevuta bil-posta fi żmien ħamest (5) ijiem tax-xogħol mid-data tal-wasla tal-applikazzjonijiet.

Fin-nuqqas ta' rċevuta fi żmien ħamest (5) ijiem ta' xogħol mid-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet, huma l-applikanti konċernati li għandhom jikkonfermaw mal-entità jekk l-applikazzjoni waslitx sad-data tal-għeluq.

Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq ma jiġux aċċettati jew rikonoxxuti.

6. Informazzjoni Addizzjonali

6.1. Bdil raġonevoli għall-persuni b'diżabbiltà rreġistrati.

Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' persuni b'Diżabbiltà jistgħu jgawdu minn bdil raġonevoli skont Sezzjoni 7 tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabbiltà), (Kap. 413 tal-Liġijiet ta' Malta), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għalkollox ir-rekwiżiti għal dan il-post/din il-pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post/pożizzjoni fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm l-approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

Is-sottomissjonijiet għal bdil raġonevoli għandhom isiru skont il-formola speċifika li tinsab fis-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards (https://publicservices.gov.mt/en/people/Pages/PeopleResourcingandCompliance/FormsandTemplates.aspx) (People Resourcing and

5. Submission of Supporting Documentation

5.1 A detailed curriculum vitae including a list of qualifications held by the applicant clearly highlighting the post being applied to; AND

5.2 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates/transcripts and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent with the Curriculum Vitae at application stage.

5.3 Produce a certificate of conduct issued by the Criminal Records Office or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application.

5.3 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

5.4 Applications are to be addressed to the CEO and may be sent via email on (recruitment.sem@gov.mt); or by post, or delivered to SEM office at 280, Triq ir-Repubblika, Valletta VLT 1112, in a sealed envelope by not later than noon (Central European Time) of Tuesday, 26th November, 2024.

Applications will be acknowledged in writing within five (5) working days from date of receipt.

In the absence of an acknowledgment within five (5) working days from the closing date of applications, it is the responsibility of applicants concerned to confirm with the receiving entity whether the application was received by the closing date.

Applications which are received after closing date and time are not accepted or acknowledged.

6. Additional Information

6.1 Reasonable accommodation for registered persons with disability

Persons registered with the Commission for the Rights of Persons with Disability (CRPD) may be given reasonable accommodation in terms of Section 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act (Cap. 413 of the Laws of Malta), even if they do not satisfy, in full, the requirements for this post/position, provided they can carry out, in essence, the duties related to the post/position and subject to the approval of the Public Service Commission.

Requests for reasonable accommodation are to be made through the specific form available on the People and Standards Division website at the address (https://publicservices.gov.mt/en/people/Pages/PeopleResourcingandCompliance/FormsandTemplates.aspx) (People Resourcing & Compliance

Compliance – forms and templates), li għandha tiġi mehmuża mal-formola tal-applikazzjoni u għandha tkun imsaħħa b'dokumentazzjoni rilevanti li tinkludi evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni mal-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' persuni b'Diżabbiltà. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati għaliex ir-rekwiżiti kollha tal-eliġibbiltà mhux qegħdin jiġu sodisfatti u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet raġunati. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lil Servizz Ewropej f'Malta.

6.2 Sottomissjoni ta' Dikjarazzjoni ta' Rikonoxximent dwar il-Kwalifiki

a) B'eċċezzjoni għal dawk il-kwalifiki msemmija f'paragrafu 6.2b u 6.2c hawn isfel, l-applikanti għandhom jipproduċu dikjarazzjoni ta' rikonoxximent maħruġa miċ-Ċentru Malti għar-Rikonoxximent tal-Kwalifiki u tal-Informazzjoni (MQRIC) fi ħdan il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Edukazzjoni Ogħla u Avvanzata (NCFHE), li għandha tinkiseb permezz ta' applikazzjoni online minn (https://services.ncfhe.gov.mt/CertificationApplication.aspx). Din id-dikjarazzjoni għandha tinhemeż mal-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista.

b) Qabel ma jintalbu dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki skont paragrafu 3, il-kandidati huma mitluba l-ewwel jikkonsultaw il-'Lista ta' Korsijiet Akkreditati Offruti minn Istituzzjonijiet Liċenzjati' tal-NCFHE li tista' tinkiseb minn (https://qualifications.mfhea.gov.mt/#/dashboard). L-applikanti huma eżentati milli jipproduċu dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent hekk kif imsemmi f'paragrafu 6.2 jekk qegħdin jippreżentaw kwalifiki mniżżla f'din il-lista. Il-kandidati għandhom jippreżentaw kopja stampata ta' din il-lista li tinkludi l-kwalifika meħtieġa.

c) Mhumiex meħtieġa dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximenti mill-MQRIC għall-kwalifiki maħruġa minn istituzzjonijiet Maltin li huma self-accrediting, jiġifieri mill-Università ta' Malta, il-Kulleġġ Malti għall-Arti, Xjenza u Teknoloġija (MCAST) u l-Istitut għall-Istudji Turistiċi (ITS); jew kwalunkwe kwalifika Maltija li ġiet akkreditata mill-NCFHE, li fuq iċ-ċertifikat jingħad 'Il-Kummissjoni Nazzjonali għal Edukazzjoni Ogħla u Avvanzata jidhrilha li dan iċ-ċertifikat huwa ta' MQF'.

d) Fejn jikkonċerna l-kwalifiki l-oħrajn kollha li ma jaqgħux taħt paragrafu 6.2b u 6.2c, l-applikanti huma meħtieġa jissottomettu dikjarazzjoni ta' rikonoxximent kif spjegat f'paragrafu 6.2a.

6.3 Sottomissjoni ta' rappreżentazzjonijiet dwar ineliġibbiltà, pubblikazzjoni tar-riżultat u sottomissjoni ta' oġġezzjonijiet dwar ir-riżultat

a) Rappreżentazzjonijiet dwar ineliġibbiltà jistgħu jsiru mill-kandidati lis-Segretarju Permanenti, Fondi Ewropej, Ministeru għall-Ekonomija, Fondi Ewropej u Artijiet, Tal-Pilar, 31B, Triq Marsamxett, Il-Belt Valletta, jew permezz

– forms and templates), which should be attached to the application form and supported with relevant documentation including documentary evidence of registration with the Commission for the Rights of Persons with Disability (CRPD). Reasoned justification should be given why full eligibility requirements are not being met and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to Servizz Ewropej f'Malta.

6.2 Submission of Recognition Statements in Respect of Qualifications

a) With the exception of those qualifications referred to in paragraphs 6.2 b and 6.2 c hereunder, applicants are required to produce a recognition statement by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the National Commission for Further and Higher Education (NCFHE), which is to be obtained by submitting an online 'Application for the Recognition ofQualifications' at (https://services.ncfhe.gov.mt/CertificationApplication.aspx). Such statement should be attached to the application and the original presented at the interview.

b) Prior to requesting recognition statements as per paragraph 3 above in respect of their qualifications, candidates should first consult the 'List of Accredited Courses Offered by Licensed Institutions' of the NCFHE which can be accessed on (https://qualifications.mfhea.gov.mt/#/dashboard). Applicants are exempt from submitting a recognition statement as mentioned in paragraph 6.2a if they are presenting qualifications listed therein. A print of such list including the qualification is to be presented by the applicant.

c) No recognition statement by MQRIC is required in respect of qualifications issued by Maltese self-accrediting institutions, these being the University of Malta, MCAST and ITS; or any Maltese qualification that has been accredited by the NCFHE, which on the certificates states: 'The National Commission for Further and Higher Education deems this certificate to be MQF'.

d) In the case of qualifications not covered by 6.2b and 6.2c, applicants are to submit the recognition statement as described in paragraph 6.2a.

6.3 Submission of representations regarding ineligibility, publication of result and submission of petitions relating to the result

a) Representations on issues of ineligibility may be made by candidates to the Permanent Secretary, EU Funds, Ministry for the Economy, European Funds and Lands, Tal-Pilar, 31B, Triq Marsamxett, Valletta or through electronic

ta' ittra elettronika lil (permsec.eufunds@gov.mt). Dawn ir-rappreżentazzjonijiet bil-miktub, għandhom jiġu ppreżentati fi żmien ħamest (5) ijiem ta' xogħol mid-data li fiha l-kandidat jiġi infurmat mill-bord tal-għażla li mhuwiex eliġibbli.

b) Ir-riżultati jiġu ppubblikati u esibiti fuq in-notice board ta' Servizzi Ewropej f'Malta. Barra minn hekk, notifika tal-ħruġ tar-riżultat tintbagħat permezz ta' ittra elettronika fl-indirizz elettroniku tal-kandidati.

c) Oġġezzjonijiet għar-riżultat għandhom jiġu sottomessi lis-Segretarju Permanenti, Fondi Ewropej, Ministeru għall-Ekonomija, Fondi Ewropej u Artijiet, Tal-Pilar, 31B, Triq Marsamxett, Il-Belt Valletta, jew permezz ta' ittra elettronika lil (permsec.eufunds@gov.mt). L-oġġezzjonijiet għandhom jaslu għand il-Kummissjoni fi żmien 10 ijiem ta' xogħol mid-data li fiha n-notifika tkun ġiet ippubblikata fuq in-notice board. Il-kandidati huma avżati biex jiċċekkjaw regolarment l-ittri elettroniċi tagħhom sabiex ikunu jafu bil-pubblikazzjoni tar-riżultat.

6.4 Informazzjoni Oħra

Servizzi Ewropej f'Malta hija impjegatur ta' opportunitajiet indaqs kif iċċertifikat mill-NCPE (Kummissjoni Nazzjonali għall-Protezzjoni tal-Ugwaljanza) u hija impenjata li tħaddem politika ta' opportunitajiet indaqs fl-aspetti kollha tal-impjieg u se tieħu ħsieb li tevita kull forma ta' diskriminazzjoni fil-proċeduri ta' reklutaġġ tagħha.

Il-kandidati m'għandhomx jersqu, direttament jew indirettament, lejn il-bord tal-għażla taħt l-ebda ċirkostanza fir-rigward ta' dan il-proċess ta' reklutaġġ. Il-bord tal-għażla jżomm id-dritt li jiskwalifika kull kandidat li ma jagħtix kas din l-istruzzjoni.

SEM għandha tiżgura li kwalunkwe pproċessar ta' data personali jkun skont ir-Regolament (UE) 2016/679 (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-data), l-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data (Kapitolu 586 tal-Liġijiet ta' Malta) u kwalunkwe liġi rilevanti oħra tal-Unjoni Ewropea u nazzjonali.

Il-kandidati għandhom jinnutaw li s-sottomissjoni ta' kwalunkwe dikjarazzjoni jew ommissjoni falza, anke jekk mhux intenzjonata, tista' twassal għat-tħassir tal-applikazzjoni tagħhom u tista' tirrendi l-ħatra tal-kandidat suġġetta għat-terminazzjoni.

SEM tirriżerva d-dritt li tirtira din is-sejħa fi kwalunkwe ħin u li ma tagħżel l-ebda wieħed mill-kandidati.

6.5 Żamma ta' Dokumenti

L-applikazzjonijiet jinżammu skont iż-żmien stipulat fir-Retention Policy ta' Servizzi Ewropej f'Malta

It-8 ta' Novembru, 2024

mail on (permsec.eufunds@gov.mt). Such representations, in writing, are to be submitted within five (5) working days from the date on which the candidate is informed by the selection board that s/he is not eligible.

b) The results will be published and exhibited on the notice board of Servizzi Ewropej f'Malta. Furthermore, a notification of the issue of the result will be sent by email to candidates' electronic address.

c) Petitions objecting to the result are to be submitted to the Permanent Secretary, EU Funds, Ministry for the Economy, European Funds and Lands Tal-Pilar, 31B, Triq Marsamxett, Valletta, or through electronic mail on (permsec.eufunds@gov.mt). Petitions are to reach the Commission within 10 working days from the date on which the notification has been published on the noticeboard. Candidates are advised to regularly check their emails in order to be aware of the publication of the result.

6.4 Other Information

SEM is an Equal Opportunities Employer as certified by the NCPE (National Commission for the Protection of Equality) and is committed to a policy of equal opportunity in all aspects of employment and will take care to avoid any form of discrimination in its recruitment procedures.

Candidates should not approach, directly or indirectly, the selection board under any circumstances in relation to this recruitment process. The selection board reserves the right to disqualify any candidate who disregards this instruction.

SEM shall ensure that any processing of personal data is in accordance with Regulation (EU) 2016/679 (General Data Protection Regulation), the Data Protection Act (Chapter 586 of the Laws of Malta) and any other relevant European Union and national law.

Candidates are to note that the submission of any false statement/s or omission, even if unintended, may lead to the cancellation of their application and may render the candidate's appointment liable to termination.

SEM reserves the right to withdraw this call at any time and not to select any of the candidates.

6.5 Retention of Documents

Applications will be retained in line with the stipulated timeframe in the Retention Policy of Servizzi Ewropej f'Malta.

8th November, 2024

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ

Pożizzjoni ta' Research Analyst (Relazzjonijiet Esterni) fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Id-Direttur għas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ, jilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' Research Analyst (Relazzjonijiet Esterni) fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ.

Tul tal-Assenjament u Kundizzjonijiet

2.1 Persuna magħżula tidħol f'assenjament ta' tliet (3) snin bħala Research Analyst fir-Rappreżentanza Permanenti ta' Malta għall-Unjoni Ewropea fi Brussell (il-Belġju).

2.2 Il-pożizzjoni ta' Research Analyst hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' sena (1).

2.3 Peress li din hi pożizzjoni ta' Research Analyst li hi waħda ta' fiduċja, din tikkostitwixxi raġuni oġġettiva li taqa' taħt Regolament 7(4) (b) (ii) tal-Liġi Sussidjarja 452.81 intitolat 'Regolamenti dwar Kuntratti ta' Servizz għal Żmien Fiss'.

2.4 Il-kandidati magħżula għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-pożizzjoni li għaliha saret l-applikazzjoni. Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Uffiċċju tar-Rekords Kriminali jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, li għandu jiġi sottomess mill-persuna magħżula fi żmien ġimgħa (1) mid-data tan-notifika tal-ħatra.

2.5 Nuqqas ta' sehem sodisfaċenti mogħti mir-Research Analyst matul kull waqt tal-ingaġġ iwassal għat-terminazzjoni ta' dan il-ftehim.

2.6 Il-kandidat magħżul ikun marbut bit-termini u l-kundizzjonijiet stipulati fil-Ftehim ta' Research Analyst.

2.7 a. L-ingaġġ bħala Research Analyst huwa fuq bażi full-time u l-kandidat magħżul se jkun stazzjonat fi Brussell (il-Belġju).

b. Il-persuna magħżula hija mistennija li tkun imxiet lejn Brussell fi żmien xahar (1) minn meta tkun infurmata li tkun għaddiet b'suċċess mill-proċess tal-applikazzjoni.

MINISTRY FOR FOREIGN AND EUROPEAN AFFAIRS AND TRADE

Position of Research Analyst (External Relations) in the Ministry for Foreign and European Affairs and Trade

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Director for Corporate Services, Ministry for Foreign and European Affairs and Trade, invites applications for the position of Research Analyst (External Relations) in the Ministry for Foreign and European Affairs and Trade.

Duration of Assignment and Conditions

2.1 A selected candidate will enter into a three (3) year assignment as a Research Analyst in the Permanent Representation of Malta to the EU in Brussels (Belgium).

2.2 The position of Research Analyst is subject to a probationary period of one (1) year.

2.3 Since this is a position of trust, the position of Research Analyst constitutes an objective reason which falls under Regulation 7(4) (b) (ii) of Subsidiary Legislation 452.81 entitled 'Contracts of Service for a Fixed Term Regulations'.

2.4 Selected candidates must be of conduct which is appropriate to the position applied for. Prior to appointment, selected candidates from outside the Public Service must produce a certificate of conduct issued by the Criminal Records Office or other competent authority not earlier than six (6) months from the closing date of this call for applications, which should be submitted by the selected candidate within one (1) week from the date of the notification of appointment.

2.5 Unsatisfactory performance as Research Analyst during any time of this assignment period will lead to termination of the agreement.

2.6 The selected candidate will be bound by the terms and conditions stipulated in the Agreement of Research Analyst.

2.7 a. The engagement as Research Analyst is on a full-time basis and the selected candidate will be stationed in Brussels (Belgium).

b. The selected candidate must be able to move to Brussels within one (1) month of being informed that she/he has been successful in the application process.

2.8 Impjegati li jkunu jaħdmu mas-Settur Pubbliku u jkunu magħżula għall-pożizzjoni ta' Research Analyst iridu jagħmlu l-arranġamenti tagħhom mal-entità li timpjegahom biex jiġu rilaxxati fil-perjodu li huma jkunu se jservu bħala Research Analyst. Dan l-arranġament irid isir qabel jiġi ffirmat il-Ftehim ta' Research Analyst.

2.9 Fil-każ li l-persuna magħżula tkun ġejja minn entità fis-Settur Pubbliku u li tkun rilaxxata mill-entità konċernata biex tokkupa l-pożizzjoni ta' Research Analyst, il-persuna magħżula terġa' tibda taħdem ma' dik l-entità fil-mument li hija ma tibqax tokkupa l-pożizzjoni ta' Research Analyst.

2.10 Fir-rigward tar-rekwiżiti li joħorġu mid-Direttiva 16, dwar il-'Qafas Governattiv għall-Prevenzjoni u l-Ġestjoni ta' Kunflitti ta' Interess fl-Amministrazzjoni Pubblika', maħruġ mis-Segretarju Permanenti Ewlieni fis-27 ta' Novembru, 2023, u li daħal fi-seħħ fl-1 ta' Frar, 2024, il-bord tal-għażla se jivvaluta l-impjiegi preċedenti tal-kandidati biex jevalwa l-kunflitti ta' interess potenzjali. F'dan ir-rigward, il-kandidati għandhom jipprovdu CV kompletament aġġornat, inkluż il-kwalifiki u l-istorja tal-impjieg mal-applikazzjoni tagħhom. Kwalunkwe kwistjoni ta' kunflitt ta' interess potenzjali nnutata għandha tiġi rrappurtata lis-Segretarju Permanenti rispettiv biex jiġi żgurat li, jekk il-kandidat jiġi reklutat, tali kunflitti ta' interess ikunu mmaniġġjati b'mod xieraq.

a. Barra minn hekk, il-kandidati magħżula għandhom jirrappurtaw kwalunke kunflitt ta' interess magħruf, attwali, potenzjali jew apparenti qabel ma jaċċettaw ħatra, permezz tad-Dikjarazzjoni preskritta disponibbli fl-Appendiċi 1 tad-Direttiva 16 (disponibbli minn (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Directives/Framework%20for%20Preventing%20and%20Managing%20COI%20in%20the%20Public%20Sector.pdf)).

Salarju Marbut mal-Pożizzjoni

3.1 Is-salarju ta' Malta u l-Allowances ta' Post Aġġustament marbut mal-pożizzjoni ta' Research Analyst huwa ekwivalenti għal increment inqas mill-massimu ta' Skala ta' Salarju 9 (ekwivalenti għal €27,825.67 fl-2024), li jilħaq il-massimu tal-iskala mal-konferma tal-ħatra jew tlestija ta' sena (1) servizz fil-pożizzjoni, liema waħda tiġi l-aħħar. Barra minn hekk, ir-Research Analyst se jirċievi l-benefiċċji u l-allowances kif spjegati fil-'Conditions of Service for Officers Serving Overseas'.

3.2 F'każijiet fejn il-persuna magħżula tkun diġà qed isservi fil-pożizzjoni ta' Research Analyst b'salarju, benefiċċji u allowances li huma ogħla minn dawk stabbiliti f'paragrafu 3.1 hawn fuq, il-kumpens applikabbli f' dawn il-każijiet eċċezzjonali ta' ħatra mill-ġdid għandu jkun tal-ogħla skala ta' salarju, benefiċċji u allowances.

2.8 Public Sector employees selected for the positon of Research Analyst must make their own arrangements with their employing entity with regards to their release for the period during which they are to serve as Research Analyst before signing their Agreement as Research Analyst.

2.9 In the case of a selected candidate emanating from a Public Sector entity and who is granted release by the entity in order to take up the position of Research Analyst, the selected candidate will resume his/her employment with such entity once he/she no longer holds the position of Research Analyst.

2.10 In terms of the requirements emanating from Directive 16, regarding the 'Governing Framework for Preventing and Managing Conflicts of Interest in the Public Administration', issued by the Principal Permanent Secretary on 27th November 2023 and which came into force on 1st February, 2024, the selection board will assess candidates' previous employments to assess potential conflicts of interest. In this respect, candidates are to provide a completely updated CV, including qualifications and employment history with their application. Any potential conflict of interest matters noted will be reported to the respective Permanent Secretary, to ensure that should the candidate be recruited, such conflicts of interest would be appropriately managed.

a. Moreover, selected candidates are to report any known actual, potential or apparent conflicts of interest prior to accepting an appointment, through the prescribed Declaration available at Appendix 1 to Directive 16 (available from (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Directives/Framework%20for%20Preventing%20and%20Managing%20COI%20in%20the%20Public%20Sector.pdf))

Salary Pegged to the Position

3.1 The Malta Salary and the Post Adjustment Allowances attached to the position of a Research Analyst is equivalent to the maximum step of Salary Scale 9 less an increment (equivalent to €27,825.67 in 2024), with attainment of maximum of scale on confirmation of appointment after the probationary period of one (1) year or completion of one (1) year service, whichever is the later. In addition, the Research Analyst will be granted the financial allowances and benefits provided for in the Conditions of Service for Officers Serving Overseas.

3.2 In cases where the selected candidate is already currently serving in the position of Research Analyst at a salary scale, benefits and allowances that are higher than those established at section 3.1 above, the applicable compensation upon re-appointment in such exceptional cases shall be the higher applicable salary scale, benefits and allowances.

3.3 Għat-tul tal-Ftehim, ir-Research Analyst ikun marbut mal-'Conditions of Service for Officers Serving Overseas' (MFA 9/2015; CONDSER Jannar 2024 V1.2) li jistgħu jigu aġġornati minn żmien għal żmien.

Dmirijiet

4. Id-dmirijiet għal din il-pożizzjoni ta' Research Analyst jinkludu li:

Ir-Research Analyst ikun ta' sostenn għat-Taqsima Relazzjonijiet Esterni fi ħdan ir-Rappreżentanza Permanenti ta' Malta għall-Unjoni Ewropea (PREU) kif ukoll lill-bqija tat-tim tar-Rappreżentanza. Ir-Research Analyst jirrapporta direttament lir-Rappreżentant Permanenti ta' Malta għall-Unjoni Ewropea u huwa mistenni li juri l-kapaċità li jaħdem b'mod indipendenti (b'konformità mal-proċeduri interni rilevanti tal-Gvern u tar-Rappreżentanza). Ir-Research Analyst jappoġġja l-ħidma tar-Rappreżentant tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) fi ħdan ir-Rappreżentanza Permanenti. Ir-Research Analyst jikkontribwixxi wkoll għaċ-ċiklu għat-tħejjijiet u s-segwitu għal-laqgħat tal-Kunsill Affarijiet Barranin. Ir-Research Analyst hu responsabbli li jipprovdi pariri lir-Rappreżentant Permanenti u lill-entitajiet oħra governattivi u li jikkordina kull ħidma u jsegwi kwalunkwe kwistjoni teknika relatata primarjament mal-aspetti vasti tal-oqsma ġeografiċi jew tematiċi tal-PESK tal-Unjoni Ewropea fil-qasam/oqsma li jingħata responsabbiltà għalihom fi ħdan ir-Rappreżentanza Permanenti u ta' kull qasam ieħor li għalih jingħata responsabbiltà. Ir-Research Analyst huwa ukoll responsabbli li jżomm aġġornat lir-Rappreżentant Permanenti fi kwalunkwe kwistjoni rilevanti fl-oqsma li tagħhom huwa responsabbli. Il-kandidat irid ikollu l-isfond meħtieġ biex jifhem il-kumplessitajiet u jagħti rispons lura dwar kwistjonijiet diversi marbuta mal-acquis relatat mal-qasam li għalih huwa responsabbli, kif ukoll biex iressaq il-pożizzjoni ta' Malta bil-għan li din titqies b'mod adegwat mill-Istituzzjonijiet, il-Korpi u l-Aġenziji tal-UE fil-kontribuzzjonijiet rilevanti tagħhom, inkluż fil-proposti leġiżlattivi jew dokumenti bħall-konklużjonijiet tal-Kunsill.

Din id-Deskrizzjoni tal-Pożizzjoni hija indikattiva tal-kompiti u r-responsabbiltajiet.

Qasam Estern

i. Jirrappreżenta lil Malta fil-laqgħat tal-korpi preparatorji tal-Kunsill kif mitlub, fil-laqgħat tal-Gruppi ta' Ħidma tal-Kummissjoni u fil-Kumitati tal-Komitoloġija kif mitlub, kif ukoll f'fora oħra tal-UE kif meħtieġ; li jressaq il-pożizzjoni ta' Malta f'dawn il-laqgħat u li jipparteċipa f'diskussjonijiet hekk kif ikun iddettaljat fin-noti ta' istruzzjoni li għalihom ir-Research Analyst irid ikun jista' jikkontribwixxi wkoll;

ii. Jikteb u jibgħat ir-rapporti ta' dawn il-laqgħat immedjatament wara li jintemmu l-laqgħat u dan f'konformità mal-lista ta' distribuzzjoni approvata, kif

3.3 For the duration of the Agreement, the Research Analyst shall abide by the 'Conditions of Service for Officers Serving Overseas' (MFA 9/2015; CONDSER January 2024 V1.2) and which may be updated from tim to time.

Duties

4. The job duties for the position of Research Analyst include:

The Research Analyst supports the work of the External Relations Unit within the Permanent Representation of Malta to the European Union (PREU) and the wider PREU team. The Research Analyst reports directly to the Permanent Representative of Malta to the European Union and must be able to work independently (in line with the relevant Government and PREU internal procedures). The Research Analyst supports the work of the Political and Security Committee (PSC) Representative within the Permanent Representation. The Research Analyst also contributes to the cycle of preparations and follow-up to Foreign Affairs Council meetings. The Research Analyst is responsible for providing advice to the Permanent Representative and to other relevant entities within the Government, as well as coordinating any tasks and following any issues relating primarily to the geographic or thematic areas of CFSP that he is responsible for, as well as any other area of responsibility assigned to him within the PREU. The Research Analyst is also responsible for keeping the Permanent Representative abreast of any relevant issues in the area of responsibility. The candidate must have the necessary background to understand the complexities and provide feedback on the different issues stemming from the EU acquis related to the area of responsibility, as well as to put forward Malta's position to have it adequately taken into account by EU Institutions, Bodies, and Agencies in their relevant contributions, including in legislative proposals as well as documents such as Council Conclusions.

This Position Description is indicative of the tasks and responsibilities.

External

i. Representing Malta in meetings of the Council preparatory bodies as detailed, Commission Working Group and Comitology Committee meetings as detailed as well as in other EU fora as required; putting forward Malta's position in such meetings and participating in discussions in accordance with the instruction notes to which the Research Analyst must also be able to contribute;

ii. Compiling and sending reports of such meetings immediately after the completion of the meeting in line with the approved distribution list as well as alerting,

ukoll li jiġbed l-attenzjoni, bit-telefown jew messaġġ, dwar kwistjonijiet ta' importanza immedjata, lill-Ministeru kkonċernat, lid-Dipartiment ta' Kordinazzjoni tal-UE u lill-Kabinett tar-Rappreżentant Permanenti;

iii. Isegwi/shadowing/jagħti appoġġ (skont il-każ) il-laqgħat ta' gruppi ta' ħidma u kumitati tal-Kunsill kif dettaljat, kif ukoll laqgħat tal-gruppi ta' ħidma tal-Kummissjoni u tal-Kumitati tal-Komitoloġija li huma rilevanti għall-qasam ta' responsabbiltà ta' din il-pożizzjoni, u li għalihom jattendu uffiċjali minn Malta;

iv. Isegwi, u jirrapporta lura, dwar il-ħidma u l-iżviluppi fid-diversi istituzzjonijiet, korpi u aġenziji tal-UE kif ukoll fi Stati Membri fil-qasam li tiegħu jkun responsabbli u jinvolvi ruħu b'mod attiv ma' rappreżentanti ta' Stati Membri oħra, is-Segretarjat tal-Kunsill, kif ukoll il-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew u istituzzjonijiet, korpi u aġenziji, biex titressaq il-pożizzjoni ta' Malta, kif meħtieġ;

v. Jikkordina s-segwitu ta' kull kwistjoni li tista' tinqala' fil-laqgħat hawn fuq imsemmija/rapporti/jew proposti kif meħtieġ, kemm mat-taqsimiet l-oħra tar-Rappreżentanza Permanenti kif ukoll mal-istrutturi kkonċernati tal-Gvern f'Malta;

vi. Jipparteċipa fil-Kunsill u f'laqgħat oħra ministerjali relatati mal-UE, fil-laqgħat tal-Coreper kif ukoll f'kull laqgħa li ssir fil-marġini kif meħtieġ u dan għal dawk il-kwistjonijiet/suġġetti relatati mal-qasam ta' responsabbiltà ta' din il-pożizzjoni;

vii. Jikkompila u jibgħat rapporti f'waqthom ta' laqgħat imsemmija f'(vi) immedjatament wara li tintemm id-diskussjoni fuq tali suġġett skont il-proċeduri stabbiliti;

viii. Jieħu l-inizjattiva biex jiġu organizzati laqgħat b'mod regolari ma' kontropartijiet jew ma' rappreżentanti oħra mill-Istati Membri l-oħra, mill-Kunsill, mill-Kummissjoni, mill-Parlament Ewropew u minn istituzzjonijiet, korpi u aġenziji tal-UE oħra sabiex jissaħħu l-kuntatti ta' Malta u jiġu żviluppati kuntatti produttivi li jħallu l-frott, ma' Stati Membri oħra u mal-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji l-oħra kollha tal-UE bil-ħsieb li jiġi żgurat li l-pożizzjoni ta' Malta tkun mifhuma, apprezzata u meqjusa;

ix. Kull kompitu ieħor assenjat mir-Rappreżentant Permanenti.

Qasam Intern

i. Isegwi, kuljum, dawk il-kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-qasam/oqsma ta' responsabbiltà ta' din il-pożizzjoni, partikolarment dawk li huma ta' tħassib partikolari għal Malta u jirrapporta dwar dawn;

by telephone/message, the Ministry concerned, the EU Coordination Department and the Permanent Representative in the event of immediate issues;

iii. Following/shadowing/supporting (as the case may be) Council working party and Committee meetings as detailed, as well as Commission working group and Comitology Committee meetings that are relevant to this position's area of responsibility, which are attended by officers from Malta;

ii. Iwettaq kif meħtieġ funzjonijiet operattivi, proġetti u inizjattivi meħuda mill-Amministrazzjoni tat-Taxxa u Dwana ta' Malta, inkluż it-tħejjija ta' rapporti, preżentazzjonijiet u statistika fl-iskadenzi stabbiliti;

iii. Responsabbli għall-implimentazzjoni ta' sistemi ta' kontroll intern li jikkonċernaw ir-regolamenti u l-politiki finanzjarji u tal-akkwist;

iv. Iwettaq riċerka kif ordnata mill-maniġment u jkun ta' gwida fil-kumpilazzjoni tal-informazzjoni relatata ma' inizjattivi tal-baġit u proġetti oħrajn;

v. Jikkordina laqgħat u avvenimenti li jinvolvu partijiet interessati ta' diversi proġetti u inizzjattivi meħuda;

vi. Jikkordina, jamministra u jesegwixxi xogħol amministrattiv li jinkludi il-ġbir ta' informazzjoni minn diversi terzi persuni kif meħtieġ;

vii. Jirrappreżenta u jassisti lill-Kummissarju għat-Taxxa u d-Dwana bħala xhud, waqt seduti tal-Qorti Ċivili, u/jew Kriminali u tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiv kif meħtieġ;

viii. Responsabbli fil-kumplizzjoni ta' rapporti ta rapporti ta' kull xahar li jikkonċernaw l-implimentazzjoni tal-proġetti u jiżgura li dawn ikunu konformi mal-iskedi stabbiliti;

ix. Responsabbli għaż-żamma ta' dokumentazzjoni u informazzjoni xierqa fir-rigward ta' programmi u inizjattivi fi ħdan id-Dipartiment u jiżgura li d-data tkun miżmuma b'mod sigur;

x. Jipprovdi pariri u rakkomandazzjonijiet dwar it-titjib u s-simplifikazzjoni tal-proċessi tax-xogħol;

xi. Jiddentifika, regolarment, kwalunkwe kwistjoni li timmerita l-attenzjoni tas-superjur dirett u/a jew tad-Direttur;

xii. Iwettaq kwalunkwe dmir ieħor skont struzzjonijiet mogħtija mill-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana u/jew is-Segretarju Permanenti;

xiii. Kwalunkwe dmir ieħor hekk kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin

ii. Performs as required day-to-day operational functions, projects and initiatives undertaken by the Malta Tax and Customs Administration including preparation of reports, presentations and statistics within the established deadlines;

iii. Responsible for the implementation of internal control systems concerning financial and procurement regulations and policies;

iv. Undertakes research as directed by management and guides in the compilation of information related to budget initiatives and projects;

v. Coordinates meetings and events involving stakeholders of various projects and initiatives taken;

vi. Co-ordinates, manages and executes tasks including the gathering of information from various third parties as may be required;

vii. Represents and assists the Commissioner for Tax and Customs including as a witness at the Civil and/or Criminal Court and Administrative Review Tribunal sessions as necessary;

viii. Responsible in the compilation of monthly reports related to the implementation of projects and ensures that they are in line with set schedules;

ix. Responsible for the upkeep of proper documentation and information in relation to programmes and initiatives within the Department and ensures that data is stored in a secure manner;

x. Provides advice and recommendations on the improvement and simplification of work processes;

xi. Identifies, on an ongoing basis, any issues which merit the attention of the direct superior and/or the Director;

xii. Any other duties as directed by the Commission for Tax and Customs and/or Permanent Secretary;

xiii. Any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary.

Eligibility Requirements

4.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. a. citizens of Malta; or

b. citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in

fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar 'Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; jew

f. Fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika'.

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan Identità skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

ii. kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża.

U

iii. ikollhom Master's degree rikonoxxuta fil-Livell 7 tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 90 kretti ECTS/ECVET jew ekwivalenti*) fil-Business Management jew Business Administration jew Economics jew Banking and Finance jew Accountancy jew Psychology jew Sociology jew Public Policy jew Public Management jew Management

matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the abovementioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the 'Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006' or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'; or

f. in possession of a residence document issued in terms of the 'Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations'.

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identità should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

ii. able to communicate in the Maltese and English languages.

AND

iii. in possession of a recognised Master's degree at MQF Level 7 (subject to a minimum of 90 ECTS/ECVET credits, or equivalent*) in Business Management or Business Administration or Economics or Banking and Finance or Accountancy or Psychology or Sociology or Public Policy or Public Management or Management or Criminology

jew Criminology jew f'oqsma rilevanti kif determinat mill-maniġment, jew ikollhom kwalifika professjonali rikonoxxuta komparabbli fil-Livell 7 tal-MQF f'Accountancy.

*Kwalifika ta' Master's rikonoxxuta b'minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET hija aċċettata biss bil-kundizzjoni li dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent tal-Master's mill-MQRIC tiġi sottomessa mal-applikazzjoni. Kwalifika ta' Master's rikonoxxuta mill-Università ta' Malta (mogħtija qabel l-2009) b'inqas minn 60 krettu ECTS/ECVET hija aċċettabbli sakemm jiġi vverifikat mill-MQRIC li l-ammont ta' xogħol huwa komparabbli ma' mill-inqas 60 krettu ECTS/ECVETS.

U

iv. b'ħames (5) snin servizz maniġerjali rilevanti bħala Manager II, liema grad l-impjegat li għandu jkun ikkonfermat. Kwalunkwe esperjenza oħra relatata fil-qasam meħtieġa għall-grad imsemmi hawn fuq, fi, jew komparabbli ma', Skala ta' Salarju 7 fis-Servizz Pubbliku, li l-applikant jista' jkollu jista' jkun meqjusa mill-Amministrazzjoni, liema esperjenza għandha tkun sostnuta kif xieraq b'evidenza rilevanti.

Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra attwali tagħhom, sakemm il-ħatra attwali ma tkunx fi klassi/linja ta' karriera differenti jew f'pożizzjoni definita, iżda jistgħu japplikaw għal grad/pożizzjoni inqas anke jekk mhux ikkonfermati u irrispettivament jekk hux fl-istess linja ta' karriera jew le. Riverżjoni għal ħatra preċedenti mhux ikkonfermata mhijiex possibbli.

4.2 (i) Barra minn hekk, kandidati li għadhom ma kisbux formalment l-ebda waħda mill-kwalifiki msemmija hawn fuq xorta jiġu kkunsidrati. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifika inkwistjoni.

(ii) Aktar minn hekk, kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'livell tal-MQF ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVETS, jew ekwivalenti, u laħqu l-livell tal-MQF meħtieġ, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. L-applikanti prospettivi għandhom jinnutaw ir-rekwiżit li jipproduċu dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent tal-MQRIC fir-rigward tal-kwalifiki tagħhom mill-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli, skont id-dispożizzjonijiet applikabbli għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

4.3 Kandidati li għadhom ma kisbux formalment jew għadhom mhux approvati għall-kwalifika rikjesta hekk kif speċifikata fil-paragrafu 4.1 (iii) jew kif indikat f'paragrafu

or in relevant areas as determined by management, or a recognised comparable professional qualification at MQF Level 7 in Accountancy.

*A recognised Master's qualification with a minimum of 60 ECTS/ECVET credits is only accepted subject to an MQRIC formal Master's recognition statement being submitted with the application. A recognised Master's qualification from the University of Malta (awarded pre-2009) with less than 60 ECTS/ECVET credits is acceptable provided that it is verified by MQRIC that the workload is comparable to at least 60 ECTS/ECVET credits.

AND

iv. with five (5) years relevant management service as Manager II, in which grade the employee must be confirmed. Any other related experience in the area required for the afore-mentioned grade, in, or comparable to, Salary Scale 7 level in the Public Service, which the applicant may possess may be considered by the Administration, which experience must be duly sustained with relevant evidence.

Public officers applying for this post must be confirmed in their current appointment, unless the current appointment is in a different class/career stream or in a definite position, but may apply for a lower grade/position even if not confirmed and whether in the same stream or not. Reversion to previous unconfirmed appointment is not possible.

4.2 (i) Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the abovementioned qualifications will still be considered. Such candidates are to submit evidence that they have been approved for the award of the qualification in question.

(ii) Furthermore, candidates who are currently following a recognised programme of study at a higher MQF level than that requested above will also be considered. Such candidates are to submit evidence that they have successfully completed the necessary ECTS/ECVET credits, or equivalent, and attained the required MQF level, by the closing time and date of the call for applications. Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

4.3 Candidates who have not yet formally obtained or are not yet approved for the qualification specified in paragraphs 4.1 (iii) or else as indicated in paragraph 3.1 of the

3.1 tad-dispożizzjonijiet ġenerali (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_MT.pdf), xorta jiġu kkunsidrati, basta jibagħtu evidenza li jinsabu fl-aħħar fażi tal-kors li jwassal għall-għoti tat-tali kwalifika. Il-persuni maħtura jridu jġibu, jew ġew approvati, għat-tali kwalifika fi żmien sena mid-data tal-ħatra tagħhom. Jekk l-iskadenza għall-kisba tal-imsemmija kwalifika ma tintlaħaqx, il-ħatra, għal din ir-raġuni, tiġi awtomatikament terminata.

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/traskrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tal-Portal tar-Reklutaġġ (https://recruitment.gov.mt).

5.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

6.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

6.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 4.1 sa 4.3 hawn fuq, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

7.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tad-Direttorat tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Finanzi, permezz tal-Portal tar-Reklutaġġ tal-Gvern online **biss** (https://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae kompletament aġġornat (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant u l-istorja tal-impjieg). Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija l-5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 22 ta' Novembru, 2024. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

7.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar mument biex jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom.

7.3 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

7.4 Applikanti jingħataw sa jumejn (2) xogħol wara d-data u l-ħin tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

general provisions (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_ENG.pdf) will still be considered provided that they submit evidence that they are in the final phase of their course leading to such qualification. Appointees must obtain, or be approved, for the award of such qualification within one year of their appointment date. If this stipulated deadline for the attainment of such qualification is not met, the appointment will be, for this reason, automatically terminated.

Submission of Supporting Documentation

5.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates/transcripts and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedures

6.1 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the post. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

6.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 4.1 to 4.3, have proven relevant work experience.

Submission of Applications

7.1 Applications are to be submitted, for the attention of the Corporate Services Directorate, Ministry for Finance, through the online Government Recruitment Portal **only** (https://recruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae, completely up-to-date (which should include a list of qualifications held by applicant and the employment history). The closing date of the receipt of applications is 5.15 p.m. (Central European Time) of Friday, 22nd November, 2024. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

7.2 It is the responsibility of the applicants not to leave until the last moment for submission of their application.

7.3 Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) are not allowed.

7.4 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date and time of this call for applications, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

8. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
applikazzjonijiet laterali;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
kwalifiki f'livell ogħla;
livell komparattiv tal-impjegati tas-Settur Pubbliku;
rinunzji ta' applikazzjonjiet pendenti; pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati minn (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_MT.pdf) jew jinkisbu minn (recruitment.mfin@gov.mt). Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku u l-indirizz elettroniku tad-Direttorat huma (https://finanzi.gov.mt) u (recruitment.mfin@gov.mt).

Other General Provisions

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
lateral applications;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
qualifications at a higher level;
comparative level of Public Sector employees;
renouncement of pending applications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be accessed from (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_ENG.pdf) or may be obtained from (recruitment.mfin@gov.mt). These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address and email address of the receiving Directorate are (https://finance.gov.mt) and (recruitment.mfin@gov.mt).

It-8 ta' Novembru, 2024

DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

Eżami għall-Applikazzjoni għall-Awtorizzazzjoni għal persuni li jagħmlu installazzjoni tal-Elettriku skont ir-Regolamenti dwar l-Installazzjonijiet Elettriċi (L.S. 545.24) – Jannar, 2025

1. Id-Direttur tal-Eżamijiet u l-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali jgħarrfu li se jsiru eżamijiet tat-Teorija tal-Elettriku u tat-Teknoloġija tal-Installazzjoni Elettrika bejn it-Tnejn 27 ta' Jannar, 2025 u l-Ħamis 30 ta' Jannar, 2025, sabiex l-applikanti li jgħaddu jkunu jistgħu japplikaw għand ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma (REWS) għall-ħruġ ta' Awtorizzazzjoni 'A' u 'B', kif stipulat fl-Att dwar ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma (Kap. 545) u r-Regolamenti dwar l-Installazzjonijiet Elettriċi (L.S.545.24).

2. Id-Direttur tal-Eżamijiet u l-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali jgħarrfu wkoll li l-Eżami Prattiku u l-Intervista marbutin mal-awtorizzazzjoni għall-persuni li

8th November, 2024

DEPARTMENT OF EXAMINATIONS

Authorisation Examination for the Application of Authorisation of a Service Provider for Electrical Installations as per Electrical Installations Regulations (S.L.545.24) – January, 2025

1. The Director of Examinations and the Board of Local Public Examinations notify that the examinations for Electrical Theory and Electrical Installation Technology will be held between Monday 27th January, 2025 and Thursday 30th January, 2025, to enable successful candidates to apply for the issue of Authorisations 'A' and 'B' at the Regulator for Energy and Water Services (REWS) as stipulated in the Regulator for Energy and Water Services Act (Cap. 545) and Electrical Installations Regulations (S.L.545.24).

2. The Director of Examinations and the Board of Local Public Examinations also notify that the Practical /Interview Examination in connection with the authorisation of a

jagħmlu installazzjoni tal-elettriku 'A' u 'B' se jsiru bejn is-Sibt, 22 ta' Marzu, 2025 u t-Tlieta, 15 ta'April, 2025.

3. Kopja tas-sillabu tista' tinkiseb mis-sit elettroniku tad-Dipartiment tal-Eżamijiet (https://myexams.gov.mt/mt/local-licences-examinations/).

4. L-eżamijiet huma mqassma kif ġej:

(a) Eżami għall-Awtorizzazzjoni 'A' – Single Phase

Karta I (Eżami bil-miktub)
Ħin: Sagħtejn (2)
Marka: 100% (Mass.), Pass mark 50%

Karta II (Eżami bil-miktub)
Ħin: 3 sigħat
Marka: 100% (Mass.), Pass mark 50%

Eżami Prattiku u l-Intervista
Ħin: Siegħa
Prattiku: Marka (Mass. 70%)
Intervista: Marka (Mass. 30%)
Marka globali: 100% (Mass.), Pass mark 50%

(b) Eżami għall-Awtorizzazzjoni 'B' – Three Phase

Karta I (Eżami bil-miktub)
Ħin: Sagħtejn (2)
Marka: 100% (Mass.), Pass mark 50%

Karta II (Eżami bil-miktub)
Ħin: 3 sigħat
Marka: 100% (Mass.), Pass mark 50%

Eżami Prattiku u l-Intervista
Ħin: Siegħa
Prattiku: Marka (Mass. 70%)
Intervista: Marka (Mass. 30%)
Marka globali: 100% (Mass.), Pass mark 50%

5. Il-kandidati jridu jgħaddu miż-żewġ karti tal-kitba fl-istess sessjoni tal-eżamijiet sabiex ikunu eliġibbli għall-Eżami Prattiku u l-Intervista.

6. L-applikanti li għaddew miż-żewġ karti bil-miktub iżda m'għaddewx fl-eżami prattiku u l-intervista m'għandhomx għalfejn jerġgħu jpoġġu għall-karti bil-miktub sakemm l-eżami prattiku u l-intervista jsir fi żmien li ma jaqbiżx is-sentejn mis-sessjoni tal-eżami bil-miktub.

7. Biex il-kandidati jkunu jistgħu japplikaw mar-REWS għall-Awtorizzazzjoni 'A' jew Awtorizzazzjoni 'B' iridu jkunu kisbu pass mark fiż-żewġ karti (Paper I u Paper II) kif ukoll kisbu pass mark fl-eżami prattiku u l-intervista.

service provider for electrical installation 'A' and 'B' will be held between Saturday, 22nd March, 2025 and Tuesday, 15th April, 2025.

3. A copy of the syllabus of the examination may be obtained from the website of the Department of Examinations (https://myexams.gov.mt/local-licences-examinations/).

4. The examination will be held as follows:

(a) Authorisation 'A' Examination – Single Phase

Paper I (Written)
Time allowed: 2 hours
Marks: 100% (Max.), Pass mark 50%

Paper II (Written)
Time allowed: 3 hours
Marks: 100% (Max.), Pass mark 50%

Practical Test and Interview
Time allowed: 1 hour
Practical test: Mark (Max. 70%)
Interview: Mark (Max. 30%)
Global mark: 100% (Max.), Pass mark 50%

(b) Authorisation 'B' Examination – Three Phase

Paper I (Written)
Time allowed: 2 hours
Marks: 100% (Max.), Pass mark 50%

Paper II (Written)
Time allowed: 3 hours
Marks: 100% (Max.), Pass mark 50%

Practical Test and Interview
Time allowed: 1 hour
Practical test: Mark (Max. 70%)
Interview: Mark (Max. 30%)
Global mark: 100% (Max.), Pass mark 50%

5. Candidates need to pass from both written papers of the same examination session to be eligible for the Practical/Interview test.

6. Candidates who passed in both written papers but did not pass in the practical/interview test do not need to sit for the written papers again as long as the practical/interview test is taken within a period not exceeding 2 years from the Written Test.

7. To be able to apply with REWS for Authorisation 'A' or for Authorisation 'B', candidates must obtain a pass mark in both Paper I and Paper II together with a pass mark in the practical/interview test.

8. Il-kandidati jistgħu japplikaw online billi jidħlu fit-sit (https://myexams.gov.mt/applications/) bejn it-Tnejn, 11 ta' Novembru, 2024 u l-Ġimgħa, 22 ta' Novembru, 2024.

9. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

10. Il-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali għandu s-setgħa li jittratta sommarjament ma' kull kandidat li, waqt li jkun qiegħed isir l-eżami, jinstab ħati ta' mġiba ħażina jew ta' xi ksur tal-Istruzzjonijiet ta' Gwida lill-Kandidati li kienu mehmuża man-notifika tal-eżami.

11. Il-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali jżomm id-dritt li jħassar l-eżami u/jew jiddiskwalifika kandidat/i jekk tinstab xi irregolarità. Tħassir u/jew diskwalifika bħal dan/dawn jista' jkun fl-eżami kollu, ukoll jekk l-irregolarità li tinstab tkun f'karta waħda biss jew stadju partikulari tal-eżami.

It-8 ta' Novembru, 2024

KUNSILL LOKALI MARSASKALA

Laqgħa tal-Lokalità

Skont Artikolu 70 (1) tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363), il-Kunsill Lokali Marsaskala jgħarraf li r-residenti huma mistiedna għal-laqgħa tal-lokalità li se ssir fl-uffiċini tal-Kunsill nhar l-Erbgħa, 13 ta' Novembru, 2024, fis-6.00 p.m.

L-aġenda tinkludi l-qari u l-approvazzjoni tal-minuti, u l-baġit għas-sena finanzjarja 2025.

It-8 ta' Novembru, 2024

KUNSILL LOKALI L-FGURA

Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali Fgura jgħarraf li bis-setgħat mogħtija bl-Avviż Legali 119 tal-2002, nhar il-Ħadd, 26 ta' Jannar, 2025, mis-7.00 a.m. sat-3.00 p.m., Triq Hompesch (minn Triq is-Sur sa Triq San Tumas), kif ukoll Triq il-Karmelitani (minn Triq Hompesch sa Triq il-Kampanella) u Triq il-Liedna (minn Triq San Tumas sa Triq il-Karmelitani) se jkunu magħluqa għat-traffiku.

Fl-istess ħinijiet, mhux se jitħallew karozzi pparkjati fi Triq Hompesch (minn Triq is-Sur sa Triq San Tumas fuq iż-żewġ naħat tat-triq) kif ukoll fi Triq il-Karmelitani.

Karozzi li jitħallew ipparkjati jistgħu jiġu rmunkati a spejjeż tas-sid.

It-8 ta' Novembru, 2024

8. Applications will be available online between Monday, 11th November, 2024 and Friday, 22nd November, 2024 on (https://myexams.gov.mt/applications/).

9. Late applications will not be considered.

10. The Board of Local Public Examinations has the power to deal summarily with any candidate who while the examination is in progress, is found to be guilty of any breach or misconduct, of the Instructions to Candidates included with the timetable.

11. The Board of Local Public Examinations reserves the right to annul the examination and/or disqualify the candidate/s if any irregularity is detected at any stage of the examination. Such annulment and/or disqualifcation may be in respect of the whole examination even if the detected irregularity is in respect of only one paper.

8th November, 2024

MARSASKALA LOCAL COUNCIL

Locality Meeting

In accordance with Article 70 (1) of the Local Councils Act (Cap. 363), the Marsaskala Local Council notifies the residents that they are invited to the locality meeting being held on Wednesday, 13th November, 2024, at 6.00 p.m., at the council's office.

The agenda includes the reading and the approval of the minutes, and the budget for the financial year 2025.

8th November, 2024

FGURA LOCAL COUNCIL

Suspension of Traffic and Parking

The Fgura Local Council hereby notifies that in terms of Legal Notice 119 of 2002, on Sunday, 26th January, 2025, from 7.00 a.m. till 3.00 p.m., Triq Hompesch (from Triq is-Sur to Triq San Tumas), and also Triq il-Karmelitani (from Triq Hompesch to Triq il-Kampanella) and Triq il-Liedna (from Triq San Tumas to Triq il-Karmelitani) will be closed for traffic.

During the same times, parking will not be permitted in Triq Hompesch (from Triq is-Sur till Triq San Tumas on both sides of the street) and also in Triq il-Karmelitani.

Parked cars will be towed at the vehicle owner's cost.

8th November, 2024

KUNSILL LOKALI L-FGURA

Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali Fgura jgħarraf li bis-setgħat mogħtija bl-Avviż Legali 119 tal-2002, Wesgħa Reggie Miller u Triq Anġlu u Marianna Camilleri se jkunu magħluqa għat-traffiku minn nhar is-Sibt, 14 ta' Diċembru, 2024, mis-2.00 p.m. sas-1.00 a.m., u nhar il-Ħadd, 15 ta' Diċembru, 2024, mis-2.00 p.m. sas-1.00 a.m. Triq il-Karmelitani se tkun magħluqa għat-traffiku nhar is-Sibt, 14 ta' Diċembru, 2024, mid-9.00 a.m. sas-1.00 a.m., kif ukoll nhar il-Ħadd, 15 ta' Diċembru, 2024, mis-2.00 p.m. sas-1.00 a.m.

Ukoll, ħadd ma jista' jipparkja f'Wesgħa Reggie Miller u Triq Anġlu u Marianna Camilleri mill-Ħamis, 12 ta' Diċembru, 2024 sal-Ħadd, 15 ta' Diċembru, 2024, mid- 9.00 a.m. sas-1.00 a.m. Ħadd ma jista' jipparkja fi Triq il-Karmelitani nhar is-Sibt, 14 ta' Diċembru, 2024 u l-Ħadd, 15 ta' Diċembru, 2024, mid-9.00 a.m. sas-1.00 a.m.

Vetturi li jibqgħu pparkjati jiġu rmunkati.

It-8 ta' Novembru, 2024

KUNSILL LOKALI R-RABAT (MALTA)

Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali r-Rabat jgħarraf lill-pubbliku li ħadd ma jista' jipparkja nhar is-Sibt, 23 ta' Novembru, 2024, mis-7.00 a.m. 'il quddiem, fi Triq San Pawl. Tabelli se jkunu qed jindikaw fejn il-parkeġġ mhux permess.

Minn nhar is-Sibt, 30 ta' Novembru, 2024 sa nhar it-Tlieta, 17 ta' Diċembru, 2024, mis-7.00 a.m. 'il quddiem, ħadd ma jista' jipparkja fi Triq San Pawl, Pjazza L'Isle Adam, Triq San Ġużepp, Triq Indrì Borg u Triq Doni. Tabelli se jkunu qed jindikaw fejn parkeġġ mhux permess. It-toroq imsemmija se jkunu magħluqa għat-traffiku.

Karrozzi pparkjati jiġu rmunkati.

It-8 ta' Novembru, 2024

AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, Awtorità tal-Artijiet, jgħarraf li:

Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-kaxxa tal-offerti tal-Awtorità tal-Artijiet, Il-Berġa tal-Baviera, il-Belt Valletta, sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 21 ta' Novembru, 2024.

Avviż Nru. 58. Għotja b'ċens perpetwu revedibbli ta' Sit tale quale fi Triq il-Lelluxa, Għajnsielem, Għawdex kif muri

FGURA LOCAL COUNCIL

Suspension of Traffic and Parking

The Fgura Local Council hereby notifies that in terms of Legal Notice 119 of 2002, Wesgħa Reggie Miller and Triq Anġlu u Marianna Camilleri will be closed for transit of vehicles from Saturday, 14th December, 2024, from 2.00 p.m. till 1.00 a.m., and Sunday, 15th December, 2024, from 2.00 p.m. till 1.00 a.m. Triq il-Karmelitani will be closed for transit of vehicles on Saturday, 14th December, 2024, from 9.00 a.m. till 1.00 p.m., and Sunday, 15th December, 2024, from 2.00 p.m. till 1.00 a.m.

No parking will be permitted in Wesgħa Reggie Miller and Triq Anġlu u Marianna Camilleri from Thursday, 12th December, 2024 till Sunday, 15th December, 2024, from 9.00 a.m. till 1.00 a.m. No parking will be permitted in Triq il-Karmelitani on Saturday, 14th December, 2024 and Sunday, 15th December, 2024, from 9.00 a.m. till 1.00 a.m.

Parked vehicles will be towed.

8th November, 2024

RABAT (MALTA) LOCAL COUNCIL

Suspension of Traffic and Parking

The Rabat Local Council notifies that no parking is allowed on Saturday, 23rd November, 2024, from 7.00 a.m. onwards, in Triq San Pawl. There will be indicative no parking signs.

From Saturday, 30th November, 2024 till Tuesday, 17th December, 2024, from 7.00 a.m. onwards, no parking is allowed in Triq San Pawl, Pjazza L'Isle Adam, Triq San Ġużepp, Triq Indrì Borg and Triq Doni. Signs will be indicating where parking is not permitted. Mentioned streets are going to be closed.

Parked cars will be towed.

8th November, 2024

LANDS AUTHORITY

The Chief Executive Officer, Lands Authority, notifies that:

Sealed tenders in respect of the following advertisements are to be deposited in the tender box at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta, by 10.00 a.m. on Thursday, 21st November, 2024.

Advt No. 58. Grant on a perpetual revisable emphyteusis of the Site tale quale at Triq ta' Lelluxa, Ghajnsielem, Gozo, as

bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2024_0489. Min jirbaħ l-offerta għandu ċans sabiex jifdi dan iċ-ċens matul l-ewwel ħmistax (15)-il sena wara reviżjoni skont ir-rata tal-inflazzjoni kif hemm spjegat bid-dettall fuq il-kundizzjonijiet taċ-ċens. L-Offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'Bid-Bond għall-ammont ta' €46,953 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' ħmistax-il elf u sitt mija u wieħed u ħamsin ewro (€15,651) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun soġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 59. Bejgħ ta' Sit tale quale fi Vjal l-Indipendenza kantuniera ma' Triq id-Dawr, il-Mosta kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2023_0593. L-Offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'Bid-Bond għall-ammont ta' €9,380 kif stipulat filkundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' tlieta u disgħin elf u tmien mitt ewro (€93,800) ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun soġġetta għal drtitt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 60. Bejgħ tale quale ta' Arja fuq il-Garaxxijiet Nri. 64 u 65 fi Triq Serracino Inglott, l-Iklin kif muri bid-dettalji kollha u bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.190A_82_7_1. L-Offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'Bid-Bond għall-ammont ta' €1,010 kif stipulat filkundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' għaxart elef u mitt ewro (€10,100) ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun soġġetta għal drtitt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 61. Bejgħ tale quale ta' Arja fuq il-Garaxx Nru. 66 fi Triq Serracino Inglott, l-Iklin kif muri bid-dettalji kollha u bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.190A_82_7_2. L-Offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'Bid-Bond għall-ammont ta' €1,000 kif stipulat filkundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' ħamest elef u mija u ħamsin ewro (€5,150) ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun soġġetta għal drtitt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 62 Għotja b'ċens perpetwu revedibbli ta' Sit tale quale fi Triq Ġdida fi Triq il-Bies, iż-Żejtun kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2024_0524. Min jirbaħ l-offerta għandu ċans sabiex jifdi dan iċ-ċens matul l-ewwel ħmistax (15)-il sena wara reviżjoni skont ir-rata tal-inflazzjoni kif hemm spjegat bid-dettall fuq il-kundizzjonijiet taċ-ċens. L-Offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'Bid-Bond għall-ammont ta' €32,580 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' għaxart elef u tmien mija u sittin ewro (€10,860) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta

shown edged in red on the plan P.D.2024_0489. The winning bidder has the chance to redeem this emphyteusis within the first fifteen (15) years after a revision according to the rate of inflation as explained in detail in the emphyteutical conditions. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for an amount of €46,953 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of fifteen thousand and six hundred and fifty-one Euros (€15.651) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Advt No. 59. Sale tale quale of a site at Vjal l-Indipendenza cornering with Triq id-Dawr, Mosta as shown edged in red on the plan P.D.2023_0593. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for the amount of €9,380 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of ninety-three thousand and eight hundred Euros (€93,800) will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Advt No. 60. Sale tale quale of an Airspace overlying Garages No. 64 and No. 65 at Triq Serracino Inglott, Iklin as shown in full detail and edged in red on the plan P.D.190A_82_7_1. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for the amount of €1,010 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of ten thousand and one hundred Euros (€10,100) will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Advt No. 61. Sale tale quale of an Airspace overlying Garage No. 66 at Triq Serracino Inglott, Iklin as shown in full detail and edged in red on the plan P.D.190A_82_7_2. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for the amount of €1,000 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of five thousand and one hundred and fifty Euros (€5,150) will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Advt No. 62. Grant on a perpetual revisable emphyteusis of the Site tale quale at New Road in Triq il-Bies, Zejtun, as shown edged in red on the plan P.D.2024_0524. The winning bidder has the chance to redeem this emphyteusis within the first fifteen (15) years after a revision according to the rate of inflation as explained in detail in the emphyteutical conditions. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for an amount of €32,580 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of ten thousand and eight hundred and sixty Euros (€10.860) per annum will not be considered. This tender may

tista' tkun soġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Dawn l-avviżi qegħdin jiġu ppubblikati bħala stedina għall-pubbliku sabiex jakkwista d-dokumenti tal-offerta online. L-offerenti għandhom jirreferu għall-kundizzjonijiet kollha tad-dokument tal-offerta u huma mitluba li jaqraw sew dawn id-dokumenti. L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta, li flimkien mal-kundizzjonijiet rilevanti u dokumenti oħra jistgħu jinkisbu billi tagħżel 'Buy Tender' fuq il-paġna ta' dawn l-offerti fis-sit (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). Il-ħlas ta' ħamsin ewro (€50) għandu jsir permezz tas-sistema online tas-sit tal-Awtorità tal-Artijiet bil-card bankarja tal-preferenza tiegħek.

It-8 ta' Novembru, 2024

MALTA INTERNATIONAL CONTEMPORARY ART SPACE

Il-Kap Eżekuttiv tal-MICAS, jgħarraf illi:

Sa nofsinhar ta' nhar it-Tnejn, 18 ta' Novembru, 2024, il-MICAS se tilqa' sottomissjonijiet għal:

Espressjoni ta' Uffiċjal Anzjan (Midja Soċjali u Marketing Diġitali).

Iżjed informazzjoni tista' tinkiseb mis-sit elettroniku tal-MICAS (https://micas.art/get-involved/).

Kull kjarifika jew addenda fuq l-offerta jistgħu jinkisbu mis-sit elettroniku tal-MICAS.

Il-MICAS tirriserva d-dritt li tirrifjuta kull offerta anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

It-8 ta' Novembru, 2024

CENTRAL PROCUREMENT U SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Sourcing and Supply Chain Management) għas-Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, jgħarraf illi:

Jintlaqgħu offerti elettroniċi rigward l-avviżi li ġejjin sad-9.30 a.m. tal-Ġimgħa, 29 ta' Novembru, 2024. L-offerti għandhom jintbagħtu BISS online fuq (www.etenders.gov.mt) għall-:

CFT 021-4151/24. Provvista ta' 'White Soft Paraffin'

CFT 020-4152/24. Provvista ta' 'Polyurethane Foam Dressings' 7.5cm x 7.5cm

CFT 009-4153/24. Provvista ta' 'Pipe Bracket Rubber Lined'

be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

These advertisements are being published as an invitation to the public to acquire tender documents online. The bidders are to refer to all the conditions of the tender document and are invited to carefully read these conditions. Tenders should be submitted only on the prescribed form, which together with the relevant conditions and other documents, may be obtained by clicking on 'Buy Tender' on the webpage where these tenders are available on (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). A fee of fifty euro (€50) must be paid through the online system of the Lands Authority website by using your preferred banking card.

8th November, 2024

MALTA INTERNATIONAL CONTEMPORARY ART SPACE

The Chief Executive Officer, MICAS, notifies that:

Submissions for the following will be received at MICAS, by noon of Monday, 18th November, 2024, for.

Expression of Interest for the Senior Officer (Social Media and Digital Communications).

More information can be obtained from the website of MICAS (https://micas.art/get-involved/).

Any clarifications or addenda to the document will be uploaded and are available to view from the same website.

MICAS reserves the right to refuse any offer even the most advantageous.

8th November, 2024

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Sourcing and Supply Chain Management) for the Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), Ministry for Health and Active Ageing, notifies that:

Electronic tenders in respect of the following notices will be received up to 9.30 a.m. of Friday, 29th November, 2024. Tenders are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt) for the:

CFT 021-4151/24. Supply of White Soft Paraffin

CFT 020-4152/24. Supply of Polyurethane Foam Dressings 7.5cm x 7.5cm

CFT 009-4153/24. Supply of Pipe Bracket Rubber Lined

CFT 020-4154/24. Provvista ta' 'Autoclavable Lense' 20D & 28D

CFT 021-4155/24. Provvista ta' 'Silver Nitrate Sticks'

CFT 009-4156/24. Provvista ta' 'Various Dial Type Oxygen Direct Probe Flowmeter Units'

CFT 020-4157/24. Provvista ta' 'Surgical Adhesive Drapes with Fenestration' Size 100cm x 100cm

CFT 020-4158/24. Provvista ta' 'Low Profile Self-Expandable Stents'

CFT 020-4159/24. Provvista ta' 'PTCA Balloon Catheters - Large Non-compliant Balloons'

CFT 009-4160/24. Provvista ta' 'Boiling Out Units' għall-laboratorju dentali.

CFT 014-4161/24. Provvista u konsenja ta' oġġetti ta' għamara b'materjali u proċessi li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent għall-Isptar Ġenerali ta' Għawdex

CFT 021-4162/24. Provvista ta' 'Indometacin 25mg tablets/ capsules'

CFT 013-4163/24. Provvista ta' 'photocopy paper-based on virgin fibre' minn sorsi maħsuda b'mod legali u/jew b'mod li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent (potenzjalment għandu wkoll perċentaġġ ta' fibri rikoverati)

CFT 014-4164/24. Provvista u installazzjoni ta' '2 high security doors' għad-dipartiment mortwarju tal-Isptar Ġenerali ta' Għawdex

Id-dokumenti tal-offerta huma mingħajr ħlas.

Id-dokumenti tal-offerti jinkisbu biss mill-Electronic Public Procurement System (www.etenders.gov.mt). Ir-reġistrazzjoni hija meħtieġa sabiex ikun jista' jintuża s-sit elettroniku. Operaturi ekonomiċi Maltin għandu jkollhom l-eID tal-organizzazzjoni tagħhom sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'dan is-sit elettroniku. Aktar tagħrif jinkiseb mis-sezzjoni tal-FAQs tal-istess sit.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u l-iskedar tal-offerti fil-ħinijiet u d-dati msemmija hawn fuq.

It-8 ta' Novembru, 2024

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Sourcing and Supply Chain Management) għas-Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, jgħarraf illi s-sottomissjonijiet tal-ERU Competitive Calls imniżżla hawn taħt għandhom jintlaqgħu sal-10.00 a.m. tat-Tnejn, 11 ta' Novembru, 2024.

ERU0411U24 – Devices
ERU0411U24 – Medicinal
ERU0411U24A – Medicinal
ERU0411U24B – Medicinal
ERU0411U24C – Medicinal
ERU0411U24D – Medicinal

CFT 020-4154/24. Supply of Autoclavable Lense 20D & 28D

CFT 021-4155/24. Supply of Silver Nitrate Sticks

CFT 009-4156/24. Supply of Various Dial Type Oxygen Direct Probe Flowmeter Units

CFT 020-4157/24. Supply of Surgical Adhesive Drapes with Fenestration Size 100cm x 100cm

CFT 020-4158/24. Supply of Low Profile Self- Expandable Stents

CFT 020-4159/24. Supply of PTCA Balloon Catheters - Large Non-compliant Balloons

CFT 009-4160/24. Supply of Boiling Out Units for the dental lab

CFT 014-4161/24. Supply and delivery of furniture items produced with environmentally friendly materials and processes for the Gozo General Hospital

CFT 021-4162/24. Supply of Indometacin 25mg tablets/ capsules

CFT 013-4163/24. Supply of photocopy paper-based on virgin fibre stemming from legally and/or sustainably harvested sources (also potentially containing a percentage of recovered fibres)

CFT 014-4164/24. Supply and installation of 2 high security doors for Gozo General Hospital mortuary department

These tender documents are free of charge.

Tender documents are only obtainable from the Electronic Public Procurement System (www.etenders. gov.mt). Registration is required in order to make use of this website. Maltese economic operators need to be in possession of their organisation eID in order to access this website. More information is available from the FAQ section of the same website.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the times and dates specified above.

8th November, 2024

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Sourcing and Supply Chain Management) for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health and Active Ageing, notifies that submissions for the below listed ERU Competitive Calls will be received up to 10.00 a.m. on Monday, 11th November, 2024.

ERU0411U24 – Devices
ERU0411U24 – Medicinal
ERU0411U24A – Medicinal
ERU0411U24B – Medicinal
ERU0411U24C – Medicinal
ERU0411U24D – Medicinal

ERU0411U24E – Medicinal
ERU0411U24F – Devices
ERU0411U24G – Devices
ERU0411U24H – Devices
ERU0411U24I – Devices
ERU0411U24J – Medicinal
ERU0411U24K – Medicinal
ERU0511U24 – Medicinal
ERU0511U24 – Devices
ERU0511U24A – Medicinal
ERU0511U24B – Medicinal
ERU0511U24C – Medicinal
ERU0511U24D – Medicinal
ERU0511U24E – Medicinal
ERU0511U24F – Devices
ERU0511U24G – Devices

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa għal kompetizzjoni għandhom jiġu sottomessi skont l-istruzzjonijiet mogħtija fid-dossier.

It-8 ta' Novembru, 2024

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Sourcing and Supply Chain Management) għas-Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, jgħarraf illi s-sottomissjonijiet tal-ERU Competitive Calls imniżżla hawn taħt għandhom jintlaqgħu sal-10.00 a.m. tat-Tlieta, 12 ta' Novembru, 2024.

ERU0611U24 – Devices
ERU0611U24 – Medicinal
ERU0611U24A – Devices
ERU0611U24B – Devices
ERU0611U24C – Medicinal
ERU0611U24D – Medicinal
ERU0611U24E – Medicinal
ERU0611U24F – Medicinal
ERU0611U24G – Medicinal
ERU0611U24H – Devices
ERU0611U24I – Medicinal
ERU0611U24J – Devices

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa għal kompetizzjoni għandhom jiġu sottomessi skont l-istruzzjonijiet mogħtija fid-dossier.

It-8 ta' Novembru, 2024

ERU0411U24E – Medicinal
ERU0411U24F – Devices
ERU0411U24G – Devices
ERU0411U24H – Devices
ERU0411U24I – Devices
ERU0411U24J – Medicinal
ERU0411U24K – Medicinal
ERU0511U24 – Medicinal
ERU0511U24 – Devices
ERU0511U24A – Medicinal
ERU0511U24B – Medicinal
ERU0511U24C – Medicinal
ERU0511U24D – Medicinal
ERU0511U24E – Medicinal
ERU0511U24F – Devices
ERU0511U24G – Devices

Emergency Response Unit (ERU) Competitive Calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be submitted as per instructions given in the dossier.

8th November, 2024

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Orders the Registrar of Court to see that this Order signed by the said Registrar and that it is placed at the entrance of the building in which this Court presides and orders that same is published be in in the Government Gazette and in two local newspapers, one in Maltese and the other in the English language.

Orders NEWZ.mt to remove from its Facebook page any statement or evaluation of evidence made by Manuel Delia regarding the case that was uploaded on the said page on the 5th September, 2024.

Service:

1. Yorgen Fenech
2. Attorney General
3. Dr Jason Azzopardi for the injured party
4. Registrar of Court
5. NEWZ.mt

(sg) Hon. Dr Edwina Grima
Judge

JOYCE AGIUS
Deputy Registrar

2612

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, Sezzjoni tal-Kummerċ, fil-11 ta' Ottubru 2024, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 111/2024/1ISB, li ġie ppreżentat fil-5 ta' Frar, 2024, fl-ismijiet: Farrugia Jason Joseph u Maria vs X, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kap.12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat. Ir-rikorrenti talbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tipproċedi ai termini tal-Liġi sabiex jiġi dikjarat l-istat ta' falliment tal-esponenti Jason Joseph u Maria konjuġi Farrugia.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għat-18 ta' Novembru, 2024, fil-12.15 p.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 5 ta' Novembru, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, Commercial Section, on the 11th October 2024, in the records of Sworn Application number 111/2024/1ISB, which was filed on the 5th February, 2024, in the names: Farrugia Jason Joseph and Maria vs X, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap.12 for the purpose of service of the respondent. The applicants asked this Honourable Court to, among others: Proceed in terms of Law in order to declare the bankruptcy of the applicants Jason Joseph and Maria spouses Farrugia.

The Sworn Application in the names mentioned above is postponed to 18th November, 2024 at 12.15 p.m.

Registry of the Superior Courts, today 5th November, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2613

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-25 ta' Settembru, 2024, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 384/2022FDP, li ġie ppreżentat fis-6 ta' Mejju, 2022, fl-ismijiet: Mangion Gabriella et vs Campo Santo Limited et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kap.12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati. Ir-rikorrenti talbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tikkundanna lill-konvenuti sabiex iħallsu lir-rikorrenti s-somma hekk li tiġi likwidata. Bl-ispejjeż kollha u bl-imgħax legali kontra l-intimati li huma inġunti għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għall-21 ta' Jannar, 2025, f'12.00 p.m.

Notifika Intimati: Camray Company Limited, 29, Triq Wigi Billion, Pembroke

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 21 ta' Ottubru, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 25th September, 2024, in the records of Sworn Application number 384/2022FDP, which was filed on the 6th May, 2022, in the names: Mangion Gabriella et vs Campo Santo Limited et, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap.12 for the purpose of service of the respondents. The applicants asked this Honourable Court to, among others: Condemn the defendants to pay the applicants the sum so that it will be liquidated. With all costs and legal interest against the respondents who are summoned so that a reference to their evidence be made.

The Sworn Application in the names mentioned above is postponed to 21st January, 2025, at 12.00 p.m.

Notify Respondents: Camray Company Limited, 29, Triq Wigi Billion, Pembroke

Registry of the Superior Courts, today 21st October, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2614

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-8 ta' Ottubru, 2024, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 376/2024AB, li ġie ppreżentat fid-9 ta' April, 2024, fl-

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 8th October, 2024, in the records of Sworn Application number 376/2024AB, which was filed on the 9th April,

ismijiet: Sant Hermia vs Degiorgio Jennifer et ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kap.12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati. Ir-rikorrent talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom iħallsu lir-rikorrent dik is-somma hekk likwidata. Bl-ispejjeż kollha u bl-imgħax legali kontra l-intimati li huma inġunti għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għas-26 ta' Novembru, 2024, fl-9.40 a.m.

Notifika Intimati: Degiorgio Jennifer, 100, Millenium Court, Flat 4, Triq il-Ħġejjeġ, San Pawl il-Baħar
Borg Victor, 133, Casa Marvic, Triq Tal-Ħlas, Ħal Qormi

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 30 ta' Ottubru, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

2024, in the names: Sant Hermia vs Degiorgio Jennifer et, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap.12 for the purpose of service of the respondents. The applicant asked this Honourable Court to, among others: Condemn the defendants or either of whom to pay the applicant that sum so liquidated. With all costs and legal interest against the respondents who are summoned so that a reference to their evidence be made.

The Sworn Application in the names mentioned above is postponed to 26th November, 2024, at 9.40 a.m.

Notify Respondents: Degiorgio Jennifer, 100, Millenium Court, Flat 4, Triq il-Ħġejjeġ, St Paul's Bay
Borg Victor, 133, Casa Marvic, Triq Tal-Ħlas, Ħal Qormi

Registry of the Superior Courts, today 30th October, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2615

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla fis-17 ta' Ottubru 2024 fuq talba ta' Dott. Peter Fenech maħtur bħala stralċarju fil-proċeduri ta' falliment ta' Jonathan Pace, ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 18 ta' Frar, 2025, fil-ħdax u nofs ta' filgħodu (11.30 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra numru 78 biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

L-appartament internament immarkat bin-numru wieħed (1) sitwat fl-ewwel sular (ground floor level) u formanti parti minn blokk bl-isem ta' 'Waveline' fi Triq il-Knisja fix-Xagħjra, Ħaż-Żabbar, stmat li jiswa mija u sebgħin elf ewro (€170,000);

L-appartament internament immarkat bin-numru tnejn (2) sitwat fl-ewwel sular (first floor level) u formanti parti minn blokk bl-isem ta' 'Waveline' fi Triq il-Knisja fix-Xagħjra, Ħaż-Żabbar, stmat li jiswa mija u tmenin elf u tmien mitt ewro (€180,800);

L-appartament internament immarkat bin-numru tlieta (3) sitwat fit-tieni sular (second floor level) u formanti parti minn blokk bl-isem ta' 'Waveline' fi Triq il-Knisja fix-Xagħjra, Ħaż-Żabbar, stmat li jiswa mija u tmenin elf u tmien mitt ewro (€180,800);

Penthouse internament immarkata bin-numru erbgħa (4) sitwata fir-raba' sular (fourth floor level) u formanti parti minn blokk bl-isem ta' 'Waveline' fi Triq il-Knisja fix-Xagħjra, Ħaż-Żabbar, bl-arja libera tagħha stmata li tiswa mija disgħa u erbgħin elf u sitt mitt ewro (€149,600);

By decree given by the Civil Court, First Hall on the 17th October, 2024, following a request of Dr Peter Fenech appointed as liquidator in Jonathan Pace's bankruptcy proceedings, Tuesday, 18th February, 2025, at half past eleven in the morning (11.30 a.m.), has been fixed for the sale by auction, to be held in room number 78 nearby the Courts Archieve, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

The apartment internally marked number one (1) is situated on ground floor and forming part of a block named 'Waveline' in Triq il-Knisja fix-Xagħjra, Ħaż-Żabbar, valued at one hundred and seventy thousand euro (€170,000);

The apartment internally marked number two (2) is situated on the first floor and forming part of a block named 'Waveline' in Triq il-Knisja fix-Xagħjra, Ħaż-Żabbar, valued at one hundred and eighty thousand and eight hundred euro (€180,800);

The apartment internally market number three (3) is situated on the second floor and forming part of a block named 'Waveline' in Triq il-Knisja fix-Xagħjra, Ħaż-Żabbar, valued at one hundred and eighty thousand and eight hundred euro (€180,800);

Penthouse internally marked number four (4) situated on the fourth floor and forming part of a block named 'Waveline' in Triq il-Knisja fix-Xagħjra, Ħaż-Żabbar, with its own free airspace valued at one hundred and forty-nine thousand and six hundred euro (€149,600);

L-appartament numru wieħed (1) igawdi u huwa suġġett għal dawk is-servitujiet inerenti mill-pożizzjoni relattiva tiegħu ġewwa l-blokk li jinkludu fost oħrajn il-passaġġ ta' pajpijiet tal-ilma, drenaġġ u kif ukoll is-servizzi li huma komuni mal-proprjetajiet sovrastanti kif ukoll id-dritt ta' użu gratwit, mhux interrot u in perpetwu trasferibbli li terzi 'ad infintum'tal-partijiet kollha intiżi għall-użu komuni u liema dritt ta' użu jitgawda in komuni mal-appartamenti l-oħra fil-blokk bid-dritt ta' aċċess għal fuq il-bejt limitat biss għal installazzjoni u manutenzjoni ta' tank tal-ilma ta' mhux aktar minn ħames mitt litru (500lt) fuq l-ogħla bejt tal-blokk u għall-installazzjoni u manutenżjoni ta' satellite dish komuni u dan kif deskritt fl-atti tan-Nutar Reuben Debono tal-ħdax ta' Ġunju tas-sena elfejn u disgħa (11.6.2009).

Mal-appartamenti numri tnejn (2) u tlieta (3) u l-penthouse jinkludi l-partijiet komuni kollha fil-blokk u li jgawdu u huma suġġetti għal dawk is-servitujiet inerenti mill-pożizzjoni relattiva tagħhom ġewwa l-istess blokk li jinkludu fost oħrajn il-passaġġ ta' pajpijiet tal-ilma, drenaġġ u kif ukoll is-serviżżi li huma komuni mal-proprjetajiet sovrastanti u sottostanti u dan kif deskritt fl-atti tan-Nutar Reuben Debono tal-wieħed u għoxrin ta' Marzu tas-sena elfejn u ħdax (21.3.11).

Maisonette fil-livell terran (ground floor level) bin-numru erbgħa (4) bl-isem 'Shelik' formanti parti minn kumpless bl-isem 'Eureka' mingħajr l-arja tiegħu u liema kumpless jinsab f'Misraħ Karmenu Grima qabel magħrufa Triq it-Tagħlim, Iż-Żejtun, formanti parti mill-art jisimha s-Saliba jew Mastru Gidelu jew Mastru Galutin konfinanti mil-Lvant mal-parti stradali (Misraħ Karmenu Grima, preċedentement magħrufa bħala Triq it-Tagħlim) liberu u frank kif suġġett għas-servitujiet li jirriżultaw mill-pożizzjoni tiegħu fosthom ta' mogħdija ta' katusi u servizzi li jservu il-proprjetà sovrastanti u sottoposti u dritt ta' użu in perpetwu u mhux interrot li jinstalla tank tal-ilma ta' ħames mitt litru (500 lt) fuq fuq l-ogħla bejt tal-blokk u għall-installazzjoni u manutenzjoni ta' satellite dish komuni u dan kif deskritt aħjar fl-atti tan-Nutar Joseph Smith La Rosa tal-erbatax ta' Mejju tas-sena elfejn u tmienja (14.5.2008) stmat li jiswa mitejn u ħamsa u erbgħin elf ewro (€245,000);

Ħanut kantuniera fil-livell terran (ground floor level) bl-isem 'Tyson Butcher' u nnumerat ħmistax (15) fi Triq il-Kanonku Giovanni De Domenico, Iż-Żejtun, mingħajr l-arja tiegħu, kif suġġett għas-servitujiet li jirrizultaw mill-pożizzjoni tiegħu sottopost għal proprjetà ta' terzi li jinkludi sistema ta' drains u drenaġġ komuni, mill-bqija liberu u frank bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu u dan kif deskritt fl-atti tan-Nutar Vanessa Buttigieg tas-sbatax ta' Settembru tas-sena elfejn u disgħa (17.9.2009)stmat li jiswa mitejn u tletin elf ewro (€230,000).

L-imsemmi appartament numru wieħed (1) f'Ħaż-Żabbar, il-ħanut 'Tyson Butcher' u l-maisonette bl-isem

The apartment number one (1) enjoys and is subject to those servitudes resulting from its relative position within the block which include among others the passage of water pipes, drainage and also the services that are in common with the overlying properties as well as the right of guarantee use, uninterrupted and in perpetual transferable to third parties 'ad infintum'of all the parts intended for common use and which right of use is enjoyed in common with the other apartments in the block with right of access to the roof only limited to install and maintenance of a water tank of no more than five hundred litres (500lt) on the highest roof of the block and for the installation and maintenance of a common satellite dish and this as described in the acts of Notary Reuben Debono of the eleventh June of year two thousand and nine (11.6.2009).

With apartments numbers two (2) and three (3) and the penthouse includes all the common parts in the block and are subject to those servitudes arises from their relative position within the same block which include among others the passage of water pipes, drainage and also the services that are common with the overlying and underlying properties and this as described in the acts of Notary Reuben Debono of the twenty first of March of year two thousand and eleven (21.3.11).

Maisonette on the ground floor numbered four (4) named 'Shelik' forming part of a complex named 'Eureka' without its airspace and which complex is situated in f'Misraħ Karmenu Grima before known as Triq it-Tagħlim, Żejtun, forming part from a land named is-Saliba or Mastru Gidelu or Mastru Galutin bounded on the east by the street (Misraħ Karmenu Grima, previously known as Triq it-Tagħlim) free and unencumbered and subject for those servitudes resulting from its position which include among others the passage of pipes and services to serve the overlying and underlying property and with the right of use in perpetual and uninterrupted to install water tank of no more than five hundred litres (500 lt) on the highest roof of the block and install and maintenance of common satellite dish and this as described in the acts of Notary Joseph Smith La Rosa of the fourteen May of year two thousand and eight (14.5.2008) valued at two hundred and forty five thousand euro (€245,000);

Corner shop on the ground floor level named 'Tyson Butcher' and numbered fifteen (15) in Triq il-Kanonku Giovanni De Domenico, Żejtun, without its airspace, subject to servitudes resulting from its position underlying third party property which includes common drains and drainage system, the rest is free and unencumbered with its right and appurtenances as described in the acts of Notary Vanessa Buttigieg of seventeen September of year two thousand and nine (17.9.2009) valued at two hundred and thirty (€230,000).

The said apartment number one (1) apartment in Ħaż-Żabbar, the shop 'Tyson Butcher' and the maisonette named

'Shelik' fiż-Żejtun huma proprjetà tal-mejjet Jonathan Pace (KI 277083M) u l-appartamenti numru tnejn (2), tlieta (3) u erbgħa (4) huma proprjetà tal-mejjet Jonathan Pace (KI 277083M) u Melanie Pace (KI 650082M)

N.B. L-imsemmija proprjetajiet jinbiegħu bħalma ġew deskritti fl-atti tas-subbasta 13/2021.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tlieta, 5 ta' Novembru, 2024

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

'Shelik' in Żejtun are property of the deceased Jonathan Pace (ID 650082M) and the appartments number two (2), three (3) and four (4) in Ħaż-Żabbar are property of the deceased Jonathan Pace (ID 277083M) and Melanie Pace (ID 650082M).

N.B. The said properties will be sold as described in the acts of judicial sales number 13/2021.

Registry of the Superior Courts, this Thursday, 5th November, 2024

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2616

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tad-29 ta' Ottubru, 2024, u dan wara Rikors b'numru 1185/2024, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, li jagħmel l-annotazzjonijiet jew korrezzjonijiet opportuni fl-Att tal-Mewt bin-numru 2717/2024 sabiex kunjom xbubit il-mara tal-persuna mejta jiġi korrett minn 'Cauchi' għal 'Cachia'.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum it-Tlieta, 5 ta' Novembru, 2024

ADRIAN MICALLEF
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 29th October, 2024, and upon an application numbered 1185/2024, ordered:

To the Director of the Public Registry, to make the appropriate annotations or corrections in the Act of Death with number 2717/2024 so that the deceased's wife's maiden surname is to be corrected from 'Cauchi' to 'Cachia'.

Court of Revision of Notarial Acts

Today Tuesday, 5th November, 2024

ADRIAN MICALLEF
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

2617

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tad-29 ta' Ottubru, 2024, u dan wara Rikors b'numru 1003/2024, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, li, meta jiġu biex ikunu reġistrati l-Att tat-Twelid u l-Att taż-Żwieġ esteri ta' Christian Bisaillon, jagħmel l-annotazzjonijiet u korrezzjonijiet opportuni sabiex ismu jiġi mibdul minn 'Christian Joseph Robert' għal 'Christian'.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum it-Tlieta, 5 ta' Novembru, 2024

ADRIAN MICALLEF
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 29th October, 2024, and upon an application numbered 1003/2024, ordered:

To the Director of the Public Registry, so when he comes to register the Foreign Act of Birth and the Foreign Act of Marriage of Christian Bisaillon, makes the appropriate annotations and corrections so that his name is to be changed from 'Christian Joseph Robert' to 'Christian'.

Court of Revision of Notarial Acts

Today Tuesday, 5th November, 2024

ADRIAN MICALLEF
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

2618

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tad-29 ta' Ottubru, 2024, u dan wara Rikors b'numru 1210/2024, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, li meta jiġi biex ikun reġistrat l-Att tat-Twelid ta' Apple Marie Monino Brincat fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta, jagħmel l-annotazzjonijiet jew korrezzjonijiet opportuni fl-Att tat-Twelid sabiex it-tieni isem tagħha jiġi mibdul minn 'Orcales' (u mhux 'Oracles' kif hemm indikat fir-rikors promotur) għal 'Monino' u jagħmel l-istess fuq l-Att taż-Żwieġ bin-numru 335/2019.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum it-Tlieta, 5 ta' Novembru, 2024

ADRIAN MICALLEF
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 29th October, 2024, and upon an application numbered 1210/2024, ordered:

To the Director of the Public Registry, so when he comes to register the Act of Birth of Apple Marie Monino Brincat in the Public Registry of Malta, make the appropriate annotations or corrections in the Act of Birth, so that the her second name is to be changed from 'Orcales' (and not 'Oracles' as indicated in the application) to 'Monino' and it does the same on the Act of Marriage bearing number 335/2019.

Court of Revision of Notarial Acts

Today Tuesday, 5th November, 2024

ADRIAN MICALLEF
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

2619

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tad-29 ta' Ottubru, 2024, u dan wara Rikors b'numru 1187/2024, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, li meta jiġi biex ikun reġistrat l-Att tat-Twelid ta' Geramie Perater Grech fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta, jagħmel l-annotazzjonijiet jew korrezzjonijiet opportuni fl-Att tat-Twelid sabiex it-tieni isem tiegħu jiġi mibdul minn 'Abrigo' għal 'Perater' u jagħmel l-istess fuq l-Att taż-Żwieġ bin-numru 3422/2017.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum it-Tlieta, 5 ta' Novembru, 2024

ADRIAN MICALLEF
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 29th October, 2024, and upon an application numbered 1187/2024, ordered:

To the Director of the Public Registry, so when it comes to be registered the Act of Birth of Geramie Perater Grech in the Public Registry of Malta, makes the appropriate annotations or corrections in the Act of Birth so that her second name is to be changed from 'Abrigo' to 'Perater' and also this change is to be reflected on the Act of Marriage with number 3422/2017.

Court of Revision of Notarial Acts

Today Tuesday, 5th November, 2024

ADRIAN MICALLEF
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

2620

B'digriet tas-7 ta' Novembru, 2024 mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 338 (1) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Ċivili (Kap.12)

Illi b'Rikors u Ċedola ta' Kompensazzjoni kontestwalment preżentati minn MeDirect Bank (Malta) p.l.c. bin-numru tar-reġistrazzjoni C34125 fis-6 ta' Novembru, 2024 qed tintalab

By a Decree of the 7th November, 2024 given by the First Hall Civil Court, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according the Article 338 (1) of the Code of Organization and Civil Procedure (Chapter 12).

That by application and a Schedule of set-off filed contemporaneously by MeDirect Bank (Malta) p.l.c. with the registration number C34125 on the 6th November, 2024

tpaċija tal-ammont ta' €14,393,604.07 prezz minnhom offert fil-bejgħ bl-irkant 56/23 fl-ismijiet F House Limited C34623 vs D.A. Holdings Limited C18064 miżmum taħt l-Awtorità ta' din il-Qorti fit-5 ta' Novembru, 2024.

Skont Artiklu 338 (2) tal-Kapitlu 12: Kull min jista' jkollu interess u l-persuni hekk notifikati għandhom żmien għoxrin ġurnata biex jippreżentaw tweġiba li fiha jiddikjaraw bid-dettall ir-raġunijiet għall-oppożizzjoni tagħhom u s-somom kontestati; u meta dik l-oppożizzjoni tkun imsejħa fuq talba li tolqot ir-rikavat tal-bejgħ u allegata kawża ta' preferenza, huma għandhom jiddikjaraw l-ammont ta' dik it-talba u l-bażi għal dik il-preferenza. Dawn il-persuni għandhom flimkien mar-risposta jippreżentaw kull prova rilevanti sabiex jissostanzjaw l-oppożizzjoni tagħhom.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum il-Ħamis, 7 ta' Novembru, 2024.

MARVIC FARRUGIA
Għar- Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

the approval of the said judicial acts is being demanded for the amount of €14,393,604.07 following judicial sale by auction 56/23 in the names F House Investment Ltd C34623 vs D.A. Holdings Limited C18064 held under the Authority of the said Court on the 5th November, 2024.

According to Article 338 (2) of Chapter 12: Any person who may have an interest and the persons so served shall be allowed the time of twenty days to file an answer stating in detail the reasons for their opposition and the amounts in contestation; and where such opposition is based on a claim against the proceeds of sale an alleged cause of preference, they are to state the amount of such claim and the basis for the preference. Such persons shall with the answer file all relevant evidence to substantiate their opposition.

Registry of the Superior Courts this Thursday, 7th November, 2024.

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2621

IKUN jaf kulħadd illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Volontarja fil-5 ta' Novembru, 2024 (Rikors numru 96/2024) rikors ta' Peter Campbell Dempsey et fejn intalbet l-apertura tas-suċċessjoni ta' Joseph Charles Dempsey, bin Peter Campbell Dempsey u Maria Victoria Dempsey nèe Dimech, imwieled Victoria, Għawdex fit-2 ta' Frar, 1981 u miet ġewwa Hillingdon fir-Renju Unit fl-1 ta' Ġunju, 2024 (K.I. 4681G), liema apertura ta' suċċessjoni għandha ssir a favur tal-ġenituri tiegħu Peter Campbell Dempsey (K.I. 197015L) u Maria Victoria Dempsey nèe Dimech (K.I. 569448M) fis-sehem ta' kwart (1/4) indiviż ghal kull wieħed u waħda minnhom u favur il-ħames ħutu Peter James Dempsey (K.I. 260201L), William Shawn Dempsey (K.I. 18782G), Michael Manuel Dempsey (K.I. 204711L), Loretta Marie Gauci (K.I. 10187G) u Annie Liz Dempsey (K.I. 37190G) fis-sehem ta' parti waħda minn għaxra (1/10) indiviżi għal fuq kull wieħed u waħda minnhom, ġie ordnat il-ħruġ ta' dan il-bandu biex jiġi mgħarraf kull min jista' jkollu x'jaqsam fih.

Għaldaqstant kull min jidhirlu li għandu interess huwa b'dan imsejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Volontarja bix-xhieda ta' Dottor Brigitte Sultana, Duttur tal-Liġi, Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

It is hereby notified that by means of an application filed in the Court of Magistrates (Gozo) Voluntary Jurisdiction on the 5th November, 2024 (Application number 96/2024) by Peter Campbell Dempsey et, the opening of the SUCCESSION was requested of Joseph Charles Dempsey, son of Peter Campbell Dempsey and Maria Victoria Dempsey nèe Dimech, born in Victoria, Gozo on the 2nd February, 1981 and died at Hillingdon in the United Kingdom on the 1st June, 2024 (I.D. 4681G), which opening of succession is to be made in favour of his parents Peter Campbell Dempsey (I.D. 197015L) and Maria Victoria Dempsey nèe Dimech (I.D. 569448M) in the share of one fourth (1/4) undivided share for each of them and in favour of his five brothers and sisters Peter James Dempsey (I.D. 260201L), William Shawn Dempsey (I.D. 18782G), Michael Manuel Dempsey (I.D. 204711L), Loretta Marie Gauci (I.D. 10187G) and Annie Liz Dempsey (K.I. 37190G) in the share of one tenth (1/10) undivided share for each and every one of them, the issue of these bands was ordered to let know everyone who may have an interest therein.

Therefore anyone who might have an interest is hereby summoned to appear before the aforementioned Court in order to oppose that request by means of a note within fifteen days which start running from the day of the posting of the banns.

Issued by the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction, with the testimony of Dr. Brigitte Sultana, Doctor of Law, Magistrate of the aforementioned Court.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 7 ta' Novembru 2024

DANIEL SACCO
Deputat Reġistratur
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)

Voluntary Jurisdiction

Today the 7th of November 2024

DANIEL SACCO
Deputy Registrar
For the Registrar, Courts and Tribunals (Gozo)

2622

IKUN jaf kulħadd illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Volontarja fil-5 ta' Novembru, 2024 (Rikors numru 97/2024) rikors ta' Raphael Axiak fejn intalbet l-apertura tas-suċċessjoni ta' George Axiak, bin il-mejtin Angelus Axiak u Josephine Axiak nèe Saliba, imwieled iż-Żebbuġ, Għawdex fit-23 ta' Settembru, 1945 u miet ġewwa n-Nadur, Għawdex fit-3 ta' Settembru, 2023 (K.I. 81245G), liema apertura ta' suċċessjoni għandha ssir a favur ta' martu Mary Joan Axiak (K.I 71750G) fis-sehem ta' nofs (1/2) indiviż u favur ibnu Raphael Axiak (K.I. 12871G) fis-sehem tar-rimanenti nofs (1/2) indiviż, ġie ordnat il-ħruġ ta' dan il-bandu biex jiġi mgħarraf kull min jista' jkollu x'jaqsam fih.

Għaldaqstant kull min jidhirlu li għandu interess huwa b'dan imsejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Volontarja bix-xhieda ta' Dottor Brigitte Sultana, Duttur tal-Liġi, Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 7 ta' Novembru, 2024

DANIEL SACCO
Deputat Reġistratur Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

It is hereby notified that by means of an application filed in the Court of Magistrates (Gozo) Voluntary Jurisdiction on the 5th November, 2024 (Application number 97/2024) by Raphael Axiak, the opening of the SUCCESSION was requested of George Axiak, son of the late Angelus Axiak and Josephine Axiak nèe Saliba, born in Żebbuġ, Gozo on the 23rd September, 1945 and died in Nadur, Gozo on the 3rd September, 2023 (I.D. 81245G), which opening of succession is to be made in favour of his wife Mary Joan Axiak (I.D, 71750G) in the share of one half (1/2) undivided share and in favour of his son Raphael Axiak (I.D. 12871G) in the share of the remaining one half (1/2) undivided share, the issue of these bands was ordered to let know everyone who may have an interest therein.

Therefore anyone who might have an interest is hereby summoned to appear before the aforementioned Court in order to oppose that request by means of a note within fifteen days which start running from the day of the posting of the banns.

Issued by the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction, with the testimony of Dr. Brigitte Sultana, Doctor of Law, Magistrate of the aforementioned Court.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)

Voluntary Jurisdiction

Today the 7th of November, 2024

DANIEL SACCO
Deputy Registrar For the Registrar, Courts and Tribunals (Gozo)

2623

ARB/C039/2024 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TAL-IFFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fit-30 ta' Ottubru, 2024, mill-Qorti Kriminali (l-Onor. Imħallef Dott. Edwina Grima, LLD).

Ir-Repubblika ta' Malta

ARB/C039/2024 – VARIATION OF A FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 30th October, 2024, given by the Criminal Court (the Hon. Madam Justice Dr Edwina Grima, LLD). In the case:

The Republic of Malta

Kontra

JOSEPH MUSCAT;

KONRAD MIZZI, konsulent tal-ġestjoni, ta' 47 sena, iben Lawrence Mizzi u Maria Mizzi xebba Vassallo, imwieled Tal-Pietà, Malta, fl-4 ta' Novembru, 1977, u residenti f'94, 'Connie', Triq il-Qalb ta' Ġesù, Paola, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 521577M

KEITH SCHEMBRI;

CLARENCE JOHN CONGER-THOMPSON;

CHRISTOPHER SPITERI;

JONATHAN VELLA;

DAVID-JOSEPH MELI;

IVAN VASSALLO;

MARIO VICTOR GATT;

BRIAN BONDIN;

ADRIAN HILLMAN;

PIERRE SLADDEN;

BRIAN TONNA;

KARL CINI;

SCIACCA GRILL LIMITED;

KASCO ENGINEERING COMPANY LIMITED;

FSV LIMITED;

MTRACE PLC;

GATEWAY SOLUTIONS LIMITED;

TECHNOLINE LIMITED;

EURYBATES LIMITED;

TAOMAC LIMITED;

U

NEXIA BT LIMITED.

Il-Qorti AWTORIZZAT lill-imputat KONRAD MIZZI sabiex jesegwixxi s-segwenti pagamenti mill-kont tal-bank

Versus

JOSEPH MUSCAT;

KONRAD MIZZI, management consultant, 47 years, son of Lawrence Mizzi and Maria Mizzi née Vassallo, born in Tal-Pietà, Malta, on the 4th November, 1977, and residing at 94, 'Connie', Triq il-Qalb ta' Ġesù, Paola, and holder of Maltese identity card bearing number 521577M.

KEITH SCHEMBRI;

CLARENCE JOHN CONGER-THOMPSON;

CHRISTOPHER SPITERI;

JONATHAN VELLA;

DAVID-JOSEPH MELI;

IVAN VASSALLO;

MARIO VICTOR GATT;

BRIAN BONDIN;

ADRIAN HILLMAN;

PIERRE SLADDEN;

BRIAN TONNA;

KARL CINI;

SCIACCA GRILL LIMITED;

KASCO ENGINEERING COMPANY LIMITED;

FSV LIMITED;

MTRACE PLC;

GATEWAY SOLUTIONS LIMITED;

TECHNOLINE LIMITED;

EURYBATES LIMITED;

TAOMAC LIMITED;

AND

NEXIA BT LIMITED.

The Court AUTHORISES the accused KONRAD MIZZI to carry out the following payments from the bank account

imsemmi fid-digriet ddatat 30 ta' Ottubru, 2024, li huwa intestat f'isem l-imputat u miżmum mill-Bank of Valletta plc, hekk kif imniżżla sussegwentement:

a) Pagament fl-ammont ta' €7,604.35 għall-arretrati dovuti fuq il-kont ta' self għad-dar imsemmi fid-digriet ddatat 30 ta' Ottubru, 2024, inkluż xi arretrati oħra li jistgħu jkunu dovuti sal-ġurnata tal-pagament, kif ukoll il-pagamenti mensili ta' €1,505.87 fuq l-istess kont;

b) Pagament fl-ammont ta' €177.60 għall-polza tal-assigurazzjoni tad-dar miżmuma mill-MAPFRE Middlesea plc, u pagament fl-ammont ta' €1,137.02 għall-polza tal-assigurazzjoni tal-ħajja miżmuma mill-MAPFRE MSV Life plc kull meta jsiru dovuti ta' kull sena;

c) Pagamenti lill-Kummissarju tat-Taxxa fis-somma ta' €6,175.20 rappreżentanti l-arretrati tat-taxxa, is-somma ta' €5,957 rappreżentanti taxxa proviżorja għal April, 2024, is-somma ta' €8,935 rappreżentanti taxxa proviżorja għal Awwissu, 2024, u s-somma ta' €14,893 rappreżentanti taxxa proviżorja għal Diċembru, 2024;

Il-Qorti AWTORIZZAT ukoll lill-Bank of Valletta plc sabiex jippermetti lill-imputat KONRAD MIZZI li jiżbanka s-somma ta' €21,945 kull sena bħala l-ammont massimu, mill-kont tal-bank imsemmi fid-digriet ddatat 30 ta' Ottubru, 2024, li huwa intestat f'isem l-imputat u miżmum mill-Bank of Valletta plc, b'effett mit-28 ta' Mejju, 2024.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 36 (5) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni ta' qbid u ffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Rachel Montebello, LLD), fit-28 ta' Mejju, 2024, li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fl-4 ta' Ġunju, 2024, fejn il-Qorti ordnat iż-żamma u s-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' Joseph Muscat, KONRAD MIZZI, Keith Schembri, Clarence John Conger-Thompson, Christopher Spiteri, Jonathan Vella, David-Joseph Meli, Ivan Vassallo, Mario Victor Gatt, Brian Bondin, Adrian Hillman, Pierre Sladden, Brian Tonna, Karl Cini, Sciacca Grill Limited, Kasco Engineering Company Limited, FSV Limited, MTrace plc, Gateway Solutions Limited, Technoline Limited, Eurybates Limited, Taomac Limited, u Nexia BT Limited.

Illum 5 ta' Novembru, 2024

IS-SUR ANTON SEVASTA
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

mentioned in the decree dated 30th October, 2024, which is registered in the name of the accused and held at the Bank of Valletta plc, as listed hereunder:

a) Payment in the amount of €7,604.35 for the arrears due on the home loan account mentioned in the decree dated 30th October, 2024, and held at the Bank of Valletta plc, including any other arrears that may be due until the payment date, as well as the monthly payment of €1,505.87 on the same home loan account;

b) Payment in the amount of €177.60 for the home insurance policy held by MAPFRE Middlesea plc, and payment in the amount of €1,137.02 for the life insurance policy held by MAPFRE MSV Life plc whenever such payments are due every year;

c) Payments to the Commissioner for Revenue in the sum of €6,175.20 representing tax arrears, the sum of €5,957 representing provisional tax for April, 2024, the sum of €8,935 representing provisional tax for August, 2024, and the sum of €14,893 representing provisional tax for December, 2024;

The Court further AUTHORISES the Bank of Valletta plc to permit the accused KONRAD MIZZI to withdraw the sum of €21,945 annually as the maximum amount, from the bank account mentioned in the decree dated 30th October, 2024, which is registered in the name of the accused and held at the Bank of Valletta plc, with effect from 28th May, 2024.

This variation is being published in terms of Article 36 (5) of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta, following a seizing and freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Rachel Montebello, LLD) on the 28th May, 2024, which was published in the Government Gazette on the 4th June, 2024, where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to Joseph Muscat, KONRAD MIZZI, Keith Schembri, Clarence John Conger-Thompson, Christopher Spiteri, Jonathan Vella, David-Joseph Meli, Ivan Vassallo, Mario Victor Gatt, Brian Bondin, Adrian Hillman, Pierre Sladden, Brian Tonna, Karl Cini, Sciacca Grill Limited, Kasco Engineering Company Limited, FSV Limited, MTrace plc, Gateway Solutions Limited, Technoline Limited, Eurybates Limited, Taomac Limited, and Nexia BT Limited.

Today 5th November, 2024

MR ANTON SEVASTA
Director, Asset Recovery Bureau

2624

ARB/C017/2022 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TAL-IFFRIŻAR TEMPORANJA

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fit-30 ta' Ottubru, 2024, mill-Qorti Kriminali (l-Onor. Imħallef Dott. Neville Camilleri, LLD). Fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(l-Ispettur Marshal Mallia)

Kontra

ANDREW AGIUS, tabib, ta' 47 sena, iben Godfrey u Concetta xebba Izzo, imwieled San Ġiljan, Malta, fit-23 ta' Frar, 1977, residenti f'29, 'Tara', Triq il-Gardell, San Ġwann, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 124077M.

Il-Qorti AWTORIZZAT lill-imputat ANDREW AGIUS sabiex jesegwixxi s-segwenti pagamenti mill-kont tal-bank intestat f'isem terza persuna li jispiċċa -0721 u li huwa miżmum mal-Bank of Valletta plc, hekk kif imniżżla sussegwentement:

a) Pagament għat-tiġdid tal-polza tal-assigurazzjoni bir-referenza numru 132330-690-002 miżmuma mal-Atlas Insurance PCC Limited fl-ammont ta' €502.85;

b) Pagament għat-tiġdid tal-polza tal-assigurazzjoni bir-referenza numru P87001900-24 miżmuma mal-MAPFRE Middlesea plc fl-ammont ta' €185.93;

c) Pagament għat-tiġdid tal-polza tal-assigurazzjoni bir-referenza numru H5731 0419236 miżmuma ma' GasanMamo Insurance Limited, u l-liċenzja tat-triq tal-istess vettura, fl-ammont ta' €357.41;

d) Pagament għat-tiġdid tal-polza tal-assigurazzjoni miżmuma mal-England Insurance Agency Limited, u l-liċenzja tat-triq tal-istess vettura, fl-ammont ta' €245.44.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 5 (3) tal-Att kontra Money Laundering, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni tal-iffriżar temporanja mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Victor G. Axiak, LLD), fl-10 ta' Marzu, 2022, li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fis-17 ta' Marzu, 2022, fejn il-Qorti ordnat is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' ANDREW AGIUS.

Illum, 5 ta' Novembru, 2024

IS-SUR ANTON SEVASTA
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

ARB/C017/2022 – VARIATION OF A TEMPORARY FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 30th October, 2024, given by the Criminal Court (the Hon. Mister Justice Dr Neville Camilleri, LLD). In the case:

The Police
(Inspector Marshal Mallia)

Versus

ANDREW AGIUS, doctor, 47 years, son of Godfrey and Concetta née Izzo, born in St Julian's, Malta, on the 23rd February, 1977, residing at 29, 'Tara', Triq il-Gardell, San Ġwann, and holder of Maltese identity card bearing number 124077M.

The Court AUTHORISES the accused ANDREW AGIUS to carry out the following payments from the bank account listed in the name of a third party ending in -0721 and held at the Bank of Valletta plc, as listed hereunder:

a) Payment for the renewal of the insurance policy with reference number 132330-690-002 held by Atlas Insurance PCC Limited in the amount of €502.85;

b) Payment for the renewal of the home insurance policy with reference number P87001900-24 held by MAPFRE Middlesea plc in the amount of €185.93;

c) Payment of the renewal of the insurance policy with reference number H5731 0419236 held by GasanMamo Insurance Limited, and the road license for the same vehicle, in the amount of €357.41;

d) Payment of the renewal of the insurance policy held by England Insurance Agency Limited, and the road license for the same vehicle, in the amount of €245.44.

This variation is being published in terms of Article 5 (3) of the Prevention of Money Laundering Act, Cap. 373 of the Laws of Malta, following a temporary freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Victor G. Axiak, LLD) on the 10th March, 2022 which was published in the Government Gazette on the 17th March, 2022, where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to ANDREW AGIUS.

Today, 5th November, 2024

MR ANTON SEVASTA
Director, Asset Recovery Bureau

2625

ARB/C055/2022 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TA' QBID U IFFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fil-5 ta' Novembru, 2024 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja – (Maġistrat Dr Rachel Montebello LL.D.). Kumpilazzjoni Numru 429/2022, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

LUKE SEGUNA, qassis, ta' 41 sena, iben Victor Maria Seguna u Maria Seguna xebba Mifsud, imwieled Tal-Pietà, Malta fit-13 ta' Awwissu, 1983, residenti ġewwa 69, 'Sacro Cuor', Triq Ġużeppi Montebello, Tarxien u/jew Residenza Parrokkjali Marsaxlokk, Pjazza Madonna ta' Pompei, Marsaxlokk u detentur tal-Karta tal-Identità Maltija bin-numru 398483M.

Il-Qorti ORDNAT illi l-ordni ta' qbid u iffriżar maħruġa fit-12 ta' Awwissu, 2022 fil-konfront tal-imputat LUKE SEGUNA qed tiġi limitata għas-somma ta' erba' mija u disgħa u erbgħin elf, tliet mija u tlieta u sebgħin Euro (€449,373.00) jew assi ta' valur ekwivalenti bħala l-assi li għandhom ikunu soġġetti għall-konfiska fil-każ ta' sejbien ta' ħtija. B'dan illi l-proprjetà l-oħra tal-imputat ma għandhiex titqies bħala li tkun soġġetta għall-ordni ta' qbid u ffriżar.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 36 (4) (a) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kapitolu 621 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni ta' qbid u iffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (Maġistrat Dr Donatella Frendo Dimech LL.D.), fit-12 ta' Awwissu, 2022 li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fid-19 ta' Awwissu, 2022 fejn il-Qorti ordnat iż-żamma u s-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' LUKE SEGUNA.

Illum, 6 ta' Novembru, 2024

IS-SUR ANTON SEVASTA
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

ARB/C055/2022 – VARIATION OF A SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 5th November, 2024 given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry – (Magistrate Dr Rachel Montebello LL.D.). Compilation Number 429/2022, in the case:

The Republic of Malta

Versus

LUKE SEGUNA, priest, 41 years, son of Victor Maria Seguna and Maria Seguna née Mifsud born in Tal-Pietà, Malta on the 13th August, 1983, residing 69, 'Sacro Cuor', Triq Ġużeppi Montebello, Tarxien and/or Residenza Parrokkjali Marsaxlokk, Pjazza Madonna ta' Pompei, Marsaxlokk and holder of Maltese Identity Card number 398483M.

The Court ORDERED that the seizing and freezing order issued on 12th August, 2022 against the accused LUKE SEGUNA is being limited to the sum of four hundred and forty-nine thousand, three hundred and seventy-three Euro (€449,373.00) or assets of equivalent value as the assets that shall be subject to confiscation in the case of a conviction. That the other property of the accused shall not be considered as being subject to the seizing and freezing order.

This variation is being published in terms of Article 36 (4) (a) of the Proceeds of Crime Act, Chapter 621 of the Laws of Malta, following a seizing and freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Donatella Frendo Dimech LL.D.) on the 12th August, 2022 which was published in the Government Gazette on the 19th August, 2022 where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to LUKE SEGUNA.

Today, 6th November, 2024

MR ANTON SEVASTA
Director, Asset Recovery Bureau

2626

ARB/C019/2023 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TA' QBID U IFFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fis-6 ta' Novembru, 2024 mill-Qorti Kriminali – (Onor. Imħallef Dr Neville Camilleri LL.D.). Fil-kawża fl-ismijiet:

ARB/C019/2023 – VARIATION OF SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 6th November, 2024 given by the Criminal Court – (Hon. Mister Justice Dr Neville Camilleri LL.D.). In the case:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

CLAIRE-MARIE SCICLUNA, ta' 45 sena, bint il-mejjet Mario Scicluna u Dolores Maria Scicluna xebba Muscat, imwielda San Ġiljan, Malta fl-24 ta' April, 1979, u residenti ġewwa 115, 'Ruby', Triq Rużar Briffa, il-Mosta u detentriċi ta' Karta tal-Identità Maltija bin-numru 317179M.

Il-Qorti AWTORIZZAT lill-imputata CLAIRE-MARIE SCICLUNA sabiex tħallas għat-tiġdid tal-polza tal-assigurazzjoni bir-referenza numru 264103 503 001 miżmuma mal-Atlas Insurance PCC Limited, u għat-tiġdid tal-liċenzja tat-triq tal-istess vettura, fl-ammont ta' €374.53 li se jitħallsu bi flus kontanti. Illi dan il-ħlas għandu jiġi mnaqqas mill-ammont annwali li l-imputata hija intitolata tipperċepixxi.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 36 (5) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kapitolu 621 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni ta' qbid u iffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (Maġistrat Dr Rachel Montebello LL.D.) fil-25 ta' Mejju, 2023, li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fit-2 ta' Ġunju, 2023 fejn il-Qorti ordnat iż-żamma u s-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' CLAIRE-MARIE SCICLUNA.

Illum, 6 ta' Novembru, 2024

IS-SUR ANTON SEVASTA
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

The Republic of Malta

Versus

CLAIRE-MARIE SCICLUNA, 45 years, daughter of the late Mario Scicluna and Dolores Maria Scicluna née Muscat, born in St. Julian's, Malta on the 24th April, 1979, and residing at 115, 'Ruby', Triq Rużar Briffa, Mosta and holder of Maltese Identity Card bearing number 317179M.

The Court AUTHORISES the accused CLAIRE-MARIE SCICLUNA to pay for the renewal of the insurance policy with reference 264103 503 001 held by Atlas Insurance PCC Limited, and the road license for the same vehicle, in the amount of €374.53 which shall be paid in cash. That this payment shall be deducted from the annual amount which the accused is entitled to perceive.

This variation is being published in terms of Article 36 (5) of the Proceeds of Crime Act, Chapter 621 of the Laws of Malta, following a seizing and freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Rachel Montebello LL.D.) on the 25th May, 2023 which was published in the Government Gazette on the 2nd June, 2023 where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to CLAIRE-MARIE SCICLUNA.

Today, 6th November, 2024

MR ANTON SEVASTA
Director, Asset Recovery Bureau

2627

ARB/C089/2024 – ORDNI TA' IFFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fl-4 ta' Novembru, 2024 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Ġudikatura Kriminali – (Maġistrat Dr Elaine Rizzo LL.D.). Kumpilazzjoni Numru 8750/2024, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta Malta

Kontra

MOHAMED IBRAHIM ABDI, diżokkupat, ta' 28 sena, iben il-mejjet Ibrahim u l-mejta Sarah, imwieled is-Somalja fit-2 ta' Jannar, 1996, u residenti fl-indirizz 79, Triq Patri Feliċjan Bilocca, Marsa u detentur ta' dokument ta' Identifikazzjoni Malti bin-numru 111568A.

ARB/C089/2024 – FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 4th November, 2024 given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Judicature – (Magistrate Dr Elaine Rizzo LL.D.). Compilation Number 8750/2024, in the case:

The Republic of Malta

Versus

MOHAMED IBRAHIM ABDI, unemployed, 28 years, son of the late Ibrahim and the late Sarah, born in Somalia on the 2nd January, 1996, and residing at 79, Triq Patri Feliċjan Bilocca, Marsa and holder of a Maltese Identification document bearing number 111568A.

ORDNAT is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali l-flejjes u l-proprjetà mobbli kollha li jkunu dovuti lil, jew imissu lil, jew li jkunu proprjetà ta' MOHAMED IBRAHIM ABDI u pprojbietu milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, iwiegħed, jipoteka, jew xort' oħra jiddisponi minn xi proprjetà mobbli jew immobbli, u dan ai termini tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 22A tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn tnax il-elf Euro (€12,000), jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il (12) xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' proprjetà li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Illum, 6 ta' Novembru, 2024

IS-SUR ANTON SEVASTA
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

ORDERED the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable property due to or pertaining or belonging to MOHAMED IBRAHIM ABDI and prohibits the said accused from transferring, pledging, hypothecating or otherwise disposing of any movable or immovable property, and this in terms of Article 22A of the Dangerous Drugs Ordinance, Chapter 101 of the Laws of Malta.

Any person who acts in contravention of the court order mentioned in Article 22A referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a fine (multa) not exceeding twelve thousand Euro (€12,000), or to imprisonment for a period not exceeding twelve (12) months, or to both such fine and imprisonment.

Any transfer or other disposal of any property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Today, 6th November, 2024

MR ANTON SEVASTA
Director, Asset Recovery Bureau

2628

ARB/C013/2022 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TA' QBID U IFFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fil-5 ta' Novembru, 2024 mill-Qorti Kriminali – (Onor. Imħallef Neville Camilleri LL.D.). Fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

EMANUEL BUSUTTIL, pensjonant u impjegat, ta' 69 sena, iben il-mejjet Nazzarenu u Carmela xebba Brincat, imwieled Birżebbuġa, Malta fit-13 ta' Diċembru, 1954, u residenti ġewwa 28, 'Madonnina', Triq Sant' Anġlu, Birżebbuġa u detentur ta' Karta tal-Identità Maltija bin-numru 887154M.

Il-Qorti AWTORIZZAT lill-HSBC Bank plc sabiex jeżegwixxi pagament fl-ammont totali ta' €651.00 mill-kont tal-bank intestat f'isem l-imputat EMANUEL BUSUTTIL li jispiċċa -6001 u miżmum mill-istess bank, lil Global Insurance Brokers Limited u Transport Malta għat-tiġdid tal-polza tal-assigurazzjoni u l-liċenzja tat-triq tal-istess vettura rreġistrata f'isem l-imputat, rispettivament. Illi dan il-pagament għandu jifforma parti mill-ammont annwali li l-imputat huwa ntitolat jipperċepixxi.

Il-Qorti AWTORIZZAT wkoll lill-Global Insurance Brokers Limited u lil Transport Malta sabiex jirċievu l-ħlas

ARB/C013/2022 – VARIATION OF SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 5th November, 2024 given by the Criminal Court – (Hon. Judge Neville Camilleri LL.D.). In the case:

The Republic of Malta

Versus

EMANUEL BUSUTTIL, pensioner and employee, 69 years, son of the late Nazzarenu and Carmela née Brincat, born in Birżebbuġa, Malta on the 13th December, 1954, and residing at 28, 'Madonnina', Triq Sant' Anġlu, Birżebbuġa and holder of Maltese Identity Card bearing number 887154M.

The Court AUTHORISES the HSBC Bank plc to execute payment in the total amount of €651.00 from the bank account held by the accused EMANUEL BUSUTTIL ending in -6001 and held by the same bank, to Global Insurance Brokers Limited and Transport Malta for the renewal of the insurance policy the road license for the same vehicle registered in the name of the accused, respectively. That this payment shall form part of the annual amount which the accused is entitled to perceive.

The Court further AUTHORIZES Global Insurance Brokers Limited and Transport Malta to receive payment

mill-imsemmi kont tal-bank miżmum mal-HSBC Bank plc, għat-tiġdid rispettiv.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 5 (3) tal-Att kontra Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikolu 36 (4) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kapitolu 621 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni ta' qbid u iffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (Maġistrat Dr Natasha Galea Sciberras LL.D.), fil-21 ta' Frar, 2022 li ġiet ippublikata fil-Gazzetta tal-Gvern fil-25 ta' Frar, 2022 fejn il-Qorti ordnat iż-żamma u s-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' EMANUEL BUSUTTIL.

Illum, 7 ta' Novembru, 2024

IS-SUR ANTON SEVASTA
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

from the above-mentioned bank account held at the HSBC Bank plc, for the respective renewals.

This variation is being published in terms of Section 5 (3) of the Prevention of Money Laundering Act, Chapter 373 of the Laws of Malta and Article 36 (4) of the Proceeds of Crime Act, Chapter 621 of the Laws of Malta, following a seizing and freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Natasha Galea Sciberras LL.D.) on the 21st February, 2022 which was published in the Government Gazette on the 25th February, 2022 where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to EMANUEL BUSUTTIL.

Today, 7th November, 2024

MR ANTON SEVASTA
Director, Asset Recovery Bureau

2629

AVVIŻ GĦALL-ĦATRA TA' AMMINISTRATUR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fl-1 ta' Novembru, 2024 mill-Qorti Kriminali – (Onor. Imħallef Dr Natasha Galea Sciberras LL.D.).

STARSEEKERS LTD, inkorporata fl-24 ta' Frar, 2022 b'numru tar-reġistrazzjoni Malti C 101631 u li għandha l-indirizz irreġistrat bħala Flat 2, 'Refreshing Water', Triq Wied ir-Rajjes, Għajnsielem, Għawdex, Malta.

ENNESSE LIMITED, inkorporata fil-31 ta' Awwissu, 2021 b'numru tar-reġistrazzjoni Malti C 100083 u li għandha l-indirizz irreġistrat bħala 'Ennesse', 71, Triq Misraħ il-Barrieri, l-Imsida, Malta.

NYG LTD, inkorporata fl-24 ta' Novembru, 2021 b'numru tar-reġistrazzjoni Malti C 100876 u li għandha l-indirizz irreġistrat bħala Flat 2, 'Refreshing Water', Triq Wied ir-Rajjes, Għajnsielem, Għawdex, Malta.

SOPROLIFIC LTD, inkorporata fit-8 ta' Awwissu, 2022 b'numru tar-reġistrazzjoni Malti C 102931 u li għandha l-indirizz irreġistrat bħala Flat 2, 'Refreshing Water', Triq Wied ir-Rajjes, Għajnsielem, Għawdex, Malta.

SIAMOFORTI LTD, inkorporata fl-4 ta' Lulju, 2022 b'numru tar-reġistrazzjoni Malti C 102638 u li għandha l-indirizz irreġistrat bħala Flat 2, 'Refreshing Water', Triq Wied ir-Rajjes, Għajnsielem, Għawdex, Malta.

ACCOUNTINGWISE LTD, inkorporata fl-20 ta' Jannar, 2022 b'numru tar-reġistrazzjoni Malti C 101293 u li għandha

NOTICE FOR THE APPOINTMENT OF ADMINISTRATOR

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 1st November, 2024 given by the Criminal Court – (Hon. Madame Justice Dr Natasha Galea Sciberras LL.D.).

STARSEEKERS LTD, incorporated on the 24th February, 2022 with Maltese registration number C 101631 and registered address at Flat 2, 'Refreshing Water', Triq Wied ir-Rajjes, Għajnsielem, Gozo, Malta.

ENNESSE LIMITED, incorporated on the 31st August, 2021 with Maltese registration number C 100083 and registered address at 'Ennesse', 71, Triq Misraħ il-Barrieri, Msida, Malta.

NYG LTD, incorporated on the 24th November, 2021 with Maltese registration number C 100876 and registered address at Flat 2, 'Refreshing Water', Triq Wied ir-Rajjes, Għajnsielem, Gozo, Malta.

SOPROLIFIC LTD, incorporated on the 8th August, 2022 with Maltese registration number C 102931 and registered address at Flat 2, 'Refreshing Water', Triq Wied ir-Rajjes, Għajnsielem, Gozo, Malta.

SIAMOFORTI LTD, incorporated on the 4th July, 2022 with Maltese registration number C 102638 and registered address at Flat 2, 'Refreshing Water', Triq Wied ir-Rajjes, Għajnsielem, Gozo, Malta.

ACCOUNTINGWISE LTD, incorporated on the 20th January, 2022 with Maltese registration number C 101293

l-indirizz irreġistrat bħala Flat 2, 'Refreshing Water', Triq Wied ir-Rajjes, Għajnsielem, Għawdex, Malta.

DAVVERO LTD, inkorporata fit-22 ta' Awwissu, 2022 b'numru tar-reġistrazzjoni Malti C 103052 u li għandha l-indirizz irreġistrat bħala Flat 2, 'Refreshing Water', Triq Wied ir-Rajjes, Għajnsielem, Għawdex, Malta.

SEMPRENOI LTD, inkorporata fl-1 ta' Awwissu, 2022 b'numru tar-reġistrazzjoni Malti C 102884 u li għandha l-indirizz irreġistrat bħala 71, Triq Misraħ il-Barrieri, l-Imsida, Malta.

PAYRISE LIMITED, inkorporata fl-24 ta' Diċembru, 2019 b'numru tar-reġistrazzjoni Malti C 94401 u li għandha l-indirizz irreġistrat bħala Flat 2, 'Refreshing Water', Triq Wied ir-Rajjes, Għajnsielem, Għawdex, Malta.

DELVETRO LTD, inkorporata fis-7 ta' Marzu, 2022 b'numru tar-reġistrazzjoni Malti C 101743 u li għandha l-indirizz irreġistrat bħala 71, Triq Misraħ il-Barrieri, l-Imsida, Malta.

DRIVINGFORCE LIMITED, inkorporata fil-15 ta' Lulju, 2019 b'numru tar-reġistrazzjoni Malti C 92500 u li għandha l-indirizz irreġistrat bħala Flat 2, 'Refreshing Water', Triq Wied ir-Rajjes, Għajnsielem, Għawdex, Malta.

VOLANDO LIMITED, inkorporata fit-28 ta' Settembru, 2021 b'numru tar-reġistrazzjoni Malti C 100315 u li għandha l-indirizz irreġistrat bħala Flat 2, 'Refreshing Water', Triq Wied ir-Rajjes, Għajnsielem, Għawdex, Malta.

NIMIK LTD, inkorporata fid-19 ta' Ottubru, 2021 b'numru tar-reġistrazzjoni Malti C 100506 u li għandha l-indirizz irreġistrat bħala 15, 'Stardust', Triq is-Sagħtar, Madliena, is-Swieqi, Malta.

DOUBLE LEISURE LTD, inkorporata fil-15 ta' Diċembru, 2021 b'numru tar-reġistrazzjoni Malti C 101041 u li għandha l-indirizz irreġistrat bħala C401, 'The Gaelotte', Mġarr Heights, Triq iż-Żewwieqa, Għajnsielem, Għawdex, Malta.

OBREGADO LTD, inkorporata fil-15 ta' Diċembru, 2021 b'numru tar-reġistrazzjoni Malti C 101048 u li għandha l-indirizz irreġistrat bħala C401, 'The Gaelotte', l-Imġarr Heights, Triq iż-Żewwieqa, Għajnsielem, Għawdex, Malta.

U

PERFORMANTE LTD, inkorporata fl-1 ta' Awwissu, 2022 b'numru tar-reġistrazzjoni Malti C 102886 u li għandha l-indirizz irreġistrat bħala 71, Triq Misraħ il-Barrieri, l-Imsida, Malta.

and registered address at Flat 2, 'Refreshing Water', Triq Wied ir-Rajjes, Għajnsielem, Gozo, Malta.

DAVVERO LTD, incorporated on the 22nd August, 2022 with Maltese registration number C 103052 and registered address at Flat 2, 'Refreshing Water', Triq Wied ir-Rajjes, Għajnsielem, Gozo, Malta.

SEMPRENOI LTD, incorporated on the 1st August, 2022 with Maltese registration number C 102884 and registered address at 71, Triq Misraħ il-Barrieri, Msida, Malta.

PAYRISE LIMITED, incorporated on the 24th December, 2019 with Maltese registration number C 94401 and registered address at Flat 2, 'Refreshing Water', Triq Wied ir-Rajjes, Għajnsielem, Gozo, Malta.

DELVETRO LTD, incorporated on the 7th March, 2022 with Maltese registration number C 101743 and registered address at 71, Triq Misraħ il-Barrieri, Msida, Malta.

DRIVINGFORCE LIMITED, incorporated on the 15th July, 2019 with Maltese registration number C 92500 and registered address at Flat 2, 'Refreshing Water', Triq Wied ir-Rajjes, Għajnsielem, Gozo, Malta.

VOLANDO LIMITED, incorporated on the 28th September, 2021 with Maltese registration number C 100315 and registered address at Flat 2, 'Refreshing Water', Triq Wied ir-Rajjes, Għajnsielem, Gozo, Malta.

NIMIK LTD, incorporated on the 19th October, 2021 with Maltese registration number C 100506 and registered address at 15, 'Stardust', Triq is-Sagħtar, Madliena, Swieqi, Malta.

DOUBLE LEISURE LTD, incorporated on the 15th December, 2021 with Maltese registration number C 101041 and registered address at C401, 'The Gaelotte', Mġarr Heights, Triq iż-Żewwieqa, Għajnsielem, Gozo, Malta.

OBREGADO LTD, incorporated on the 15th December, 2021 with Maltese registration number C 101048 and registered address at C401, 'The Gaelotte', Mġarr Heights, Triq iż-Żewwieqa, Għajnsielem, Gozo, Malta.

AND

PERFORMANTE LTD, incorporated on the 1st August, 2022 with Maltese registration number C 102886 and registered address at 71, Triq Misraħ il-Barrieri, Msida, Malta.

Il-Qorti TAĦTAR lil Dr Peter Fenech bħala amministratur tas-soċjetajiet STARSEEKERS LTD, ENNESSE LIMITED, NYG LTD, SOPROLIFIC LTD, SIAMOFORTI LTD, ACCOUNTINGWISE LTD, DAVVERO LTD, SEMPRENOI LTD, PAYRISE LIMITED, DELVETRO LTD, DRIVINGFORCE LIMITED, VOLANDO LIMITED, NIMIK LTD, DOUBLE LEISURE LTD, OBREGADO LTD, u PERFORMANTE LTD u b'effett immedjat jieħu f'idejh l-ġestjoni u l-amministrazzjoni ordinarja tas-soċjetajiet u tan-negozju kollu tagħhom filwaqt li jieħu l-miżuri meħtieġa għall-preservazzjoni aħjar tal-assi.

Dan l-avviż qed jiġi ppubblikat ai termini tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kapitolu 621 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illum, 7 ta' Novembru, 2024

IS-SUR ANTON SEVASTA
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

The Court APPOINTS Dr Peter Fenech as the administrator for the companies STARSEEKERS LTD, ENNESSE LIMITED, NYG LTD, SOPROLIFIC LTD, SIAMOFORTI LTD, ACCOUNTINGWISE LTD, DAVVERO LTD, SEMPRENOI LTD, PAYRISE LIMITED, DELVETRO LTD, DRIVINGFORCE LIMITED, VOLANDO LIMITED, NIMIK LTD, DOUBLE LEISURE LTD, OBREGADO LTD, and PERFORMANTE LTD and with immediate effect take over the management and ordinary administration of the mentioned companies and all their business while taking the necessary measures for the better preservation of assets.

This notice is being published in terms of the Proceeds of Crime Act, Chapter 621 of the Laws of Malta.

Today, 7th November, 2024

MR ANTON SEVASTA
Director, Asset Recovery Bureau

2630

ARB/C088/2024 – ORDNI TAL-IFFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fl-4 ta' Novembru, 2024 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali – (Maġistrat Dr Elaine Rizzo LL.D.). Kumpilazzjoni Numru 8749/2024, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

ABDIKARIM ISMAN OMAR, impjegat, ta' 28 sena, iben il-mejjet Isman (magħruf ukoll bħala Ismail) Omar u Khalima (magħrufha wkoll bħala Harima) xebba Tahir, imwieled is-Somalja fl-1 ta' Jannar, 1996, u residenti ġewwa 'Twilight', Flat 2B,Triq is-Silla, Marsaskala u detentur ta' dokument ta' Identifikazzjoni Malti bin-numru 119662A.

ORDNAT s-sekwestru f'idejn partijiet terzi b'mod ġenerali l-flus u kull proprjetà mobbli oħra dovuta jew li tappartjeni jew li hija ta' ABDIKARIM ISMAN OMAR u tipprojbixxi lill-imputat milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, iwiegħed, jipoteka jew jibdel jew xort' oħra jiddisponi minn kwalunkwe proprjetà immobbli jew mobbli li tkun proprjetà ta' jew inkella miżmuma minnu, u dan ai termini tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluži, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 22A tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin Euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu

ARB/C088/2024 – FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 4th November, 2024 given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Judicature – (Magistrate Dr Elaine Rizzo LL.D.). Compilation Number 8749/2024, in the case:

The Republic of Malta

Versus

ABDIKARIM ISMAN OMAR, employed, 28 years, son of the late Isman (also known as Ismail) Omar and Khalima (also known as Harima) née Tahir, born in Somalia on the 1st January, 1996, and residing at 'Twilight', Flat 2B, Triq is-Silla, Marsaskala and holder of a Maltese Identification document bearing number 119662A.

ORDERED the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable property due to or pertaining or belonging to ABDIKARIM ISMAN OMAR and prohibits the accused from transferring, pledging, hypothecating or otherwise disposing of any movable or immovable property, and this in terms of Article 22A of the Dangerous Drugs Ordinance, Chapter 101 of the Laws of Malta.

Any person who acts in contravention of the court order as mentioned in Article 22A referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a fine (multa) not exceeding eleven thousand and six hundred and

(€11,646.87) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' proprjetà li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Illum, 6 ta' Novembru, 2024

Is-Sur Anton Sevasta
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

forty-six Euro and eighty-seven cents (€11,646.87), or to imprisonment for a period not exceeding twelve months, or to both such fine and imprisonment.

Any transfer or other disposal of any property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Today, 6th November, 2024

Mr. Anton Sevasta
Director, Asset Recovery Bureau

2631

ARB/C090/2024 – ORDNI TAL-IFFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fl-4 ta' Novembru, 2024 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali – (Maġistrat Dr Elaine Rizzo LL.D.). Kumpilazzjoni Numru 8751/2024, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

MOHAMMED DIAKITE, kaħħal, ta' 28 sena, iben Yusef (magħruf ukoll bħala Yousef) u Aisha (magħrufha wkoll bħala Arisha) xebba Dari, imwieled il-Mali fit-12 ta' Diċembru, 1995, u residenti ġewwa Flat 5, Triq il-Karmnu, Birkirkara u detentur ta' dokument ta' Identifikazzjoni Taljan bin-numru MD0028996.

ORDNAT s-sekwestru f'idejn partijiet terzi b'mod ġenerali l-flus u kull proprjetà mobbli oħra dovuta jew li tappartjeni jew li hija ta' MOHAMMED DIAKITE u tipprojbixxi lill-imputat milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, iwiegħed, jipoteka jew jibdel jew xort' oħra jiddisponi minn kwalunkwe proprjetà immobbli jew mobbli li tkun proprjetà ta' jew inkella miżmuma minnu, u dan ai termini tal-Artikolu, tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 22A tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn tnax il-elf Euro (€12,000), jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il (12) xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' proprjetà li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

ARB/C090/2024 – FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 4th November, 2024 given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Judicature – (Magistrate Dr Elaine Rizzo LL.D.). Compilation Number 8751/2024, in the case:

The Republic of Malta

Versus

MOHAMMED DIAKITE, plasterer, 28 years, son of Yusef (also known as Yousef) Diakite and Aisha (also known as Arisha) née Dari, born in Mali on the 12th December, 1995, and residing at Flat 5, Triq il-Karmnu, Birkirkara and holder of an Italian Identification document bearing number MD0028996.

ORDERED the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable property due to or pertaining or belonging to MOHAMMED DIAKITE and prohibits the accused from transferring, pledging, hypothecating or otherwise disposing of any movable or immovable property, and this in terms of Article 22A of the Dangerous Drugs Ordinance, Chapter 101 of the Laws of Malta.

Any person who acts in contravention of the court order mentioned in Article 22A referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a fine (multa) not exceeding twelve thousand Euro (€12,000), or to imprisonment for a period not exceeding twelve (12) months, or to both such fine and imprisonment.

Any transfer or other disposal of any property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Illum, 6 ta' Novembru, 2024

IS-SUR ANTON SEVASTA
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

Today, 6th November, 2024

MR. ANTON SEVASTA
Director, Asset Recovery Bureau

2632

ARB/C017/2023 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TA' QBID U IFFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fil-5 ta' Novembru, 2024 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja – (Maġistrat Dr Rachel Montebello LL.D.). Kumpilazzjoni Numru 247/2023, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

SHERZOD RABBIMOV, direttur, ta' 41 sena, iben il-mejjet Narzulla Rabbimov u Dilbar Rabbimova xebba Muminova, imwieled l-Użbekistan fil-11 ta' Lulju, 1983, u residenti ġewwa 63, Queen's Peak, Flat 12, Triq il-Port Ruman, San Pawl il-Baħar u detentur ta' dokument ta' Identifikazzjoni Malti bin-numru 462512L u dokument ta' Identifikazzjoni Malti skadut bin-numru 34110A.

U

MATNAZAR MAMUROV, direttur, ta' 40 sena, iben il-mejtin Norboy u Karomat, imwieled l-Użbekistan fit-8 ta' Settembru, 1984, u residenti ġewwa 15, Green Park Court, Flat 8, Triq il-Melħ, San Pawl il-Baħar u detentur ta' dokument ta' Identifikazzjoni Malti bin-numru 45760A.

Il-Qorti ORDNAT illi l-ordni ta' qbid u iffriżar maħruġa fit-2 ta' Mejju, 2023 fil-konfront tal-imputat SHERZOD RABBIMOV qed tiġi limitata għas-segwenti proprjetà mobbli:

Il-fondi kollha depożitati fil-kont tal-bank intestat f'isem l-imputat li jispiċċa -6251 u miżmum mal-Lombard Bank (Malta) plc, bil-bilanċ ta' €24,040.44;

Il-fondi kollha depożitati fil-kont tal-bank intestat f'isem l-imputat li jispiċċa -6252 u miżmum mal-Lombard Bank (Malta) plc, bil-bilanċ ta' €6,052.73;

L-oġġetti mobbli kollha li jinsabu ġewwa Flat 12, 63, Queen's Peak, Triq il-Port Ruman, San Pawl il-Baħar, bil-valur ta' ċirka €7,710.00;

L-oġġetti mobbli kollha li jinsabu ġewwa Flat 7, Block D, Binja Kordin, Pjazza Sant' Antnin, Paola, bil-valur minimu ta' €5,200.00;

ARB/C017/2023 – VARIATION OF SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 5th November, 2024 given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry – (Magistrate Dr Rachel Montebello LL.D.). Compilation Number 247/2023, in the case:

The Republic of Malta

Versus

SHERZOD RABBIMOV, director, 41 years, son of the late Narzulla Rabbimov and Dilbar Rabbimova née Muminova, born in Uzbekistan on the 11th July, 1983, and residing at 63, Queen's Peak, Flat 12, Triq il-Port Ruman, San Pawl il-Baħar and holder of Maltese Identification document bearing number 462512L and expired Maltese Identification document bearing number 34110A.

AND

MATNAZAR MAMUROV, director, 40 years, son of the late Norboy and the late Karomat, born in Uzbekistan on the 8th September, 1984, and residing at 15, Green Park Court, Flat 8, Triq il-Melħ, San Pawl il-Baħar and holder of Maltese Identification document bearing number 45760A.

The Court ORDERED that the seizing and freezing order issued on 2nd May, 2023 against the accused SHERZOD RABBIMOV is being limited to the following movable property:

All of the funds deposited in the bank account registered in the name of the accused ending in -6251 and held at the Lombard Bank (Malta) plc, with a balance of €24,040.44;

All of the funds deposited in the bank account registered in the name of the accused ending in -6252 and held at the Lombard Bank (Malta) plc, with a balance of €6,052.73;

All of the movable objects found at Flat 12, 63, Queen's Peak, Roman Port Road, St. Paul's Bay, with a value of circa €7,710.00;

All of the movable objects found at Flat 7, Block D, Binja Kordin, St. Antnin Square, Paola, with a minimum value of €5,200.00;

Il-vettura tal-għamla Citroen Berlingo u ta' reġistrazzjoni Maltija bin-numru SHM-003;

bħala l-assi li għandhom ikunu soġġetti għall-konfiska fil-każ ta' sejbien ta' ħtija. B'dan illi l-proprjetà l-oħra tal-imputat ma għandhiex titqies bħala li tkun soġġetta għall-ordni ta' qbid u iffriżar.

Il-Qorti ORDNAT wkoll illi l-ordni ta' qbid u ffriżar maħruġa fit-2 ta' Mejju, 2023 fil-konfront tal-imputat MATNAZAR MAMUROV qed tiġi limitata għas-segwenti proprjetà mobbli:

Il-fondi depożitati fil-kont tal-bank intestat f'isem l-imputat li jispiċċa -7176 u miżmum mal-Bank of Valletta plc, sal-limitu ta' €45,540.00;

Sitt mitt (600) sehem ordinarju fis-soċjetà SHERMAX Co. Ltd (C 91780) b'valur nominali ta' €1.00 u liema huma mija fil-mija (100%) mħallsa;

bħala l-assi li għandhom ikunu soġġetti għall-konfiska fil-każ ta' sejbien ta' ħtija. B'dan illi l-proprjetà l-oħra tal-imputat ma għandhiex titqies bħala li tkun soġġetta għall-ordni ta' qbid u iffriżar.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 36 (4)(a) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kapitolu 621 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni ta' qbid u iffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (Maġistrat Dr Rachel Montebello LL.D.) fit-2 ta' Mejju, 2023 li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fit-12 ta' Mejju, 2023 fejn il-Qorti ordnat iż-żamma u s-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' SHERZOD RABBIMOV u MATNAZAR MAMUROV.

Illum, 7 ta' Novembru, 2024

IS-SUR ANTON SEVASTA
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

The vehicle of the make Citroen Berlingo with Maltese registration number SHM-003;

as the assets that shall be subject to confiscation in the case of a conviction. That the other property of the accused shall not be considered as being subject to the seizing and freezing order.

The Court further ORDERED that the seizing and freezing order issued on 2nd May, 2023 against the accused MATNAZAR MAMUROV is being limited to the following movable property:

The funds deposited in the bank account registered in the name of the accused ending in -7176 and held at the Bank of Valletta plc, up to the limit of €45,540.00;

Six hundred (600) ordinary shares in SHERMAX Co. Ltd (C 91780) with a nominal value of €1.00 and which are one hundred percent (100%) paid;

as the assets that shall be subject to confiscation in the case of a conviction. That the other property of the accused shall not be considered as being subject to the seizing and freezing order.

This variation is being published in terms of Article 36 (4)(a) of the Proceeds of Crime Act, Chapter 621 of the Laws of Malta, following a seizing and freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Rachel Montebello LL.D.) on the 2nd May, 2023 which was published in the Government Gazette on the 12th May, 2023 where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to SHERZOD RABBIMOV and MATNAZAR MAMUROV.

Today, 7th November, 2024

MR ANTON SEVASTA
Director, Asset Recovery Bureau

2633

Avviż ta' notifika maħruġ mill-Uffiċjal Reviżur sedenti fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Permezz ta' digriet mogħti fil-31 ta' Ottubru, 2024, ġiet ordnata, intera alia, il-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż għal darbtejn fil-gazzetti kollha lokali li joħorġu ta' kuljum, u dan sabiex iservi ta' notifika għall-persuna:

Clare White, 4303-301 Rar Street, Regina SA Skatchewan, S46 3AE, il-Kanada

Notice of notification issued by the Revising Officer sitting in the Court of Magistrates (Gozo)

By virtue of a decree issued on the 31st of October, 2024, it was ordered, inter alia, the publication of this notice twice in all the local daily newspapers, and this in order to serve as a notification with respect of the person:

Clare White, 4303-301 Rar Street, Regina SA Skatchewan, S46 3AE, Canada

Permezz ta' rikors ippreżentat lill-Uffiċjal Reviżur fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fit-30 ta' Ottubru, 2024, minn Joseph Vella ta' 87, 'Joseph', Triq Dun Ġorġ Preca, Ix-Xagħra, Għawdex, talab biex il-Kummissjoni Elettorali tiġi ordnata sabiex taqta' u tikkanċella r-reġistrazzjoni mir-Reġistru Elettorali tal-Elezzjoni Ġenerali, tal-Unjoni Ewropea, u tal-Kunsilli Lokali tal-imsemmija Clare White, 4303-301 Rar Street, Regina SA Skatchewan, S46 3AE, il-Kanada, (karta tal-identità numru 275767M) u dan peress li l-imsemmija persuna m'għandhiex jedd li tkun reġistrata fil-imsemmija reġistri.

L-imsemmi rikors huwa appuntat għas-smigħ għal nhar it-Tlieta, it-12 ta' Novembru, 2024 fis-1.00 p.m. fl-edifizzju tal-Qorti ta' Għawdex, Misraħ il-Katidral, Ir-Rabat, Għawdex.

Mogħti mill-Maġistrat Dott. Simone Grech, BA, LLD Mag. Jur. (Eur. Law), Uffiċjal Reviżur, Maġistrat tal-Qorti tal-Maġistrati, Għawdex.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Illum 6 ta' Novembru, 2024

MARGARET DE BATTISTA
Assistent Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali Għawdex

By means of an application filed to the Revising Officer in the Court of Magistrates (Gozo) on the 30th of October, 2024, by Joseph Vella of 87, 'Joseph' Triq Dun Ġorġ Preca, Xagħra, Gozo, whereby he requested that the Electoral Commission be ordered to strike off and cancel the registration from the Electoral Register of the General Election, of the European Union, and of the Local Councils of the said Clare White, of 4303-301 Rar Street , Regina SA Skatchewan , S46 3AE, Canada, (identity card number 275767M) and this due to the fact that the said person does not have the right to be registered in said registers.

The said application is scheduled for hearing on Tuesday, 12th of November, 2024, at 1.00 p.m. in the Gozo Court building, Misraħ il-Katidral, Victoria, Gozo.

Given by Magistrate Dr Simone Grech, BA, LLD, Mag. Jur. (Eur. Law), Revising Officer, Magistrate of the Court of Magistrates (Gozo).

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)

Today the 6th of November, 2024

MARGARET DE BATTISTA
Assistant Registrar, for the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

2634

Avviż ta' notifika maħruġ mill-Uffiċjal Reviżur sedenti fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Permezz ta' digriet mogħti fil-31 ta' Ottubru, 2024, ġiet ordnata, intera alia, il-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż għal darbtejn fil-gazzetti kollha lokali li joħorġu ta' kuljum, u dan sabiex iservi ta' notifika għall-persuna:

Louisa Jane Chalmers, 956, Triq Ta' Ġorf, Ix-Xagħra, Għawdex

Permezz ta' rikors ippreżentat lill-Uffiċjal Reviżur fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-31 ta' Ottubru, 2024, minn Vincenza Apap ta' 95B, Triq Ta' Ġorf, Ix-Xagħra, Għawdex, talbet biex il-Kummissjoni Elettorali tiġi ordnata sabiex taqta' u tikkanċella r-reġistrazzjoni mir-Reġistru Elettorali tal-Kunsilli Lokali tal-imsemmija Louisa Jane Chalmers, ta' 956, Triq Ta' Ġorf, Ix-Xagħra, Għawdex (karta tal-identità numru 0127473A) u dan peress li l-imsemmija persuna m'għandhiex jedd li tkun reġistrata fil-imsemmi reġistru.

L-imsemmi rikors huwa appuntat għas-smigħ għal nhar it-Tlieta, it-12 ta' Novembru, 2024, fis-1.10 p.m. fl-edifizzju tal-Qorti ta' Għawdex, Misraħ il-Katidral, Ir-Rabat, Għawdex.

Notice of notification issued by the Revising Officer sitting in the Court of Magistrates (Gozo)

By virtue of a decree issued on the 31st of October, 2024, it was ordered, inter alia, the publication of this notice twice in all the local daily newspapers, and this in order to serve as a notification with respect of the person:

Louisa Jane Chalmers of 956, Triq Ta' Ġorf, Xagħra, Gozo

By means of an application filed to the Revising Officer in the Court of Magistrates (Gozo) on the 31st of October, 2024, by Vincenza Apap of 95B, Triq ta' Ġorf, Xagħra, Gozo, whereby she requested that the Electoral Commission be ordered to strike off and cancel the registration from the Local Councils electoral register of the said Louisa Jane Chalmers of 956, Triq ta' Ġorf, Xagħra, Gozo (identity card number 0127473A) and this due to the fact that the said person does not have the right to be registered in said register.

The said application is scheduled for hearing on Tuesday, 12th of November, 2024, at 1.10 p.m. in the Gozo Court building, Misraħ il-Katidral, Victoria, Gozo.

Mogħti mill-Maġistrat Dott. Simone Grech, BA, LLD, Mag. Jur. (Eur. Law), Uffiċjal Reviżur, Maġistrat tal-Qorti tal-Maġistrati, Għawdex.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Illum 6 ta' Novembru, 2024

MARGARET DE BATTISTA
Assistent Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali Għawdex

Given by Magistrate Dr Simone Grech, BA, LLD, Mag. Jur. (Eur. Law), Revising Officer, Magistrate of the Court of Magistrates (Gozo).

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)

Today the 6th of November, 2024

MARGARET DE BATTISTA
Assistant Registrar, for the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

2635

Avviż ta' notifika maħruġ mill-Uffiċjal Reviżur sedenti fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Permezz ta' digriet mogħti fis-6 ta' Novembru, 2024, ġiet ordnata, intera alia, il-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż għal darbtejn fil-gazzetti kollha lokali li joħorġu ta' kuljum, u dan sabiex iservi ta' notifika għall-persuna:

Michael Bugeja, 51, Triq it-Tilliera, Ta' Sannat, Għawdex

Permezz ta' rikors ippreżentat lill-Uffiċjal Reviżur fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fl-4 ta' Novembru, 2024, minn Luke Masini ta' 51, 'Serendipity', Triq it-Tilliera, Ta' Sannat, Għawdex, talab biex il-Kummissjoni Elettorali tiġi ordnata sabiex taqta' u tikkanċella r-reġistrazzjoni mir-Reġistru Elettorali tal-Elezzjoni Ġenerali, tal-Unjoni Ewropea, u tal-Kunsilli Lokali tal-imsemmi Michael Bugeja, ta' 51, Triq it-Tilliera Ta' Sannat, Għawdex, (karta tal-identità numru 0041264G) u dan peress li l-imsemmija persuna m'għandhiex jedd li tkun reġistrata fl-imsemmija reġistri.

L-imsemmi rikors huwa appuntat għas-smigħ għal nhar it-Tlieta, it-12 ta' Novembru, 2024, fis-1.20 p.m. fl-edifizzju tal-Qorti ta' Għawdex, Misraħ il-Katidral, Ir-Rabat, Għawdex.

Mogħti mill-Maġistrat Dott. Simone Grech, BA, LLD, Mag. Jur. (Eur. Law), Uffiċjal Reviżur, Maġistrat tal-Qorti tal-Maġistrati, Għawdex.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Illum 6 ta' Novembru, 2024

MARGARET DE BATTISTA
Assistent Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali Għawdex

Notice of notification issued by the Revising Officer sitting in the Court of Magistrates (Gozo)

By virtue of a decree issued on the 6th of November, 2024, it was ordered, inter alia, the publication of this notice twice in all the local daily newspapers, and this in order to serve as a notification with respect of the person:

Michael Bugeja, of 51, Triq it-Tilliera, Ta' Sannat, Gozo

By means of an application filed to the Revising Officer in the Court of Magistrates (Gozo) on the 4th of November, 2024, by Luke Masini of 51, 'Serendipity', Triq it-Tilliera, Ta' Sannat, Gozo, whereby he requested that the Electoral Commission be ordered to strike off and cancel the registration from the Electoral Register of the General Election, of the European Union, and of the Local Councils of the said Michael Bugeja, of 51, Triq it-Tilliera, Ta' Sannat, Gozo, (identity card number 0041264G) and this due to the fact that the said person does not have the right to be registered in said registers.

The said application is scheduled for hearing on Tuesday, 12th of November, 2024, at 1.20 p.m. in the Gozo Court building, Misraħ il-Katidral, Victoria, Gozo.

Given by Magistrate Dr Simone Grech, BA, LLD, Mag. Jur. (Eur. Law), Revising Officer, Magistrate of the Court of Magistrates (Gozo).

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)

Today the 6th of November, 2024

MARGARET DE BATTISTA
Assistant Registrar, for the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

Permezz ta' digriet mogħti fit-2 ta' Ottubru 2024, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tal-Mandat ta' Zgumbrament Numru 1484/2024, fl-ismijiet (rikorrenti) Leonard Galea et vs (intimat) Gaetano Grima ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Gaetano Grima a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12).

Permezz ta' rikors ipprezentat mill-Bord li Jirregola l-Kera, fl-ismijiet (rikorrenti) Leonard Galea (KI 0579259M), Andrew Galea (KI 0735861M), Louise Anne Degiorgio (KI 0384067M), Mary armla mid-Dentist Edwin Galea (KI 0377001L) bħala uzufruttwarja tal-mejjet zewgha għal kull interess li jista' jkollha vs (intimat) Gaetano Grima (KI 656151M), fid-9 ta' Settembru 2024, ir-rikorrenti Leonard Galea (KI 0579259M) et talbu lil dan l-Onorabbli Board:

Jordna l-ħrug ta' Mandat ta' Zgumbrament kontra l-intimata (mill-fond infraskritt) in esekuzzjoni tas-sentenza infraskritta, u billi l-intimat naqas li jagħmel dan sal-lum.

Fond – 734, Triq il-Kbira San Guzepp, Hamrun

Sentenza: sentenza finali u mhux appellata deciza mill-Bord li Jirregola l-Kera bin-numru 622/2023JG fl-ismijiet Leonard Galea et vs Gaetano Grima deciza fil-15 ta' Lulju 2024 fejn il-Bord iddikjara l-kirja tal-fond in kwistjoni ossia 734, Triq il-Kbira San Guzepp, Hamrun bħala waħda terminata u ordna l-intimat ossia Gaetano Grima (KI 0656151M) sabiex jizgombra mill-istess fond fi zmien tletin (30) jum mid-data tas-sentenza – kopja tas-sentenza hija hawn annessa u mmarkata bħala Dok ST u certifikat ta' res judicata Dok CT hawn anness u mmarkat.

Illum 9 ta' Settembru 2024

Ipprezentant mill-Avukat Marcus Ciantar u l-PL Adriana Buhagiar

Mandat ta' Zgumbrament

Repubblika ta' Malta

Mandat tal-Qorti

Lill-Marixxall tal-Qorti

Mogħti mill-Qorti hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Magistrat Noel Bartolo LLD Duttur tal-Liġi.

By means of a decree of the 2nd October 2024, by the Rent Regulation Board, in the records of the Warrant of Eviction Number 1484/2024 in the names (Applicant) Leonard Galea et vs (respondent) Gaetano Grima the following publication was ordered for the purpose of service of the respondent Gaetano Grima in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap 12)

By means of an application in the Rent Regulation Board, in the names (applicants) Leonard Galea (ID 0579259M), Andrew Galea (ID 0735861M), Louise Anne Degiorgio (ID 0384067M), Mary widow of Dentist Edwin Galea (ID 0377001L) as usufructuary of her late husband for any interest she may have vs (respondent) Gaetano Grima (ID 656151M), filed on the 9th September 2024, the applicant Leonard Galea (ID 0579259M) asked this Honourable Board:

To order the issuing of a Warrant of Eviction against the respondents (from the under mentioned premises) in execution of the under mentioned judgement and this since the respondent failed to do this till this day.

Premises: 734, Triq il-Kbira San Guzepp, Hamrun

Judgement: final judgement and not appealed decided by the Rent Regulation Board with number 622/2023JG in the names Leonard Galea et vs Gaetano Grima decided on the 15th July 2024 whereby the Board declared the lease of the premises in question or rather 734, Triq il-Kbira San Guzepp, Hamrun as terminated and ordered the respondent or rather Gaetano Grima (KI 0656151M) to vacate the same premises within thirty (30) days from the date of the judgement – a copy of the judgement is hereby attached and marked as Doc ST and a certificate of res judicata Doc CT

Today 9th September 2024

Filed by Dr Marcus Ciantar and PL Adriana Buhagiar.

Warrant of Eviction

Republic of Malta

Court Warrant

To the Court Marshall

Given by the Court , above mentioned, with the witness of the Hon. Dr Noel Bartolo LL.D., Doctor of Laws.

Illum 10 ta' Settembru 2024.

Rikorrent – Id-Dura, 52, Triq il-Kokka, San Gwann.

Notifika: 734, Triq il-Kbira, San Guzepp, Hamrun

Registru tal-Qrati Superjuri, illum 8 ta' Novembru 2024.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Today 10th September 2024

Applicant – Id-Dura, 52, Triq il-Kokka, San Gwann.

Notification: 734, Triq il-Kbira, San Guzepp, Hamrun

Registry of the Superior Courts, today 8th November 2024.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2637

Permezz ta' digriet mogħti fid-9 ta' Ottubru 2024, mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tar-Rikors Numru 134/2024AL fl-ismijiet Warren Falzon vs Maria McKay sive McKay Falzon, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Maria McKay sive McKay Falzon a tenur tal-Artikolu 187(3) et seq tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Warren Falzon (KI 0529087M) vs Maria McKay sive McKay Falzon (KI 0550292M) fl-atti tar-rikors Numru 134/2024AC, pprezentat fil-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fis-27 ta' Gunju 2024, ir-rikorrenti Warren Falzon talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Permezz ta' sentenza preliminari, tordna l-waqfien tal-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet, bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 55 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet għal adulterju, sevizzji u ingurji gravi u ragunijiet oħra serji imputabbli lill-intimata, u tawtorizza lill-partijiet jgħixu separatament minn xulxin;

3. Tapplika kontra l-intimat d-dekadenza u s-sanzjonijiet imposti jew imponibbli ai termini ta' l-artikoli 48 et seq tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta u dan b'effett minn Novembru 2019 meta bdiet ir-relazzjoni adultera tagħha.

4. Tirregola l-kura u l-kustodja ta' l-ulied u tiffformalizza l-ħinijiet ta' l-access tar-rikorrent għal uliedu;

5. Takkorda zmien qasir u perentorju sabiex l-intimata tixtri sehem ir-rikorrent mid-dar matrimonjali, konsistenti fl-appartament internament immarkat bin-numru 7 formanti parti minn Blokk ittra A, gewwa Windmill Court

By means of a decree of the 9th October 2024 of the Civil Court (Family Section), in the records of the application in the names Warren Falzon vs Maria McKay sive McKay Falzon, Application Number 134/2024AL, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Maria McKay sive McKay Falzon in terms of Article 187(3) et seq of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap 12)

By means of an Application in the records of the application Number 134/2024AL in the names Warren Falzon (ID 0529087M) vs Maria McKay sive McKay Falzon (ID 0550292M), filed in the Civil Court (Family Section), on the 27th June 2024, the applicant Warren Falzon requested this Honourable Court to:

1. By means of a preliminary judgement, order the termination of the Community of acquests between the parties, by applying Article 55 of Chapter 16 of the Laws of Malta;

2. Declare and pronounce the personal separation between the parties on the basis of adultery, cruelty and grievous injury and other grievous reasons imputable to the respondent, and authorise the parties to live separately from each other;

3. Apply against the respondent the forfeiture and sanctions imposed or which may be imposed in terms of Article 48 et seq of Chapter 16 of the Laws of Malta and this with effect from November 2019 when her adulterous relationship started.

4. Regulate the care and custody of children and formalise the applicant's access times to his children;

5. Grant a short and peremptory period so that the respondent buys the applicant's share from the matrimonial home, consisting in the apartment internally marked with number 7 forming part of Block A, in Windmill Court

numru 94 Triq Sant'Agata, Bubaqra, Zurrieq jew sabiex alternattivament l-istess fond jinbiegħ lil terzi, u fin-nuqqas li l-istess fond jinbiegħ b'licitazzjoni u bl-offerti ta' oblaturi esterni; u

6. Tikikanonizza l-krediti li għandu r-rikorrent fil-konfront ta' martu u tal-komunjoni, tassenja lill-partijiet il-pussess ta' kwalunkwe beni parafernali li jistgħu jirrizultaw, tillikwida u xxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet billi taqsam u tassenja lill-partijiet rispettivi l-beni li ser jirrizultaw kif ukoll tagħti l-provvedimenti meħtiega dwar il-ħlas lura tal-facilitajiet bankarji ottenuti mill-partijiet matul iz-zwieg.

Bl-ispejjez kontra l-intimata li hija minn issa ngunta in subizzjoni u bir-rizerva ta' kull dritt ta' azzjoni ulterjuri fil-ligi.

Il-kawza fl-ismijiet Warren Falzon vs Maria McKay sive McKay Falzon (Rik Nru 134/2024AL) hija differita għas-27 ta' Novembru 2024 fid-9.15a.m.

Rikorrenti: 23, Raytan, Triq il-Proza, Qormi.

Intimata: 94, Windmill Court, Blk A, Fl 7, Triq Sant'Agata, Bubaqra, Zurrieq.

Reġistru tal-Qrati Civili (Sezzjoni Familja), illum 8 ta' November 2024.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

number 94 Triq Sant' Agata, Bubaqra, Zurrieq or so that alternatively the same premises be sold to third parties, and in default that the same premises be sold by licitation and with the offers of external bidders; and

6. Crytsallise the amounts which the applicant is owed from his wife and from the community of acquests, assign to the parties the possession of any paraphernal property which may result, liquidate and dissolve the Community of acquests existing between the parties by dividing and assigning to the respective parties the property which shall result as well as give the necessary directions with respect to the repayment of the banking facilities obtained by the parties during the marriage.

With costs against the respondent who is from now summoned so that a reference to her oath be made and reserving any right to any further action at law.

The application in the names Warren Falzon vs Maria McKay sive Falzon McKay, Application Number 134/2024AL has been postponed for hearing to the 27th November 2024 at 9.15a.m.

Applicant: 23, Raytan, Triq il-Proza, Qormi.

Respondent: 94, Windmill Court, Blk A, Fl 7, Triq Sant'Agata, Bubaqra, Zurrieq.

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 8th November 2024,

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2638

IKUN jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tat-30 t' Ottubru, 2024, u dan wara Rikors b'numru 952/2024, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, li jagħmel l-annotazzjonijiet jew korrezzjonijiet opportuni fl-Att tat-Twelid numru 6865/1946 sabiex isem Anna sive Annie Borg nee' Ferrito kull fejn jidher jiġi mibdul minn 'Anna' għal 'Annie'.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum, il-Ħamis 7 ta' Novembru, 2024

ADRIAN MICALLEF
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

IT IS hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 30th October, 2024, and upon an application numbered 952/2024, ordered:

To the Director of the Public Registry, to make the appropriate annotations or corrections in the Act of Birth number 6865/1946 so that the name of Anna sive Annie Borg nee' Ferrito wherever it appears is to be changed from 'Anna' to 'Annie'.

Court of Revision of Notarial Acts

Today, Thursday 7th November, 2024

ADRIAN MICALLEF
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*